SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

26 ta' Marzu 2026*

Werrej

I. Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawżi 9

A. Id-Deċiżjoni 2022/329 9

B. Id-Deċiżjoni 2014/145, kif emendata, b'mod partikolari, bid-Deċiżjoni 2022/329 10

C. Ir-Regolament Nru 269/2014 11

D. Id-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi (Kawżi C-696/23 P u C-35/24 P) 12

E. L-atti kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-111/24 P) 13

1. L-atti inizjali kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-111/24 P) 13

2. L-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-111/24 P) . . . 14

3. It-tieni atti ta' żamma kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P u C-711/23 P) 14

II. Ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati 15

A. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ewwel sentenza appellata (Kawża C-696/23 P) 15

B. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u t-tieni sentenza appellata (Kawża C-704/23 P) 16

C. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u t-tielet sentenza appellata (Kawża C-711/23 P) 17

D. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u r-raba' sentenza appellata (Kawża C-35/24 P) 19

E. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ħames sentenza appellata (Kawża C-111/24 P) 20

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet fl-appelli 21

A. Fuq it-tgħaqqid 21

* Lingwi tal-kawża: l-Ingliż u l-Franċiż.

B. Fuq it-talbiet għal intervent . . . 21

C. It-talbiet tal-partijiet fl-appelli . . . 21

1. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-686/23 P . . . 21

2. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-704/23 P . . . 22

3. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-711/23 P . . . 22

4. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-35/24 P . . . 23

5. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-111/24 P . . . 23

D. Fuq it-talbiet għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura . . . 24

1. Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-696/23 P . . . 24

2. Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-711/23 P . . . 25

IV. Fuq l-appelli . . . 25

A. Fuq l-aggravji bbażati fuq ksur tal-kriterju (g) mill-Qorti Ġenerali . . . 27

1. Fuq l-argumenti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tal-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa", fis-sens tal-kriterju (g) . . . 27

a) Fuq it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju fil-Kawża C-711/23 P kif ukoll fuq it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju fil-Kawża C-35/24 P . . . 28

1) L-argumenti tal-partijiet . . . 28

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 29

b) Fuq it-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, fuq l-ewwel sat-tielet parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, fuq l-ewwel ilment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P u fuq is-seba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P . . . 34

1) L-argumenti tal-partijiet . . . 34

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 35

2. Fuq l-aggravji bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g) . . . 37

a) L-argumenti tal-partijiet . . . 37

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 39

1) Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P . . . 39

2) Fuq il-mertu 41

i) Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P, fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P u fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P 41

ii) Fuq l-ewwel u t-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P kif ukoll fuq it-tieni aggravju u l-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P 45

B. Fuq l-aggravji bbażati fuq ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta kif ukoll fuq it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P 48

1. Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-696/23 P, ibbażat fuq ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta 48

a) L-argumenti tal-partijiet 48

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 48

2. Fuq ir-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P u fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-704/23 P, ibbażati fuq ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll fuq it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-704/23 P, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità 50

a) L-argumenti tal-partijiet 50

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 51

1) Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P 51

2) Fuq il-mertu 52

i) Osservazzjonijiet preliminari 52

ii) Analiżi 54

3. Fuq it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P 56

a) L-argumenti tal-partijiet 56

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 57

C. Fuq l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-eċċezzjonijiet ta' illegalità tal-kriterju (g) 58

1. Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-111/24 P 58

a) L-argumenti tal-partijiet 58

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 59

2. Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravji fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P 61

a) L-argumenti tal-partijiet 61

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 62

D. Fuq l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament 64

1. L-argumenti tal-partijiet 64

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 65

E. Fuq l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi u fuq żnaturamenti ta' fatti u ta' provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-elementi li jikkostitwixxu l-kriterju (g) kinux issodisfatti fir-rigward tal-ħames appellanti 66

1. Fuq l-allegati żbalji ta' liġi u żnaturamenti mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-kwistjoni dwar jekk is-setturi ekonomiċi li fihom joperaw jew kienu joperaw it-tieni sal-ħames appellant jikkostitwixxux sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa 67

a) Fuq it-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P u fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P 67

1) L-argumenti tal-partijiet 67

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 69

i) Fuq l-ammissibbiltà tat-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P u tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P 69

ii) Fuq il-mertu 69

b) Fuq l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju u r-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, fuq it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju, l-ewwel parti u t-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P, kif ukoll fuq il-ħames u s-sitt aggravju fil-Kawża C-111/24 P 71

i) Fuq l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P . . . 71

– L-argumenti tal-partijiet 71

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 71

ii) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju kif ukoll fuq ir-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P 73

– L-argumenti tal-partijiet 73

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 74

iii) Fuq it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll fuq l-ewwel parti u t-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P 75

– L-argumenti tal-partijiet 75

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 76

iv) Fuq il-ħames u s-sitt aggravju fil-Kawża C-111/24 P 78

– L-argumenti tal-partijiet 78

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 79

2. Fuq l-allegati żbalji ta' liġi u żnaturamenti mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-"influwenza" tat-tieni appellant u tal-eżerċizzju ta' "attività" mill-ewwel u mill-ħames appellant, fis-sens tal-kriterju (g) 80

a) Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-696/23 P 80

1) L-argumenti tal-partijiet 80

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 80

b) Fuq it-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P 81

1) L-argumenti tal-partijiet 81

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 81

c) Kawża C-111/24 P 82

1) L-argumenti tal-partijiet 82

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 83

i) Fuq l-ammissibbiltà 83

ii) Fuq il-mertu 84

F. Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju u fuq il-ħames aggravju fil-Kawża C-696/23 P, fuq it-tielet kap tat-talbiet fil-Kawża C-704/23 P, fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P u fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-111/24 P 85

1. Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju u fuq il-ħames aggravju fil-Kawża C-696/23 P 85

1) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju 85

i) L-argumenti tal-partijiet 85

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 85

2) Fuq il-ħames aggravju 86

2. Fuq it-tielet kap tat-talbiet fil-Kawża C-704/23 P 86

3. Fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P 86

4. Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-111/24 P 87

a) L-argumenti tal-partijiet 87

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 87

V. Konklużjoni 89

VI. Fuq l-ispejjeż 89

"Appell – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-aggressjoni militari kontra l-Ukraina – Deċiżjoni 2014/145/PESK – Artikolu 1(1)(e) u Artikolu 2(1)(g) – Regolament (UE) Nru 269/2014 – Artikolu 3(1)(g) – Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Kunċett ta' 'negozjant ewlieni li jeżerċita attività fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa' – Eċċezzjoni ta' illegalità – Artikoli 7, 16, 17 u 47 u Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, libertà ta' intrapriża, dritt għall-proprjetà u dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv – Limitazzjonijiet – Prinċipji ta' legalità u ta' proporzjonalità – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament"

Fil-Kawżi magħquda C-696/23 P, C-704/23 P, C-711/23 P, C-35/24 P u C-111/24 P,

li għandhom bħala suġġett ħames appelli skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentati, fir-rigward tal-Kawżi C-696/23 P u C-704/23 P, fis-16 ta' Novembru 2023, fir-rigward tal-Kawża C-711/23 P, fit-22 ta' Novembru 2023, fir-rigward tal-Kawża C-35/24 P, fit-18 ta' Jannar 2024 u, fir-rigward tal-Kawża C-111/24 P, fit-8 ta' Frar 2024,

Dmitry Alexandrovich Pumpyanskiy, residenti f'Yekaterinburg (ir-Russja), irrappreżentat minn A. Egger, P. Goeth, G. Lansky u E. Steiner, Rechtsanwälte (C-696/23 P),

Tigran Khudaverdyan, residenti f'Moska (ir-Russja), irrappreżentat inizjalment minn F. Bélot, T. Bontinck, M. Brésart u J. Goffin, sussegwentement minn F. Bélot, T. Bontinck, u J. Goffin, avocats (C-704/23 P),

Viktor Filippovich Rashnikov, residenti f'Magnitogorsk (ir-Russja), irrappreżentat minn M. Campa, avvocato, M. Moretto, avocat, M. Pirovano, avvocata, D. Rovetta, avocat, u V. Villante, avvocato (C-711/23 P),

Dmitry Arkadievich Mazepin, residenti f'Moska, irrappreżentat minn A. Bass, avocat, M. Campa, avvocato, M. Moretto, D. Rovetta, avocats, u V. Villante, avvocato (C-35/24 P),

German Khan, residenti f'Londra (ir-Renju Unit), irrappreżentat minn A. Bass u T. Marembert, avocats (C-111/24 P),

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża huma:

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat inizjalment minn B. Driessen, P. Mahnič, P. Pecheux, V. Piessevaux, J. Rurarz, L. Vétillard u S. Van Overmeire, sussegwentement minn B. Driessen, P. Pecheux, V. Piessevaux, J. Rurarz, L. Vétillard u S. Van Overmeire, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

sostnut minn:

Ir-Repubblika Ċeka, irrappreżentata minn K. Najmanová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Carpus Carcea u L. Puccio, bħala aġenti,

intervenjenti fl-appell (C-35/24 P),

Ir-Repubblika tal-Latvja, irrappreżentata minn J. Davidoviča, K. Pommere u S. Zābele, bħala aġenti,

intervenjenti fl-ewwel istanza (C-35/24 P),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, C. Lycourgos, I. Jarukaitis, M. L. Arastey Sahún (Relatriċi), I. Ziemele, J. Passer, O. Spineanu-Matei, M. Condinanzi u F. Schalin, Presidenti ta' Awla, E. Regan, N. Piçarra, A. Kumin, B. Smulders, S. Gervasoni u N. Fenger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Lamote, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Frar 2025,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu fil-Kawża C-696/23 P, Dmitry Alexandrovich Pumpyanski (iktar 'il quddiem l-"ewwel appellant") jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Settembru 2023, Pumpyanskiy vs Il-Kunsill (T-270/22, iktar 'il quddiem l-"ewwel sentenza appellata", EU:T:2023:490), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 80, p. 31, rettifiki fil-ĠU 2022, L 117, p. 118 u fil-ĠU 2022, L 156, p. 160), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/396 tad-9 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li

jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 80, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2022, L 117, p. 117 u fil-ĠU 2022, L 154, p. 76) (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi"), sa fejn id-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi jinkludu ismu fil-listi annessi magħhom.

2 Permezz tal-appell tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, Tigran Khudaverdyan (iktar 'il quddiem it-"tieni appellant") jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2023, Khudaverdyan vs Il-Kunsill (T-335/22, iktar 'il quddiem it-"tieni sentenza appellata", EU:T:2023:500), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 87 I, p. 44, rettifika fil-ĠU 2022, L 105, p. 67) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 87 I, p. 1, rettifika fil-ĠU 2022, L 105, p. 66) (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"atti inizjali kontenzjużi"), it-tieni nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 149), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 239, p. 1) (iktar 'il quddiem, flimkien, "l-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi"), u, it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/572 tat-13 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2023, L 75 I, p. 134), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/571 tat-13 ta' Marzu 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2023, L 75 I, p. 1) (iktar 'il quddiem, flimkien, it-"tieni atti ta' żamma kontenzjużi" u, flimkien mal-atti inizjali kontenzjużi, l-"atti kontenzjużi"), sa fejn l-atti kontenzjużi jinkludu u jżommu ismu fil-listi annessi magħhom.

3 Permezz tal-appell tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, Viktor Filippovich Rashnikov (iktar 'il quddiem it-"tielet appellant") jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2023, Rashnikov vs Il-Kunsill (T-305/22, iktar 'il quddiem it-"tielet sentenza appellata", EU:T:2023:530), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tal-atti kontenzjużi, sa fejn dawn l-atti jinkludu u jżommu ismu fil-listi annessi magħhom.

4 Permezz tal-appell tiegħu fil-Kawża C-35/24 P, Dmitry Arkadievich Mazepin (iktar 'il quddiem ir-"raba' appellant") jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2023, Mazepin vs Il-Kunsill (T-282/22, iktar 'il quddiem ir-"raba' sentenza appellata", EU:T:2023:701), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, sa fejn dawn l-atti jinkludu u jżommu ismu fil-listi annessi magħhom.

5 Permezz tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, German Khan (iktar 'il quddiem il-"ħames appellant") jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2023, Khan vs Il-Kunsill (T-333/22, iktar 'il quddiem il-"ħames sentenza appellata", EU:T:2023:758), li

permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tal-atti inizjali kontenzjużi u tal-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi, sa fejn dawn l-atti jinkludu u jżommu ismu fil-listi annessi magħhom.

I. Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawżi

6 Il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawżi huwa espost fil-punti 2 sa 17 tal-ewwel sentenza appellata, fil-punti 2 sa 18 tat-tieni sentenza appellata, fil-punti 2 sa 25 tat-tielet sentenza appellata, fil-punti 2 sa 15 tar-raba' sentenza appellata kif ukoll fil-punti 2 sa 18 tal-ħames sentenza appellata. Għall-finijiet tal-kawżi ineżami, dan il-kuntest jista' jiġi miġbur fil-qosor u kkompletat kif ġej.

7 Il-kawżi ineżami jaqgħu fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea sa mis-sena 2014 b'reazzjoni għall-azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

8 L-ewwel, it-tielet u r-raba' appellant huma negozjanti ta' nazzjonalità Russa, it-tieni appellant huwa negozjant ta' nazzjonalità Armena u l-ħames appellant huwa negozjant li għandu n-nazzjonalità Russa u Iżraeljana.

9 Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, abbażi tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16).

10 Fl-istess jum, il-Kunsill adotta, abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64).

11 Wara l-invażjoni tal-Ukraina mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta, fil-25 ta' Frar 2022, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/329 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 50, p. 1). Fl-istess jum, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2022/330 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 51, p. 1).

A. Id-Deċiżjoni 2022/329

12 Il-premessi 5 u 8 sa 11 tad-Deċiżjoni 2022/329 jiddikjaraw:

> "(5) Fl-24 ta' Jannar 2022, […] il-Kunsill tenna li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri mir-Russja kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u kost kbir, inkluż firxa wiesgħa ta' miżuri restrittivi settorjali u individwali li jiġu adottati f'koordinazzjoni mas-sħab.
>
> […]

(8) Fit-22 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna dak l-att illegali, li jkompli jdgħajjef is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u huwa ksur serju tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Ħelsinki, il-Karta ta' Pariġi u l-Memorandum ta' Budapest, kif ukoll tal-Ftehimiet ta' Minsk u tar-Riżoluzzjoni 2202 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2015). Ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lir-Russja, bħala parti fil-konflitt, biex treġġa' lura dak ir-rikonoxximent, tonora l-impenji tagħha, tirrispetta d-dritt internazzjonali u terġa' lura għad-diskussjonijiet fil-format tan-Normandija u l-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali. Huwa ħabbar li l-Unjoni ser twieġeb għal dan l-aħħar ksur mir-Russja billi tadotta miżuri restrittivi addizzjonali b'urġenza.

(9) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk fuq l-Ukrajna. Dan l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

(10) Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli [tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà] ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u l-involviment tal-Belarussja f'din l-aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli [tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà] indika li r-rispons tal-Unjoni ser jinkludi miżuri restrittivi kemm settorjali kif ukoll individwali.

(11) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li l-kriterji ta' dežinjazzjoni jenħtieġ li jiġu emendati biex jinkludu persuni u entitajiet li jappoġġaw u jibbenefikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa kif ukoll persuni u entitajiet li jipprovdulu sors sostanzjali ta' dħul, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati ma' persuni jew entitajiet elenkati."

B. Id-Deċiżjoni 2014/145, kif emendata, b'mod partikolari, bid-Deċiżjoni 2022/329

13 L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2014/145, kif emendata bid-Deċiżjoni 2022/329 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2014/145"), jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jieħdu l-miżuri neċessarji, bla ħsara għad-derogi speċifikati fil-paragrafi 2, 3 u 6 ta' dan l-Artikolu 1, sabiex jipprevjenu d-dħul jew it-tranżitu fit-territorju tagħhom, fost oħrajn, tal-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji previsti b'mod partikolari fil-punti (a), (b), (d) u (e) tiegħu.

14 L-Artikolu 2(1)(a), (d), (f) u (g) tad-Deċiżjoni 2014/145 jipprevedi l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu b'mod partikolari lill-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji ddefiniti minn dawn il-punti, kif ukoll tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi kollha li dawn il-persuni jippossjedu, iżommu jew jikkontrollaw, liema kriterji huma essenzjalment identiċi għal dawk previsti fl-Artikolu 1(1)(a), (b), (d) u (e) ta' din id-deċiżjoni. Din id-dispożizzjoni hija fformulata kif ġej:

"Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew li jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna;

[…]

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna;

[…]

(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna; jew

(g) negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna,

[…]

u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati."

15 Fil-verżjoni inizjali tiegħu, l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2014/145 kien ifformulat kif ġej:

"Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappertjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuni fiżiċi responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati."

16 L-Artikolu 2(3) sa (5), (7) u (8) tad-Deċiżjoni 2014/145 jipprevedi, essenzjalment, li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi u kundizzjonijiet, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati u jawtorizzaw pagamenti lil ċerti entitajiet u li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness ta' din id-deċiżjoni jistgħu jwettqu pagamenti dovuti abbażi ta' kuntratt konkluż qabel id-data li fiha huma ġew inklużi f'din il-lista.

17 It-tielet paragrafu tal-Artikolu 6 tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi li din tal-aħħar għandha tkun is-suġġett ta' monitoraġġ kontinwu u li għandha tiġi estiża jew, jekk ikun il-każ, emendata, jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħha ma jkunux intlaħqu.

C. Ir-Regolament Nru 269/2014

18 L-Artikolu 3(1)(a), (d), (f) u (g) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat bir-Regolament 2022/330 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 269/2014"), jelenka l-kriterji li jirregolaw, fost oħrajn, l-inklużjoni, fil-lista li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-regolament, ta' persuni fiżiċi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom huma ffriżati konformement mal-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament. Dawn il-kriterji huma, essenzjalment, identiċi għal dawk imsemmija fil-punt 14 ta' din is-sentenza.

19 L-Artikoli 4 sa 6b tal-istess regolament jirriproduċu, essenzjalment, l-istess dispożizzjonijiet bħal dawk li jinsabu, rispettivament, fil-paragrafi 3 sa 5, 7 u 8 tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2014/145.

20 L-Artikolu 14(4) tar-Regolament Nru 269/2014 jipprovdi li l-lista li tinsab fl-Anness I tiegħu għandha tiġi rreveduta f'intervalli regolari u mill-inqas kull tnax-il xahar.

D. Id-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi (Kawżi C-696/23 P u C-35/24 P)

21 Fid-9 ta' Marzu 2022, fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi. Permezz ta' dawn l-atti, l-isem tal-ewwel u tar-raba' appellant ġew inklużi, rispettivament, fil-lista annessa mad-Deċiżjoni 2014/145 kif ukoll f'dik li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014, għar-raġunijiet segwenti:

"[L-ewwel appellant] huwa l-President tal-bord tad-diretturi ta' PJSC Pipe Metallurgic Company [(iktar 'il quddiem 'TMK')] u l-President u membru tal-bord tal-Grupp Sinara. Huwa għalhekk jappoġġa u jibbenefika mill-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa u intrapriżi tal-Istat, fosthom Russian Railways, Gazprom u Rosneft. Huwa għalhekk involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.

Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, [l-ewwel appellant], flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President Vladimir Putin u membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib ta' Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta l-azzjonijiet jew il-politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.

[…]

[Ir-raba' appellant] huwa s-sid u [l-President Direttur Ġenerali] tal-kumpannija tal-fertilizzanti minerali Uralchem. Uralchem Group hija manifattur Russu ta' firxa wiesgħa ta' prodotti kimiċi, fosthom fertilizzanti minerali u ammoniac saltpetre. Skont il-kumpannija, hija l-akbar produttur ta' nitrat tal-ammonju kif ukoll it-tieni l-akbar produttur tal-ammonijaka u ta' fertilizzanti nitroġenużi fir-Russja. [Ir-raba' appellant] huwa għalhekk involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.

Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, [ir-raba' appellant], flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President Vladimir Putin u membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib ta' Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta l-azzjonijiet jew il-politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Dan juri wkoll li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.

F'Diċembru 2021, [ir-raba' appellant] rreġistra mill-ġdid il-kumpanniji tiegħu bbażati f'Ċipru Uralchem Holding u CI-Chemical Invest, li jikkontrollaw 'Uralchem', sabiex jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni Russa fid-distrett amministrattiv speċjali fuq il-gżira ta' Oktyabrsky fir-Reġjun ta' Kaliningrad."

E. L-atti kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-111/24 P)

1. L-atti inizjali kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-111/24 P)

22 Fil-15 ta' Marzu 2022, fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, il-Kunsill adotta l-atti inizjali kontenzjużi. Permezz ta' dawn l-atti, l-ismijiet tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames appellant ġew miżjuda fil-lista annessa mad-Deċiżjoni 2014/145 kif ukoll f'dik li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014, għar-raġunijiet li ġejjin, li huma fformulati b'mod identiku f'dawn iż-żewġ listi:

"[Il-ħames appellant] huwa azzjonist ewlieni tal-konglomerat Alfa Group, li jinkludi Alfa Bank, wieħed mill-akbar kontribwenti fir-Russja. Huwa maħsub li huwa wieħed mill-aktar persuni influwenti fir-Russja. Bħal sidien oħra ta' Alfa Bank (Mikhail Fridman u Petr Aven), huwa jżomm relazzjoni mill-qrib ma' Vladimir Putin u jkompli jkollu favuri sinifikanti miegħu. Is-sidien ta' Alfa Group jirċievu benefiċċji kummerċjali u legali minn din ir-relazzjoni. It-tifla l-kbira ta' Vladimir Putin, Maria, mexxiet proġett tal-karità, Alfa-Endo, li kien iffinanzjat minn Alfa Bank. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group lejn l-awtoritajiet Russi billi pprovda għajnuna politika lill-pjanijiet ta' investimenti barranin ta' Alfa Group.

Għalhekk huwa appoġġa attivament materjalment jew finanzjarjament, u bbenefika minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll wieħed min-negozjanti Russi ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.

[…]

[It-tielet appellant] huwa oligarka ewlieni Russu li huwa s-sid u l-president tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija Magnitogorsk Iron & Steel Works (MMK). MMK hija waħda mill-akbar kontribwenti fir-Russja. Dan l-aħħar, il-piż tat-taxxa fuq il-kumpannija żdied, u dan irriżulta fi dħul konsiderevolment ogħla għall-baġit tal-Istat Russu.

Huwa għalhekk negozjant ewlieni Russu involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.

[…]

[It-tieni appellant] huwa d-direttur eżekuttiv ta' Yandex [NV] – waħda mill-kumpanniji ewlenin ta' teknoloġija fir-Russja, li tispeċjalizza fi prodotti u servizzi intelliġenti mħaddma mit-tagħlim awtomatiku. L-ex kap tal-aħbarijiet ta' Yandex akkuża lill-kumpannija li hija 'element ewlieni fil-ħabi ta' informazzjoni' lir-Russi dwar il-gwerra fl-Ukrajna. Barra minn hekk, il-kumpannija

bdiet twissi lill-utenti Russi li bdew ifittxu aħbarijiet dwar l-Ukrajna fuq is-sistema ta' tiftix tagħha dwar informazzjoni mhux affidabbli fuq l-internet, wara li l-Gvern Russu hedded lill-medja Russa rigward dak li huma jippubblikaw.

Fl-24 ta' Frar 2022, [it-tieni appellant] attenda laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin ma' Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-miżuri meħuda wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa wkoll wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna."

23 Il-premessa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/427, wieħed miż-żewġ atti inizjali kontenzjużi, tiddikjara:

"Fil-25 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta r-[Regolament 2022/330], li emenda l-kriterji ta' dežinjazzjoni biex jiġu inklużi persuni u entitajiet li jappoġġaw lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u jibbenefikaw minnu, persuni u entitajiet li jipprovdu lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa sors sostanzjali ta' dħul, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati ma' persuni jew entitajiet elenkati."

2. L-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-111/24 P)

24 Fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kunsill adotta l-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi, li permezz tagħhom żamm l-inklużjoni tal-ismijiet tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames appellant fil-lista annessa mad-Deċiżjoni 2014/145 kif ukoll f'dik li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014 abbażi tal-istess motivazzjoni bħal dik riprodotta fil-punt 22 ta' din is-sentenza, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li, fir-rigward tat-tieni appellant, il-motivazzjoni kienet issa tippreċiża li huwa kien l-"ex" direttur eżekuttiv ta' Yandex.

3. It-tieni atti ta' żamma kontenzjużi (Kawżi C-704/23 P u C-711/23 P)

25 Fit-13 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta t-tieni atti ta' żamma kontenzjużi, li permezz tagħhom żamm l-inklużjoni tal-ismijiet tat-tieni u tat-tielet appellant fil-listi annessi mad-Deċiżjoni 2014/145 u mar-Regolament Nru 269/2014. Filwaqt li l-motivazzjoni ta' din l-inklużjoni ma nbidlitx fir-rigward tat-tielet appellant, dik tal-inklużjoni tat-tieni appellant kienet issa fformulata kif ġej:

"[It-tieni appellant] huwa eks Direttur Eżekuttiv u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex N.V., u rriżenja minn dawk il-pożizzjonijiet wara d-dežinjazzjoni tiegħu mill-Unjoni Ewropea. Huwa jibqa' fost l-ogħla maniġers ta' Yandex, filwaqt li jfassal l-attivitajiet tal-kumpanija.

Yandex hija l-akbar ditta teknoloġika fir-Russja. Din iġġib magħha dħul konsiderevoli mit-taxxa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-banek tal-Istat Russu bħal Sberbank u VTB huma azzjonisti u investituri fil-kumpanija. Fl-2019, Yandex aċċettat ristrutturar li ta 'sehem tad-deheb' lil Fondazzjoni ta' Interess Pubbliku li kien għadha kemm ġiet iffurmata, bl-għan li 'tiddefendi l-interessi tal-Federazzjoni Russa'. Permezz tal-Fondazzjoni ta' Interess Pubbliku, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa jista' jkollu veto fuq lista definita ta' kwistjonijiet.

Minn meta bdiet il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Yandex segwiet il-politika ta' informazzjoni u ċ-ċensura tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Ir-riżultati tat-tiftix tal-magna tat-tiftix Yandex ikkonformaw mat-talbiet tal-awtoritajiet Russi, u juru biss is-sorsi relatati mal-propaganda Russa favur il-gwerra. Barra minn hekk, Yandex għenet lil xi siti web jippromwovu dikjarazzjonijiet foloz u favur ir-Russja fir-rigward tal-invażjoni tal-Ukrajna biex tiġġenera profitt permezz tar-reklamar diġitali.

Fl-24 ta' Frar 2022, [it-tieni appellant] attenda laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin ma' Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-miżuri meħuda wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.

Huwa negozjant ewlieni involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u huwa appoġġa b'mod materjali jew finanzjarju lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna."

II. Ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

A. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ewwel sentenza appellata (Kawża C-696/23 P)

26 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Mejju 2022, l-ewwel appellant ippreżenta rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh. Fil-kuntest tar-rikors għal annullament tiegħu, huwa kkontesta b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-Kunsill fis-sens li s-sitwazzjoni tiegħu kienet tissodisfa l-kriterju msemmi fl-Artikolu 1(1)(e) u fl-Artikolu 2(1)(g) tad-Deċiżjoni 2014/145 kif ukoll fl-Artikolu 3(1)(g) tar-Regolament Nru 269/2014 (iktar 'il quddiem il-"kriterju (g)"). Huwa qies li, billi pproċediet b'dan il-mod, dik l-istituzzjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u li hija kienet barra minn hekk kisret id-drittijiet fundamentali tiegħu kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

27 Permezz tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-ewwel appellant. Fir-rigward tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, fil-punti 51, 56 u 58 ta' dik is-sentenza, li l-Kunsill kien ipproduċa sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li setgħu juru, minn naħa, li l-ewwel appellant kien negozjant ewlieni minħabba l-funzjonijiet tiegħu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara u, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl ta' dawn il-funzjonijiet u tad-diversi setturi ta' attivitajiet li fihom kienu joperaw dawn iż-żewġ impriżi, l-attività tiegħu kienet tirrigwarda setturi ekonomiċi li kienu jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fil-punt 57 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-kunċett ta' "sors sostanzjali ta' dħul", fis-sens tal-kriterju (g), kien relatat ma' sors ta' dħul sinjifikattiv u mhux negliġibbli pprovdut mis-setturi ekonomiċi.

28 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 62 tal-ewwel sentenza appellata, li l-fatt li l-ewwel appellant kien irriżenja mill-funzjonijiet tiegħu fi ħdan iż-żewġ kumpanniji kkonċernati fl-istess jum tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi ma kienx rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-legalità ta' dawn l-atti sa fejn, fil-jum

tal-adozzjoni tagħhom, huwa kien għadu jokkupa dawn il-funzjonijiet. Fil-punt 63 ta' dik is-sentenza, hija ddeċidiet ukoll li lanqas ma kien rilevanti l-fatt li l-ewwel appellant kien allegatament ittrasferixxa l-azzjonijiet li huwa kellu f'dawn iż-żewġ kumpanniji ftit jiem qabel l-adozzjoni tal-imsemmija atti peress li r-raġunijiet ta' dawn tal-aħħar la huma bbażati fuq il-kontroll tal-imsemmija kumpanniji minn dan l-appellant u lanqas ma huma bbażati fuq l-istatus ta' azzjonist ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 65 tal-imsemmija sentenza, li funzjonijiet bħal dawk eżerċitati mill-ewwel appellant fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara kienu jippermettu, waħedhom, li jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g), indipendentement mill-kontroll eżerċitat minn dan l-appellant fuq dawn il-kumpanniji.

29 Fil-punt 66 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-formulazzjoni tal-kriterju (g) ma kienet tħalli lok għal ebda dubju dwar il-fatt li s-"sors sostanzjali ta' dħul" imsemmi minn dan il-kriterju ma kellux joriġina minn "negozjanti ewlenin", iżda minn "setturi ekonomiċi". Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll, fil-punt 67 ta' dik is-sentenza, l-argument tal-ewwel appellant fis-sens li l-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq is-sempliċi fatt li TMK u l-grupp Sinara kienu jħallsu taxxi fir-Russja, sa fejn dan l-argument ma kellux bażi fattwali.

30 Fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 79 tal-ewwel sentenza appellata, li l-erba' kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kienu ssodisfatti f'dan il-każ. B'mod partikolari, hija ddeċidiet, fil-punt 80 ta' dik is-sentenza, li l-miżuri restrittivi li d-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi kienu jimponu fuq l-ewwel appellant kienu "previsti mil-liġi", peress li dawn il-miżuri kienu stabbiliti f'atti li għandhom b'mod partikolari portata ġenerali u li għandhom bażi legali ċara fid-dritt tal-Unjoni.

31 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 86 tal-imsemmija sentenza, li hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'qasam li fih il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni, meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità tagħha. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 87 sa 95 tal-istess sentenza, li r-restrizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel appellant, li kienu jirriżultaw minn dawn il-miżuri restrittivi, ma kinux sproporzjonati.

B. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u t-tieni sentenza appellata (Kawża C-704/23 P)

32 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Ġunju 2022, it-tieni appellant ippreżenta rikors intiż għall-annullament tal-atti kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh. Fil-kuntest tar-rikors għal annullament tiegħu, huwa kkontesta b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-Kunsill fis-sens li s-sitwazzjoni tiegħu kienet tissodisfa l-kriterju (g). Huwa qies li, billi pproċediet b'dan il-mod, dik l-istituzzjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u li hija kienet barra minn hekk kisret id-drittijiet fundamentali tiegħu kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

33 Permezz tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors. Fir-rigward tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punti 79 sa 81 ta' dik is-sentenza, li, fid-dawl b'mod partikolari tal-għan imfittex mill-miżuri restrittivi stabbiliti mid-Deċiżjoni u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, il-kunċett ta' "negozjant ewlieni" kien ikopri n-negozjanti li huma importanti fid-dawl, skont il-każ, tal-istatus professjonali tagħhom, tal-portata tal-attivitajiet

ekonomiċi tagħhom jew tal-assi kapitali tagħhom jew ukoll tal-funzjonijiet tagħhom fi ħdan impriża waħda jew iktar, u dan peress li, permezz ta' dan il-kriterju, il-Kunsill għandu l-intenzjoni li jisfrutta l-influwenza li dawn in-negozjanti jistgħu jeżerċitaw fuq ir-reġim Russu.

34 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll, fil-punti 82 u 83 tat-tieni sentenza appellata, li mill-għan ta' dawn il-miżuri restrittivi kien jirriżulta li d-dħul kopert mill-kriterju (g) ma kienx id-dħul min-negozjanti ewlenin iżda d-dħul mis-setturi ekonomiċi li fihom huma kienu joperaw. Fil-punti 105 u 106 ta' dik is-sentenza, hija qieset, essenzjalment, li l-kunċett ta' "sors sostanzjali ta' dħul", fis-sens ta' dan il-kriterju, kien relatat ma' sors ta' dħul sinjifikattiv u mhux negliġibbli pprovdut direttament jew indirettament minn setturi ta' attività bħalma huma, f'dan il-każ, is-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet.

35 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 90, 107 u 108 tat-tieni sentenza appellata, li, fir-rigward tal-atti inizjali kontenzjużi, il-Kunsill kien ipproduċa sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li setgħu juru, minn naħa, li t-tieni appellant kien negozjant ewlieni minħabba l-importanza tal-istatus u tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan Yandex kif ukoll minħabba l-importanza ekonomika ta' din il-kumpannija u, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl ta' dawn il-funzjonijiet u tal-attivitajiet tal-imsemmija kumpannija, l-attività tiegħu kienet relatata ma' setturi ekonomiċi li kienu jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

36 Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni atti ta' żamma kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 125 tat-tieni sentenza appellata, li l-Kunsill kien ġustament ikkunsidra li t-tieni appellant kien għad għandu rabtiet importanti ma' Yandex, b'tali mod li ż-żamma ta' ismu fil-listi inkwistjoni kienet għadha ġġustifikata.

37 Filwaqt li ddeċidiet fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod partikolari, fil-punti 137 sa 139 tat-tieni sentenza appellata, li, fid-dawl tal-fatt li ma jsemmix in-nazzjonalità tal-persuni koperti, il-kriterju (g) ma setax jitqies li jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità. Filwaqt li fakkret barra minn hekk li l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għandhom jiġu kkonċiljati mal-prinċipju ta' legalità, li jipprovdi li ħadd ma jista' jinvoka favurih illegalità mwettqa favur ħaddieħor, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, f'dan il-każ, il-Kunsill ma kienx wettaq żball ta' evalwazzjoni meta adotta l-miżuri restrittivi kontra t-tieni appellant.

38 Fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti Ġenerali ċaħditu, fil-punti 151 u 166 tat-tieni sentenza appellata, għar-raġunijiet b'mod partikolari, esposti fil-punti 143 u 145 ta' dik is-sentenza, li l-miżuri restrittivi stabbiliti fir-rigward tat-tieni appellant kienu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minħabba l-fatt li l-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri għal dan l-appellant ma kinux manifestament sproporzjonati u li dan tal-aħħar ma kienx ġie suġġett għall-imsemmija miżuri minħabba rwol dirett li seta' kellu f'azzjonijiet imwettqa mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukraina.

C. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u t-tielet sentenza appellata (Kawża C-711/23 P)

39 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Mejju 2022, it-tielet appellant ippreżenta rikors intiż għall-annullament tal-atti kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh. Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, huwa kkontesta b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-Kunsill fis-sens li s-sitwazzjoni tiegħu kienet tissodisfa l-kriterju (g). Huwa qies li, billi pproċediet b'dan il-mod, dik

l-istituzzjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u li barra minn hekk kienet kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Matul il-proċedura, it-tielet appellant eċċepixxa wkoll l-illegalità ta' dan il-kriterju abbażi tal-Artikolu 277 TFUE.

40 Permezz tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors. Fir-rigward tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali, filwaqt li adottat l-istess interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "negozjant ewlieni" u ta' "sors sostanzjali ta' dħul" bħal dik adottata fit-tieni sentenza appellata, iddeċidiet, fil-punt 78 tat-tielet sentenza appellata, li l-Kunsill kien ġustament ikklassifika lit-tielet appellant bħala "negozjant ewlieni", punt dan li dan tal-aħħar ma kienx qiegħed jikkontesta u li seta' wkoll jiġi dedott mill-importanza ekonomika ta' MMK li tagħha kien proprjetarju u president tal-bord tad-diretturi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 79 sa 90 ta' dik is-sentenza, li l-Kunsill kien ipproduċa sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konsistenti li setgħu juru li l-attività tat-tielet appellant kienet marbuta ma' settur ekonomiku, jiġifieri s-settur tal-metallurġija, li kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

41 Fil-punt 81 tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-kontribuzzjoni ta' MMK għall-baġit tal-Federazzjoni Russa ma kinitx element determinanti sabiex jiġi vverifikat jekk is-settur ekonomiku li fih kien attiv it-tielet appellant kienx jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-gvern ta' dan il-pajjiż terz, sa fejn, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju (g), kien meħtieġ li tiġi vverifikata l-kontribuzzjoni tas-setturi ekonomiċi kollha kemm huma u mhux dik ta' impriżi partikolari. Hija ppreċiżat ukoll, fil-punt 98 ta' dik is-sentenza, li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju, il-kontribuzzjoni fiskali sostnuta min-negozjanti ewlenin jew mill-impriżi li fihom huma jeżerċitaw attività lanqas ma kienet ikkunsidrata fiha nnifisha, peress li l-imsemmi kriterju jirreferi għad-dħul kollu ġġenerat mis-settur ta' attivitajiet li fih joperaw dawn in-negozjanti.

42 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 104 sa 109 tat-tielet sentenza appellata, l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) li kien qajjem it-tielet appellant. F'dan ir-rigward, filwaqt li enfasizzat li dan il-kriterju ma stabbilixxiex preżunzjoni ta' rabta bejn il-kwalità ta' negozjant ewlieni u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-imsemmi kriterju kien jissodisfa r-rieda tal-Kunsill li jeżerċita pressjoni fuq l-awtoritajiet Russi sabiex dawn itemmu l-azzjonijiet u l-politiki tagħhom li jiddestabbilizzaw l-Ukraina. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 108 ta' dik is-sentenza, li kienet teżisti rabta loġika bejn, minn naħa, il-fatt li l-mira tkun fuq in-negozjanti ewlenin li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'setturi ekonomiċi li jipprovdu dħul sostanzjali lill-Federazzjoni Russa, fid-dawl kemm tal-importanza ta' dawn is-setturi kif ukoll tal-importanza li għandhom dawn is-setturi għall-ekonomija Russa, u, min-naħa l-oħra, l-għan tal-miżuri restrittivi fil-kawża ineżami, li huwa li tiżdied il-pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa kif ukoll li jiżdiedu l-ispejjeż tal-azzjonijiet ta' din tal-aħħar intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kriterju (g) kien jinkludi kundizzjonijiet dwar l-aġir personali tal-persuni kkonċernati, jiġifieri l-influwenza tagħhom dovuta għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom f'ċerti setturi, u b'hekk kien jippermetti li tiġi stabbilita rabta suffiċjenti u suġġettiva bejn dawn il-persuni u l-pajjiż terz ikkonċernat, jiġifieri l-Federazzjoni Russa.

43 Fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti Ġenerali ċaħditu, fil-punti 143 sa 146 tat-tielet sentenza appellata, għall-istess raġunijiet, essenzjalment, bħal dawk imsemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza.

D. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u r-raba' sentenza appellata (Kawża C-35/24 P)

44 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Mejju 2022, ir-raba' appellant ippreżenta rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh. Fil-kuntest tar-rikors għal annullament tiegħu, huwa kkontesta b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-Kunsill fis-sens li s-sitwazzjoni tiegħu kienet tissodisfa l-kriterju (g). Huwa qies li, billi pproċediet b'dan il-mod, dik l-istituzzjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u li barra minn hekk kienet kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Matul il-proċedura, ir-raba' appellant eċċepixxa wkoll l-illegalità ta' dan il-kriterju abbażi tal-Artikolu 277 TFUE.

45 Permezz tar-raba' sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors. Fir-rigward tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali, filwaqt li adottat l-istess interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "negozjant ewlieni" u ta' "sors sostanzjali ta' dħul" bħal dik imsemmija fil-punti 33 u 34 ta' din is-sentenza, iddeċidiet, fil-punt 66 tar-raba' sentenza appellata, li l-Kunsill kien ġustament ikklassifika lir-raba' appellant bħala "negozjant ewlieni", punt dan li dan tal-aħħar ma kienx qiegħed jikkontesta u li seta' wkoll jiġi dedott mill-importanza ekonomika ta' Uralchem, il-kumpannija li tagħha kien proprjetarju u president direttur ġenerali. Fil-punti 67 sa 76 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali barra minn hekk iddeċidiet li l-Kunsill kien ipproduċa sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li setgħu juru li l-attività tar-raba' appellant kienet relatata mas-settur ekonomiku tal-fertilizzanti, li kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rigward, u bħall-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punt 81 tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 69 tar-raba' sentenza appellata, li għalkemm il-kontribuzzjoni fiha nnifisha tal-grupp Uralchem għall-bażit tal-Federazzjoni Russa setgħet tkun utli sabiex tiġi ddeterminata l-importanza ekonomika tagħha fis-settur ikkonċernat jew il-kwalità ta' negozjant ewlieni tar-raba' appellant, din il-kontribuzzjoni ma kinitx determinanti sabiex tingħata risposta għall-kwistjoni dwar jekk dan tal-aħħar setax jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni li għandu attività f'setturi ekonomiċi li jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa", sa fejn, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju (g), huwa s-settur ekonomiku kkonċernat, u mhux persuna fiżika jew impriża partikolari, li għandu jikkostitwixxi sors ta' dħul sostanzjali għal dan il-gvern.

46 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll, fil-punti 84 sa 92 tar-raba' sentenza appellata, l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) li kien qajjem ir-raba' appellant. F'dan ir-rigward, hija adottat l-istess raġunament bħal dak miġbur fil-qosor fil-punt 42 ta' din is-sentenza.

47 Fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti Ġenerali ċaħditu, fil-punti 126 sa 131 tar-raba' sentenza appellata, għall-istess raġunijiet, essenzjalment, bħal dawk imsemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza. Hija żiedet, fil-punt 128 tar-raba' sentenza appellata, li l-Kunsill ma kienx obbligat jinkludi fil-listi tal-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi l-persuni kollha li jissodisfaw kriterju bħalma huwa l-kriterju (g). Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kunsill kellu setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni li tippermettilu, jekk ikun il-każ, li ma jissuġġettax persuni għal miżuri restrittivi jekk iqis li, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minn dawn il-miżuri, ma jkunx xieraq li jagħmel dan.

E. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ħames sentenza appellata (Kawża C-111/24 P)

48 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Ġunju 2022, il-ħames appellant ippreżenta rikors intiż għall-annullament tal-atti inizjali kontenzjużi kif ukoll tal-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh. Fil-kuntest tar-rikors għal annullament tiegħu, huwa kkontesta b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-Kunsill fis-sens li s-sitwazzjoni tiegħu kienet tissodisfa l-kriterju (g). Il-ħames appellant ikkunsidra li, b'dan il-mod, dik l-istituzzjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni. Huwa eċċepixxa wkoll l-illegalità ta' dan il-kriterju minħabba nuqqas ta' bażi legali u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

49 Permezz tal-ħames sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors. Filwaqt li ddeċidiet dwar l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) minħabba nuqqas ta' bażi legali, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 37 ta' dik is-sentenza, fakkret li, ladarba jkun hemm deċiżjoni adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE li tipprevedi miżuri restrittivi, l-Artikolu 215(2) TFUE jippermetti lill-Kunsill jieħu tali miżuri kontra kwalunkwe persuna, entità jew grupp, b'mod partikolari kontra destinatarji li ma jkollhom ebda rabta mar-reġim li jmexxi pajjiż terz.

50 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 45 tal-imsemmija sentenza, li, minħabba li jirreferi għad-dħul kollu ġġenerat mis-settur ta' attivitajiet li fih joperaw in-negozjanti ewlenin ikkonċernati, il-kriterju (g) ikopri t-taxxi kollha ġġenerati mis-settur ekonomiku inkwistjoni, anki dawk li ma jkunux tħallsu minn dawn il-persuni.

51 Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) minħabba ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti Ġenerali ċaħditha, fil-punti 50 sa 63 tal-ħames sentenza appellata, għal raġunijiet analogi għal dawk miġbura fil-qosor fil-punt 42 ta' din is-sentenza. Fil-punt 58 tal-ħames sentenza appellata, hija ddeċidiet li l-fatt li jkunu koperti l-persuni li s-sitwazzjoni tagħhom tissodisfa l-kriterju (g), indipendentement mit-tassazzjoni fiskali tagħhom fir-Russja, kien jissodisfa, meta dawn il-persuni jkollhom attività f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, l-għan imfittex u għalhekk ma kienx jidher li huwa manifestament mhux xieraq. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll, fil-punt 60 tal-imsemmija sentenza, l-argument tal-ħames appellant ibbażat fuq il-premessa 11 tad-Deċiżjoni 2022/329 minħabba li premessa ma tistax tidderoga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat.

52 Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju (g) għall-ħames appellant, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 88 sa 93 kif ukoll fil-punt 106 tal-ħames sentenza appellata, adottat l-istess interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "negozjant ewlieni" u ta' "sors sostanzjali ta' dħul" bħal dik li ġiet esposta fil-punti 33 u 34 ta' din is-sentenza, filwaqt li fakkret li ma kienx meħtieġ li l-Kunsill juri l-eżistenza ta' rabta mill-qrib jew ta' interdipendenza bejn in-negozjanti ewlenin u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, fil-punti 92 u 93 tal-ħames sentenza appellata, hija ppreċiżat, minn naħa, li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "negozjant ewlieni" ma kinitx ikkontestata mill-fatt li ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g) jużaw l-aġġettiv "influwenti", filwaqt li oħrajn użaw l-aġġettiv "importanti" u, min-naħa l-oħra, li, għalkemm il-funzjonijiet li jokkupa negozjant jistgħu jissostanzjaw il-fatt li huwa għandu "influwenza", fis-sens ta' dan il-kriterju, dawn il-funzjonijiet madankollu ma humiex l-uniku element li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kunsill għal dan l-għan.

53 Fir-rigward tal-fondatezza tal-atti inizjali kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 105 tal-ħames sentenza appellata, li, fid-dawl tal-provi kollha, il-Kunsill seta' jqis, mingħajr ma jwettaq żball ta' evalwazzjoni, li l-ħames appellant kien "negozjant ewlieni" fid-data tal-adozzjoni

ta' dawn l-atti. Fil-punti 106 sa 111 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kunsill seta' validament jiddeċiedi, abbażi ta' sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti, li Alfa Group, li tinkludi Alfa Bank u li l-ħames appellant huwa wieħed mill-ikbar azzjonisti tagħha, kienet topera f'settur ekonomiku, jiġifieri s-settur bankarju, li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

54 Fir-rigward tal-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 125 tal-ħames sentenza appellata, li kien mingħajr ma wettaq żball ta' evalwazzjoni li l-Kunsill kien ikkonstata l-assenza ta' bidla fis-sitwazzjoni individwali tal-ħames appellant u li kien ibbaża ruħu fuq l-istess elementi sabiex iżomm il-miżuri restrittivi adottati kontra dan l-appellant.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet fl-appelli

A. Fuq it-tgħaqqid

55 Fil-5 ta' Ġunju 2024, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja stieden lill-partijiet jieħdu pożizzjoni dwar l-eventwali tgħaqqid tal-Kawżi C-696/23 P, C-704/23 P, C-711/23 P, C-35/24 P u C-111/24 P għall-finijiet tal-bqija tal-proċedura.

56 Permezz ta' ittri tal-20 ta' Ġunju 2024, it-tieni, it-tielet u r-raba' appellant informaw lill-Qorti tal-Ġustizzja li huma ma kellhomx oġġezzjoni għat-tgħaqqid ta' dawn il-kawżi. Permezz ta' ħames ittri, rispettivament, tas-27 ta' Ġunju 2024, tat-3 ta' Lulju 2024, tal-1 ta' Lulju 2024, tat-28 ta' Ġunju 2024 u tal-1 ta' Lulju 2024, il-Kunsill informa lill-Qorti tal-Ġustizzja li huwa lanqas ma kellu oġġezzjoni sabiex dawn il-ħames kawżi jingħaqdu. Permezz ta' ittri, rispettivament, tal-20 ta' Ġunju 2024 u tad-19 ta' Ġunju 2024, l-ewwel u l-ħames appellant indikaw l-oġġezzjoni tagħhom għat-tgħaqqid tal-imsemmija kawżi għall-finijiet tal-bqija tal-proċedura.

57 Fil-5 ta' Lulju 2024, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li ma kienx hemm lok li l-kawżi jingħaqdu f'dak l-istadju tal-proċedura.

B. Fuq it-talbiet għal intervent

58 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' April 2024, ir-Repubblika Ċeka talbet li tintervjeni fil-Kawża C-35/24 P insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' din it-talba għal intervent permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2024.

59 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni Ewropea talbet li tintervjeni fil-Kawża C-35/24 P insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' din it-talba għal intervent permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2024.

C. It-talbiet tal-partijiet fl-appelli

1. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-686/23 P

60 L-ewwel appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-ewwel sentenza appellata;

– tiddeċiedi fil-mertu fuq ir-rikors u tannulla d-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fl-ewwel istanza, u

– sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u tirriżerva l-ispejjeż.

61 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tannulla l-ewwel sentenza appellata u li tiddeċiedi l-kawża, tiċħad ir-rikors fuq il-mertu, u

– tikkundanna lill-ewwel appellant għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

2. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-704/23 P

62 It-tieni appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla t-tieni sentenza appellata;

– tiddeċiedi fil-mertu fuq ir-rikors u tannulla l-atti kontenzjużi sa fejn jikkonċernawh;

– tordna, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, kumpens għad-dannu morali li huwa ġarrab minħabba l-adozzjoni ta' dawn l-atti, u

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

63 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tannulla t-tieni sentenza appellata u li tiddeċiedi l-kawża, tiċħad ir-rikors fuq il-mertu, u

– tikkundanna lit-tieni appellant għall-ispejjeż.

3. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-711/23 P

64 It-tielet appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla t-tielet sentenza appellata;

– tannulla l-atti kontenzjużi;

– sussidjarjament, tannulla t-tielet sentenza appellata u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u, fi kwalunkwe każ,

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

65 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lit-tielet appellant għall-ispejjeż.

4. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-35/24 P

66 Ir-raba' appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla r-raba' sentenza appellata;

– tannulla d-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi;

– sussidjarjament, tannulla r-raba' sentenza appellata u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u, fi kwalunkwe każ,

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

67 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni, jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lir-raba' appellant għall-ispejjeż.

5. It-talbiet tal-partijiet fil-Kawża C-111/24 P

68 Il-ħames appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-ħames sentenza appellata;

– tiddeċiedi r-rikors fuq il-mertu u tannulla l-atti inizjali kontenzjużi kif ukoll l-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi;

– sussidjarjament, tannulla l-ħames sentenza appellata u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u, fi kwalunkwe każ,

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

69 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-ħames appellant għall-ispejjeż.

D. Fuq it-talbiet għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

1. Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-696/23 P

70 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Ġunju 2025, l-ewwel appellant talab il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-696/23 P, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

71 Insostenn tat-talba tiegħu, huwa jsostni, minn naħa, li, kuntrarjament għal dak li essenzjalment indikat l-Avukata Ġenerali fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tagħha f'din il-kawża, huwa jsostni, fl-appell tiegħu, li huwa ma jistax jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni" peress li kien ittrasferixxa l-ishma li huwa kellu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara u li kien irriżenja mill-funzjonijiet li kien jokkupa f'din il-kumpannija u f'dan il-grupp. Min-naħa l-oħra, huwa jsostni li l-Kunsill afferma b'mod żbaljat, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma l-ewwel appellant kellu l-possibbiltà li jirreplika, li dan tal-aħħar kien is-suġġett ta' miżuri restrittivi minħabba l-fatt li kien "president-direttur ġenerali ta' kumpannija", filwaqt li l-inklużjoni tiegħu kienet immotivata mill-fatt li kien president tal-bord tad-diretturi ta' TMK kif ukoll president u membru tal-bord tad-diretturi tal-grupp Sinara.

72 Bis-saħħa tal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari jekk hija tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed, jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

73 F'dan il-każ, fir-rigward tal-komprensjoni żbaljata tal-appell tal-ewwel appellant li l-Avukata Ġenerali allegatament esprimiet fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-696/23 P, għandu jitfakkar li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura ma jipprevedux il-possibbiltà għall-partijiet ikkonċernati li jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali. Fil-fatt, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu r-rwol li jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta bil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali u lanqas bil-motivazzjoni li biha huwa jkun wasal għalihom. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' qbil ta' parti kkonċernata mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, irrispettivament mill-kwistjonijiet li huwa jeżamina fihom, ma jistax jikkostitwixxi, fih innifsu, raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tal-5 ta' Marzu 2024, Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni *et*, C-588/21 P, EU:C:2024:201, punti 47 u 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

74 Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżball allegatament imwettaq mill-Kunsill waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ma huwiex, evidentement, "argument" li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet, fis-sens tal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura, iżda żball materjali li jixbah lapsus lingwistiku jew tqassir tal-lingwaġġ użat.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-696/23 P.

2. Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-711/23 P

76 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Ġunju 2025, it-tielet appellant talab il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-711/23 P, konformement mal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura.

77 Insostenn tat-talba tiegħu, huwa jsostni li d-Deċiżjoni 2014/145 u r-Regolament Nru 269/2014 ġew emendati, rispettivament, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/904 tat-13 ta' Mejju 2025 (ĠU L, 2025/904) u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/903 tat-13 ta' Mejju 2025 (ĠU L, 2025/903). Issa, skont it-tielet appellant, dawn iż-żewġ atti tal-Unjoni jinkludu elementi li jikkontradixxu l-pożizzjoni adottata mill-Kunsill waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-legalità tal-kriterju (g) kif ukoll in-natura allegatament provviżorja tal-miżuri restrittivi. Fil-fehma tat-tielet appellant, dan huwa għalhekk fatt ġdid li ma kienx magħruf mill-partijiet fil-mument ta' din is-seduta, li nżammet fil-11 ta' Frar 2025, u li, fid-dawl ukoll tal-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tal-imsemmija atti għandhom effett retroattiv fir-rigward tal-atti kontenzjużi, huwa ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

78 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li d-Deċiżjoni 2025/904 u r-Regolament 2025/903 ma humiex applikabbli *ratione temporis* għall-Kawża C-711/23 P. Issa, il-legalità tal-atti kontenzjużi fil-kuntest ta' din il-kawża għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-sitwazzjoni li kienet teżisti fid-data tal-adozzjoni tagħhom, b'tali mod li l-eventwali kontradizzjoni li tista' teżisti bejn il-kontenut tad-deċiżjoni u tar-regolament imsemmija iktar 'il fuq u l-pożizzjoni adottata mill-Kunsill waqt is-seduta fl-imsemmija kawża ma hijiex ta' natura li teżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, anki li kieku ċerti dispożizzjonijiet tal-imsemmija atti kellu jkollhom effetti retroattivi fuq is-sitwazzjoni tat-tielet appellant u fuq l-atti kontenzjużi, tali konsegwenza ma tiġġustifikax il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura peress li, anki fil-każ ta' ċaħda tal-appell f'din il-kawża, it-tielet appellant ma huwiex ser ikun imċaħħad mill-possibbiltà li jagħmel użu mir-rimedji ġudizzjarji offruti mid-dritt tal-Unjoni, jew mid-dritt nazzjonali, sabiex jikkontesta dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll l-eventwali effetti u implikazzjonijiet tagħhom.

79 Barra minn hekk, ma jidhirx b'mod manifest li l-kawża għandha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet, u għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tagħti deċiżjoni.

80 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura fil-Kawża C-711/23 P.

IV. Fuq l-appelli

81 Fid-dawl tal-konnessjoni bejniethom, hemm lok li l-kawżi ineżami jingħaqdu għall-finijiet tas-sentenza, konformement mal-Artikolu 54(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

82 Insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel appellant jinvoka ħames aggravji. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kklassifikatu bħala "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g). Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li huwa kien jeżerċita "attività f'setturi ekonomiċi li jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa", fis-sens

ta' dan il-kriterju. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-ewwel appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-bażi legali tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi kienet "prevista mil-liġi", fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi li jivvizzja l-ewwel sentenza appellata, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li l-miżuri restrittivi li huwa s-suġġett tagħhom kienu proporzjonati. Fil-kuntest tal-ħames aggravju tiegħu, l-ewwel appellant jiddikjara li qiegħed itenni l-argumenti kollha li huwa invoka fl-ewwel istanza dwar it-tieni kriterju li fuqu kienu bbażati l-miżuri restrittivi meħuda kontrih, jiġifieri l-kriterju previst b'mod partikolari fl-Artikolu 2(1)(f) tad-Deċiżjoni 2014/145 u jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwarhom fil-każ li tilqa' r-rikors tiegħu u ma tibgħatx il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

83 Fil-kuntest tal-appell tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jinvoka erba' aggravji, fejn l-ewwel wieħed huwa bbażat fuq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-kriterju (g) filwaqt li t-tieni wieħed huwa bbażat fuq nuqqas ta' osservanza, mill-Qorti Ġenerali, tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. It-tielet u r-raba' aggravju huma bbażati fuq evalwazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tal-motivi li huwa kien qajjem insostenn tar-rikors tiegħu fl-ewwel istanza, li kienu bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

84 It-tielet appellant iqajjem ħames aggravji insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-711/23 P. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha u b'hekk wettqet diversi żbalji ta' liġi u żnaturamenti ta' fatti. It-tieni u t-tielet aggravju huma bbażati, essenzjalment, fuq ksur tal-kriterju (g), u, b'mod sussidjarju, it-tielet appellant jeċċepixxi, fil-kuntest tat-tielet aggravju tiegħu, l-illegalità u l-inapplikabbiltà ta' dan il-kriterju abbażi tal-Artikolu 277 TFUE. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali kisret il-kunċetti ta' "sors […] ta' dħul" u ta' "sors sostanzjali ta' dħul", fis-sens tal-kriterju (g), żnaturat il-fatti u l-provi, kisret ir-rekwiżit formali essenzjali kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u wettqet applikazzjoni żbaljata ta' dan il-kriterju. Permezz tal-ħames aggravju tiegħu, it-tielet appellant isostni li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-imsemmi kriterju.

85 Il-ħames aggravji mressqa mir-raba' appellant fil-kuntest tal-appell tiegħu fil-Kawża C-35/24 P huma fformulati b'mod identiku għall-ħames aggravji mressqa mit-tielet appellant, bl-eċċezzjoni tar-raba' aggravju li permezz tiegħu r-raba' appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova u mhux li applikat b'mod żbaljat il-kriterju (g).

86 Fil-kuntest tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant iqajjem tmien aggravji. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, huwa jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma weġbitx għall-ilmenti tiegħu dwar il-materjalità tal-kriterju previst b'mod partikolari fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni 2014/145, li jipprovdi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu, fost oħrajn, lil persuni fiżiċi li jipprovdu appoġġ finanzjarju lil persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet jew li jiksbu vantaġġ minnhom għandhom jiġu ffriżati (iktar 'il quddiem il-"kriterju (d)"). Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, huwa jilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-kunċett ta' "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g), u, permezz tat-tielet aggravju tiegħu, li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li l-Artikolu 215(2) TFUE kien għamel irrilevanti r-rekwiżit ta' rabta suffiċjenti bejn il-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi u l-pajjiż terz ikkonċernat. Ir-raba' aggravju tiegħu huwa bbażat fuq żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni tal-kriterju (g) li tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali, id-dritt għall-proprjetà u l-libertà ta' intrapriża. Permezz tal-ħames aggravju tiegħu, il-ħames appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali żnaturat is-sens u l-portata ta'

prova kif ukoll li ma weġbitx għal wieħed mill-argumenti tiegħu u, permezz tas-sitt aggravju tiegħu, li ma applikatx b'mod korrett il-kriterju (g) jew irraġunat permezz ta' preżunzjoni sabiex tikkonkludi li s-settur bankarju kien globalment jikkostitwixxi sors ta' dħul sostanzjali għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Is-seba' aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-kunċett ta' setturi ekonomiċi li jipprovdu "sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa", fis-sens tal-kriterju (g), u t-tmien aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' smigħ xieraq u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

87 Fid-dawl tar-rabta ta' konnessjoni, jew saħansitra tal-identiċità, bejn diversi aggravji invokati mill-ħames appellanti insostenn tal-appelli rispettivi tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja ser twettaq analiżi magħquda tagħhom qabel ma tittratta dawk li huma speċifiċi għal ċerti appelli. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li huwa neċessarju li tiġi kkjarifikata l-portata tal-kriterju (g) qabel ma tiġi eżaminata l-legalità tiegħu, l-aggravji relatati mal-interpretazzjoni ta' dan il-kriterju ser jiġu eżaminati qabel dawk li jikkonċernaw iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' illegalità tal-imsemmi kriterju.

A. Fuq l-aggravji bbażati fuq ksur tal-kriterju (g) mill-Qorti Ġenerali

88 Għandhom jiġu eżaminati flimkien l-aggravji, il-partijiet minn aggravji u l-ilmenti li permezz tagħhom il-ħames appellanti jikkritikaw, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-kriterju (g) adottata mill-Qorti Ġenerali. Dawn huma l-ewwel aggravju u t-tieni parti tat-tieni aggravju mqajma mill-ewwel appellant fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel u t-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, it-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju u t-tielet parti tal-ewwel aggravju mqajma mit-tieni appellant fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni aggravju, l-ewwel parti tat-tielet aggravju kif ukoll l-ewwel sat-tielet parti tar-raba' aggravju mqajma mit-tielet appellant fil-Kawża C-711/23 P, ir-raba' parti tal-ewwel aggravju, it-tieni aggravju, l-ewwel parti tat-tielet aggravju u l-ewwel ilment tat-tieni parti tar-raba' aggravju mqajma mir-raba' appellant fil-Kawża C-35/24 P kif ukoll it-tieni aggravju, l-ewwel parti tar-raba' aggravju u s-seba' aggravju mqajma mill-ħames appellant fil-Kawża C-111/24 P.

89 Għandu jitfakkar li l-kriterju (g) jipprevedi li għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil "negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna".

90 L-eżami tal-aggravji, tal-partijiet minn aggravji u tal-ilmenti msemmija fil-punt 88 ta' din is-sentenza ser jinqasam iktar 'il quddiem f'żewġ partijiet li jittrattaw rispettivament l-interpretazzjoni tal-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa" u dik tal-aġġettiv "ewlenin" li jikklassifika lin-negozjanti li jaqgħu taħt il-kriterju (g).

1. Fuq l-argumenti bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tal-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa", fis-sens tal-kriterju (g)

91 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li, minkejja li t-tieni parti tat-tieni aggravju invokat mill-ewwel appellant insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-696/23 P hija intiża li tikkritika l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali ta' din l-espressjoni, it-trattament tagħha jeħtieġ evalwazzjoni globali tal-kriterju (g), b'tali mod li din il-parti ser tiġi eżaminata separatament iktar tard.

a) Fuq it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju fil-Kawża C-711/23 P kif ukoll fuq it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju fil-Kawża C-35/24 P

1) L-argumenti tal-partijiet

92 Permezz tat-tieni aggravju tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, it-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset essenzjalment, fil-punti 68 sa 70 tat-tielet sentenza appellata, li d-"dħul sostanzjali" pprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa kellu joriġina minn "setturi ekonomiċi", meta fil-fatt dan id-dħul kellu joriġina minn "negozjanti ewlenin" li jaqgħu taħt il-kriterju (g). F'dan il-kuntest, it-tielet appellant isostni li seba' verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g), jiġifieri l-verżjonijiet bil-Bulgaru, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bis-Sloven u bil-Finlandiż, jindikaw b'mod ċar li d-dħul għandu joriġina minn dawn in-negozjanti. Barra minn hekk, mill-premessa 11 tad-Deċiżjoni 2022/329 u mill-premessa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/427 jirriżulta li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li jkopri n-negozjanti ewlenin li jipprovdu huma stess sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma identifikatx b'mod korrett l-għan imfittex mill-kriterju (g), b'tali mod li l-interpretazzjoni teleoloġika tiegħu adottata fil-punti 68 sa 70 tat-tielet sentenza appellata hija żbaljata fid-dritt.

93 Fir-replika tiegħu, it-tielet appellant jesponi li l-interpretazzjoni li huwa jipproponi ma tirrendix illoġika l-parti tal-formulazzjoni tal-kriterju (g) li tgħid li n-negozjanti ewlenin għandu jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi. Fil-fatt, din il-preċiżazzjoni sservi sabiex tiddistingwi lin-negozjanti li jkollhom rwol kontinwu u attiv f'tali setturi minn dawk li jkollhom biss rwol passiv fihom permezz taż-żamma ta' holdings kunsiderevoli. Huwa jżid li din l-interpretazzjoni ma twassal għal ebda sovrappożizzjoni bejn il-kriterju (g) u kriterji oħra previsti fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2014/145 kif ukoll fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 269/2014. Fi kwalunkwe każ, dejjem jista' jkun hemm sovrappożizzjoni bejn diversi kriterji ta' inklużjoni fil-listi li huma annessi ma' dawn l-atti tal-Unjoni.

94 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tiegħu, it-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta essenzjalment ikkunsidrat, essenzjalment fil-punti 69 u 70 tat-tielet sentenza appellata, li d-dħul sostanzjali ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa kellu joriġina biss minn setturi ekonomiċi, filwaqt li dan id-dħul għandu joriġina wkoll min-negozjanti ewlenin. F'dan ir-rigward, it-tielet appellant jibbaża ruħu mill-ġdid fuq il-premessa 11 tad-Deċiżjoni 2022/329 u fuq il-premessa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/427, filwaqt li jenfasizza li l-Qorti Ġenerali naqset minn koerenza billi ma tat ebda valur lil dawn il-premessi filwaqt li bbażat ruħha fuq diversi premessi oħra sabiex timmotiva r-raġunament tagħha fir-rigward ta' punti oħra tat-tielet sentenza appellata. Huwa jżid li, fid-dawl tal-fatt li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-punt 109 ta' dik is-sentenza, li l-kriterju (g) jistabbilixxi kundizzjonijiet relatati mal-aġir personali tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi koperti, hija biss l-interpretazzjoni proposta minnu fid-dawl ta' dawn iż-żewġ premessi li tippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aġir personali tan-negozjant inkwistjoni, jiġifieri l-kontribuzzjoni tiegħu għas-settur ekonomiku inkwistjoni, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-influwenza tiegħu fi ħdan dan is-settur ekonomiku ma tistax, bħala tali, titqies li hija aġir personali.

95 It-tieni aggravju invokat mir-raba' appellant insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-35/24 P jirrigwarda l-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata u huwa bbażat fuq l-istess argumenti bħal dawk esposti mit-tielet appellant insostenn tat-tieni aggravju tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, inklużi

dawk li huwa żviluppa fir-replika tiegħu. Ir-raba' appellant iżid madankollu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tosserva l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi naqset milli tanalizza l-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-kriterju (g).

96 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tiegħu, li tirrigwarda essenzjalment il-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata, moqrija flimkien mal-punt 92 ta' dik is-sentenza, ir-raba' appellant iqajjem l-istess argumenti bħal dawk esposti mit-tielet appellant insostenn tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tiegħu fil-Kawża C-711/23 P.

97 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tat-tielet u tar-raba' appellant.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

98 It-tielet appellant, permezz tat-tieni aggravju tiegħu kif ukoll permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tiegħu, u r-raba' appellant, permezz tat-tieni aggravju tiegħu u tal-ewwel parti tat-tielet aggravju tiegħu, isostnu essenzjalment li minn diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g) kif ukoll mill-kuntest li fih jinsab dan il-kriterju jirriżulta li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li s-sors sostanzjali ta' dħul ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, fis-sens tal-imsemmi kriterju, joriġina min-"negozjanti ewlenin" koperti mill-istess kriterju u mhux minn "setturi ekonomiċi", kif għalhekk iddeċidiet b'mod żbaljat il-Qorti Ġenerali fil-punti 69 u 70 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll fil-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata. Barra minn hekk, ir-raba' appellant isostni ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni sa fejn il-Qorti Ġenerali naqset milli twettaq paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g), bi ksur tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

99 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara s-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1983, Merck, 292/82, EU:C:1983:335, punt 12, u tas-26 ta' April 2022, Landespolizeidirektion Steiermark (Tul massimu tal-kontroll fil-fruntieri interni), C-368/20 u C-369/20, EU:C:2022:298, punt 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-atti tal-Unjoni li jipprevedu miżuri restrittivi għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-kuntest storiku li jagħmlu parti minnu d-dispożizzjonijiet adottati mill-Unjoni u li fih jaqgħu dawn l-atti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, C-440/14 P, EU:C:2016:128, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100 Barra minn hekk, il-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma tista' tingħata prijorità meta mqabbla mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Tali approċċ ikun inkompatibbli mar-rekwiżit ta' uniformità ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni peress li d-dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt għandhom fil-fatt jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti bil-lingwi kollha tal-Unjoni. Fil-każ ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara s-sentenzi tal-25 ta' Marzu 2010, Helmut Müller, C-451/08, EU:C:2010:168, punt 38, u tal-20 ta' Novembru 2025, Lolach, C-327/24, EU:C:2025:901, punt 29).

101 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-motivazzjoni ta' sentenza jew ta' digriet tal-Qorti Ġenerali għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, b'tali mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. Madankollu, l-obbligu ta' motivazzjoni li għandha l-Qorti Ġenerali ma jobbligahiex tipprovdi espożizzjoni li ssegwi, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, l-argumenti kollha mqajma mill-partijiet fil-kawża, u għalhekk din il-motivazzjoni tista' tkun impliċita kemm-il darba tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jidentifikaw ir-raġunijiet għaliex il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx l-argumenti tagħhom u tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Jenkinson vs Il-Kunsill *et*, C-46/22 P, EU:C:2024:50, punt 131 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

102 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni allegat mir-raba' appellant, sa fejn il-Qorti Ġenerali naqset, fil-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata, milli twettaq analiżi tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g), filwaqt li għamlet riferiment, fil-punt 52 ta' dik is-sentenza, għal ġurisprudenza analoga għal dik imfakkra fil-punt 99 ta' din is-sentenza, għandu jiġi enfasizzat li l-partijiet fl-ewwel istanza ma invokawx l-eżistenza ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-kriterju f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-oriġini tas-sors sostanzjali ta' dħul, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma kinitx obbligata twieġeb għal tali argument, li ma kienx tqajjem fil-kawża ineżami. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma naqsitx mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

103 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argumenti tat-tielet u tar-raba' appellant fis-sens li l-interpretazzjoni teleoloġika tal-kriterju (g) adottata mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 69 u 70 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll fil-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata, hija żbaljata minħabba l-fatt li l-għanijiet identifikati mill-Qorti Ġenerali huma kontradetti mill-formulazzjoni ta' dan il-kriterju kif ukoll mill-kuntest ta' dan tal-aħħar, għandu jiġi vverifikat, fid-dawl tar-regoli ta' interpretazzjoni mfakkra fil-punti 99 u 100 ta' din is-sentenza, jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi meta interpretat il-kriterju (g) fis-sens li s-"sors sostanzjali ta' dħul" ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa ma għandux joriġina min-"negozjanti ewlenin", iżda minn "setturi ekonomiċi".

104 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-formulazzjoni tal-kriterju (g), sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini tas-sors sostanzjali ta' dħul ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, għandu jiġi eżaminat, skont id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-kriterju, dak li jirreferi għalih il-pronom relattiv "li" fl-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa" jew inkella ma' liema kelma minn din il-formulazzjoni hija marbuta l-espressjoni "jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa".

105 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-espressjoni "involuti fis-setturi ekonomiċi" tirreferi għall-grupp nominali kollu "negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi". F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa" tista' tirreferi kemm għall-grupp nominali "negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi" u kemm għall-grupp nominali "setturi ekonomiċi" biss.

106 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jsostnu t-tielet u r-raba' appellant, l-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa" tista' tirreferi biss, fil-verżjonijiet bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Latvjan, bil-Litwan u bil-Finlandiż tal-kriterju (g), għas-"setturi ekonomiċi". Fil-fatt, il-pronomi relattivi "der" bid-Daniż, "mis"

bl-Estonjan u "kas" bil-Latvjan jirreferu neċessarjament, f'dawn il-lingwi rispettivi, għall-kliem jew għall-espressjonijiet "økonomiske sektorer", "majandussektoritega" u "ekonomikas nozarēs" ("setturi ekonomiċi"). Bl-istess mod, fil-Litwan, il-kelma "užtikrinančiais" ("li jipprovdu") tista' tirreferi biss għall-grupp nominali "ekonomikos sektoriais" ("setturi ekonomiċi"). Fir-rigward tal-espressjoni "sellaisilla talouden aloilla, jotka" ("f'tali setturi ekonomiċi li") użata fil-Finlandiż, din tindika mingħajr ambigwità li huma s-setturi ekonomiċi li għandhom jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

107 Mill-banda l-oħra, teżisti ambigwità fil-verżjonijiet bil-Bulgaru u bis-Sloven, imsemmija minn dawn l-appellanti, sa fejn, rispettivament, il-pronomi relattivi "които" u "ki" ("li") jistgħu jkunu marbuta kemm mal-espressjonijiet "видни бизнесмени или юридически лица, образувания или органи" u "vodilni poslovneži ali pravne osebe, subjekti ali organi" ("negozjanti ta' distinzjoni/dominanti jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew organi") u kemm mal-espressjonijiet "икономически сектори" u "gospodarske sektorje" ("setturi ekonomiċi"). Barra minn hekk, l-istess ambigwità tinsab ukoll fil-verżjonijiet bl-Ispanjol, bil-Malti, bir-Rumen u bis-Slovakk. Fir-rigward tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tal-kriterju (g), fosthom dawk imsemmija fil-punt preċedenti, dawn jiddikjaraw b'mod ċar li d-dħul għandu joriġina mis-setturi ekonomiċi.

108 Minn dan isegwi li sitta minn dawn il-verżjonijiet lingwistiċi, jiġifieri l-verżjonijiet bil-Bulgaru, bl-Ispanjol, bil-Malti, bir-Rumen, bis-Slovakk u bis-Sloven, jistgħu jinqraw biż-żewġ modi msemmija fil-punt 105 ta' din is-sentenza, kuntrarjament għat-tmintax-il verżjoni l-oħra, li fihom l-espressjoni "li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa" tista' tirreferi biss għall-grupp nominali "setturi ekonomiċi".

109 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 100 ta' din is-sentenza, il-formulazzjoni tal-kriterju (g) tista' tiġi interpretata b'mod uniformi fil-lingwi kollha tal-Unjoni fis-sens li s-"sors sostanzjali ta' dħul" ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa għandu joriġina mis-"setturi ekonomiċi". F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma teżistix diverġenza bejn dawn il-verżjonijiet lingwistiċi, b'tali mod li għandu jiġi miċħud l-argument tat-tielet u tar-raba' appellant fis-sens li l-interpretazzjoni teleoloġika adottata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 69 u 70 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll fil-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata tikkontradixxi l-formulazzjoni tal-kriterju (g) f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi.

110 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-kuntest li fih jaqa' l-kriterju (g), għandu, qabelxejn, jiġi rrilevat li, fil-każ li s-sors sostanzjali ta' dħul ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa ma għandux joriġina minn "setturi ekonomiċi" bħala tali, iżda minn "negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi", il-portata u l-effett utli tal-kriterju (g) jintilfu jew, tal-inqas, jiddgħajfu. Fil-fatt, dan il-kriterju b'hekk jisfa, fil-parti l-kbira tiegħu jekk mhux ukoll kompletament, replika tal-kriterju li huwa stabbilit fl-Artikolu 2(1)(f) tad-Deċiżjoni 2014/145, filwaqt li jżid miegħu kundizzjonijiet li huma assenti minn dan l-aħħar kriterju.

111 Fil-fatt, dan tal-aħħar jipprevedi li għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, lill-entitajiet u lill-korpi li jipprovdu b'mod partikolari appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

112 Issa, għandu jiġi kkonstatat li tali kriterju diġà jippermetti li jiġu imposti miżuri restrittivi fuq persuni fiżiċi, fosthom, jekk ikun il-każ, negozjanti ewlenin, kif ukoll fuq persuni ġuridiċi, fuq entitajiet u fuq korpi għas-sempliċi raġuni li jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-imsemmi gvern, u

dan mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi vverifikat, l-ewwel nett, jekk il-persuni fiżiċi kkonċernati għandhomx effettivament il-kwalità ta' "negozjanti ewlenin", it-tieni nett, jekk dawn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi jeżerċitawx attività f'settur tal-ekonomija Russa u, it-tielet nett, jekk l-appoġġ finanzjarju tagħhom, anki jekk jitqies li għandu jkollu ċerta importanza kwantitattiva jew kwalitattiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, C-440/14 P, EU:C:2016:128, punti 82 u 83), għandux jiġi kklassifikat bħala "sors sostanzjali ta' dħul" għall-istess gvern.

113 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħarsien tal-effett utli tal-kriterju (g) fil-konfront tal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 2(1)(f) tad-Deċiżjoni 2014/145 jimmilita favur interpretazzjoni fis-sens li s-sors sostanzjali ta' dħul ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa għandu joriġina mis-"setturi ekonomiċi" ta' dan il-pajjiż terz.

114 Barra minn hekk, huwa minnu li, kif isostnu t-tielet u r-raba' appellant, il-premessa 11 tad-Deċiżjoni 2022/329 kif ukoll il-premessa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/427 jippreċiżaw essenzjalment li l-kriterji ta' inklużjoni li jservu bħala bażi għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi minħabba l-azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukraina mill-Federazzjoni Russa ġew emendati, wara l-invażjoni tal-Ukraina minn dan il-pajjiż terz, sabiex jinkludu rispettivament "persuni u entitajiet li jipprovdu[…] sors sostanzjali ta' dħul [lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa]" kif ukoll "persuni u entitajiet li jipprovdu lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa sors sostanzjali ta' dħul", formulazzjonijiet dawn li jagħmlu riferiment għall-kriterju (g).

115 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm il-preambolu ta' att tal-Unjoni jista' jippreċiża l-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi att sa fejn jikkostitwixxi element ta' interpretazzjoni importanti, ta' natura li jixħet dawl fuq ir-rieda tal-awtur ta' dan l-att, tali preambolu, madankollu, ma għandux valur legali vinkolanti u la jista' jiġi invokat sabiex issir deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas sabiex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati f'sens li jmur manifestament kontra l-formulazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et* vs Il-Kummissjoni, C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punti 75 u 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

116 Issa, kif ġie indikat fil-punt 109 ta' din is-sentenza, id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g) ma jippreżentawx diverġenzi bejniethom sa fejn minn qari komuni tagħhom jirriżulta li s-"sors sostanzjali ta' dħul" ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa għandu joriġina mis-"setturi ekonomiċi" ta' dan il-pajjiż terz. Għaldaqstant, peress li l-kliem tal-premessi msemmija fil-punt 114 ta' din is-sentenza jikkontradixxu l-formulazzjoni ta' dan il-kriterju, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet essenzjalment, fil-punt 57 tar-raba' sentenza appellata, li l-imsemmija premessi ma kinux konklużivi għall-finijiet tal-analiżi kuntestwali tal-imsemmi kriterju, intiża sabiex jiġi identifikat l-oriġini tas-sors ta' dan id-dħul.

117 Fir-rigward, it-tielet nett, tal-għan imfittex mill-kriterju (g) u mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti dan il-kriterju kif ukoll tal-kuntest storiku li jagħmlu parti minnu, għandu jitfakkar li kien minħabba l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fil-Krimea fl-2014 li l-Unjoni adottat, b'mod partikolari permezz tad-Deċiżjoni 2014/145 u tar-Regolament Nru 269/2014, atti intiżi li jirrispondu, permezz ta' miżuri restrittivi, għal dawn l-azzjonijiet u, b'mod iktar wiesa', għall-azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina, u sussegwentement ta' aggressjoni kontra l-Ukraina kollha, minn din il-federazzjoni.

118 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri restrittivi individwali u settorjali meħuda sa mis-sena 2014 kellhom l-għan, b'mod partikolari, li jkabbru l-ispiża tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punti 104 u 123, kif ukoll tal-25 ta' Ġunju 2020, VTB Bank vs Il-Kunsill, C-729/18 P, EU:C:2020:499, punt 59).

119 Fid-dawl tal-persistenza u tal-portata dejjem ikbar ta' dawn l-azzjonijiet, l-Unjoni gradwalment saħħet dan ir-reġim ta' sanzjonijiet. B'hekk, hija żiedet b'mod partikolari kriterji mal-uniku kriterju ta' inklużjoni, kif kien jinsab fil-verżjoni inizjali ta' dawn l-atti, jiġifieri l-kriterju li jirrigwarda l-persuni fiżiċi responsabbli għal azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina kif ukoll il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi assoċjati magħhom. Il-leġiżlatur tal-Unjoni wessa' b'mod progressiv ukoll il-portata ta' ċerti kriterji eżistenti, sabiex ikun jista' jimponi miżuri restrittivi fuq ċirku ta' persuni, ta' entitajiet jew ta' korpi dejjem iktar wiesa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2025, Shuvalov vs Il-Kunsill, C-271/24 P, EU:C:2025:180, punt 8).

120 Kif jirriżulta mill-punti 11 u 12 ta' din is-sentenza, il-kriterju (g) ġie introdott, bħala kriterju ta' inklużjoni mingħajr preċedent, l-għada tal-invażjoni tal-Ukraina mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa, invażjoni li ġiet ikklassifikata, skont il-premessi 9 u 10 tad-Deċiżjoni 2022/329, bħala illegali fid-dawl tad-dritt internazzjonali kemm mill-Kunsill kif ukoll mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

121 Fid-dawl tal-gravità estrema ta' din l-invażjoni u tal-fatt li l-Kunsill kien iddikjara xahar qabel, kif jirriżulta mill-premessa 5 tal-imsemmija deċiżjoni, li kull aggressjoni ġdida fuq l-Ukraina mill-Federazzjoni Russa kien ser ikollha konsegwenzi kbar f'termini, b'mod partikolari, ta' spejjeż fil-forma ta' miżuri restrittivi kemm settorjali kif ukoll individwali, għandu jitqies li l-Kunsill kellu l-intenzjoni, bl-adozzjoni ta' dan il-kriterju, jeżerċita, kif iddikjarat il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 68 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 55 tar-raba' sentenza appellata, pressjoni addizzjonali fuq il-Federazzjoni Russa u jkabbar l-ispiża għal din tal-aħħar tal-azzjonijiet tagħha intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, sabiex din il-federazzjoni ttemm l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukraina u, b'mod iktar ġenerali, l-azzjonijiet u l-politiki tagħha li jiddestabbilizzaw dan il-pajjiż terz.

122 Kif indikat l-Avukata Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-711/23 P u fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-35/24 P, il-kriterju (g) ma jkunx jista' jikkontribwixxi b'mod daqstant effettiv għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet jekk jiġi interpretat fis-sens li miżuri restrittivi jistgħu jiġu imposti biss fuq in-negozjanti ewlenin, fuq il-persuni ġuridiċi, fuq l-entitajiet u fuq il-korpi li jipprovdu huma stess sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

123 Għall-kuntrarju, il-possibbiltà li jiġu imposti miżuri restrittivi fir-rigward tan-negozjanti ewlenin, tal-persuni ġuridiċi, tal-entitajiet u tal-korpi kollha li jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, indipendentement minn jekk dawn jipprovdux huma stess tali sors ta' dħul lil dan il-gvern, hija ta' natura li ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li teżerċita pressjoni fuq l-imsemmi gvern, b'mod partikolari billi tostakola l-funzjonament tas-setturi ekonomiċi kkonċernati u billi twassal għalhekk għal dgħjufija tas-sorsi ta' dħul ipprovdut lill-istess gvern minn dawn is-setturi.

124 Dan għandu japplika iktar u iktar meta, fil-kuntest ta' aggressjoni mhux ipprovokata kontra Stat indipendenti, bi ksur tad-dritt internazzjonali, l-ekonomija tal-pajjiż aggressur tinbidel jew tkun tista' tinbidel f'ekonomija tal-gwerra. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-kriterju (g) huwa intiż, kif esponiet essenzjalment l-Avukata Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-711/23 P u fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-35/24 P, li jdgħajjef is-sorsi prinċipali ta' dħul tal-gvern ta' dan il-pajjiż aggressur u li b'hekk jippreġudika l-finanzjament tal-aggressjoni kontra l-Ukraina, billi jiffriża b'mod partikolari l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' persuni, ta' entitajiet jew ta' korpi li jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi li huma ta' lukru għal dan il-gvern u li, permezz ta' din l-attività, jistgħu jikkontribwixxu, bħan-negozjanti ewlenin, għaż-żamma tal-profittabbiltà, jew saħansitra għall-prosperità, ta' dawn is-setturi.

125 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 104 sa 124 ta' din is-sentenza jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostnu t-tielet u r-raba' appellant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi, la fil-punti 69 u 70 tat-tielet sentenza appellata u lanqas fil-punti 56 u 57 tar-raba' sentenza appellata, meta qieset li l-kriterju (g) kellu jiġi interpretat fis-sens li ma humiex in-negozjanti ewlenin iżda s-"setturi ekonomiċi" li għandhom jipprovdu lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa sors sostanzjali ta' dħul.

126 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tat-tielet u tar-raba' appellant fis-sens li mid-dritt primarju tal-Unjoni jirriżulta li kriterji ta' inklużjoni bħalma huwa l-kriterju (g) għandhom jirreferu għal "aġir personali" min-naħa tal-persuni u tal-entitajiet ikkonċernati, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ewwel istanza, it-tielet u r-raba' appellant qajmu dan l-argument b'rabta mal-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) u mhux mal-interpretazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, huma jtennu dan l-argument fl-istadju tal-appell, fil-kuntest tat-tieni parti tat-tielet aggravju rispettiv tagħhom, sabiex jikkritikaw iċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali, ta' din l-eċċezzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmi argument ser jiġi eżaminat waqt l-analiżi ta' din it-tieni parti.

127 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju fil-Kawża C-711/23 P kif ukoll it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju fil-Kawża C-35/24 P għandhom jiġu miċħuda.

b) Fuq it-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, fuq l-ewwel sat-tielet parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, fuq l-ewwel ilment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P u fuq is-seba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P

1) L-argumenti tal-partijiet

128 Permezz tat-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 105 tat-tieni sentenza appellata, fl-interpretazzjoni li hija adottat tal-kelma "sostanzjali", fis-sens tal-kriterju (g). Fil-fehma tiegħu, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddefinixxiet din il-kelma bħala li tfisser "mhux negliġibbli", u b'hekk tbiegħdet mis-sens ordinarju tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli tiffissa limiti numeriċi li minnhom jista' jitqies li dħul huwa ta' natura sostanzjali. Hija lanqas ma speċifikat liema huwa l-element ta' paragun, bħalma huwa d-dħul globali li għandu l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li fir-rigward tiegħu tista' tiġi stabbilita din in-natura.

129 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, it-tielet appellant iqis li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 98 tat-tielet sentenza appellata, tal-kunċett ta' "dħul", fis-sens tal-kriterju (g), jiġifieri "id-dħul kollu ġġenerat mis-settur ta' attivitajiet" ikkonċernat, hija wiesgħa wisq u tmur lil hinn b'mod inaċċettabbli mis-sens ordinarju ta' dan il-kunċett. Skont dan l-appellant, is-sorsi ta' dħul għandhom ikopru biss is-sorsi reali ta' flus li minnhom il-baġit tal-Federazzjoni Russa jibbenefika direttament.

130 Barra minn hekk, it-tielet appellant isostni, fil-kuntest tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu, li din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "dħul" ma hijiex suffiċjentement motivata. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali naqset milli tippreċiża fiex għandu jikkonsisti d-dħul, min għandu jitqies li huwa benefiċjarju ta' dan id-dħul jew inkella liema tipi ta' dħul għandhom jitqiesu li huma rċevuti mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

131 Permezz tat-tielet parti tar-raba' aggravju tiegħu, it-tielet appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta assimilat, fil-punt 87 tat-tielet sentenza appellata, il-kelma "sostanzjali" mal-espressjoni "mhux negliġibbli". Fil-fatt, din il-kelma u din l-espressjoni għandhom differenza importanti fit-tifsira sa fejn il-kelma "sostanzjali" tfisser "ta' daqs kbir, ta' valur kbir jew ta' importanza kbira", filwaqt li l-espressjoni "mhux negliġibbli" tirreferi għal dak li "ma huwiex żgħir wisq biex ikun kbir". Barra minn hekk, peress li l-kelma "sostanzjali" hija kunċett relattiv, il-Qorti Ġenerali kellha, sabiex tevalwa n-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul ipprovdut mis-settur ekonomiku kkonċernat, tieħu bħala riferiment id-dħul globali tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, ħaġa li hija naqset milli tagħmel.

132 Fil-Kawża C-35/24 P, l-argumenti mqajma mir-raba' appellant fil-kuntest tal-ewwel ilment tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu u li jirrigwardaw il-punti 75 u 79 tar-raba' sentenza appellata jikkorrispondu għal dawk imressqa mit-tielet appellant insostenn tat-tielet parti tar-raba' aggravju tiegħu, kif esposti fil-punt preċedenti.

133 Permezz tas-seba' aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 108 tal-ħames sentenza appellata, li n-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul imsemmi fil-kriterju (g) ma għandhiex tiġi evalwata fir-rigward tal-baġit globali tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fil-fatt, il-kelma "sostanzjali" hija kunċett relattiv li jeħtieġ li s-sors ta' dħul ikkonċernat jitqabbel mad-dħul globali ta' dan il-gvern. Dan huwa iktar u iktar minnu peress li ebda pressjoni ma tista' tiġi eżerċitata fuq l-imsemmi gvern jekk is-settur inkwistjoni jirrappreżenta biss sors żgħir ta' dħul għalih.

134 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tat-tieni sal-ħames appellant.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

135 Fl-ewwel lok, it-tieni sar-raba' appellant isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddefinixxiet, fil-punt 105 tat-tieni sentenza appellata, fil-punt 87 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 75 tar-raba' sentenza appellata, il-kelma "sostanzjali" bħala sinonima tal-espressjoni "mhux negliġibbli".

136 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, f'dawn id-diversi punti ta' dawn is-sentenzi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-użu tal-aġġettiv kwalifikattiv "sostanzjali" li jinsab fil-grupp nominali "sors sostanzjali ta' dħul" kien jimplika li "dan is-sors ta' dħul għandu jkun sinjifikattiv u għalhekk [mhux] negliġibbli". Din il-preċiżazzjoni tal-portata tal-kelma "sostanzjali", fis-sens tal-kriterju (g), ma tistax tiġi kkritikata sa fejn, għal dan l-għan, il-Qorti Ġenerali rrikorriet għal żewġ sinonimi ta' din il-kelma, jiġifieri l-aġġettiv "sinjifikattiv" u l-aġġettiv kompost "mhux negliġibbli". Fil-fatt, dan tal-aħħar, fil-lingwaġġ ta' kuljum kemm fil-Franċiż, li kienet il-lingwa tal-kawża fil-kawża li tat lok għat-tieni sentenza appellata, kif ukoll fl-Ingliż ("not negligible"), li kienet il-lingwa tal-kawża fil-kawżi li taw lok għat-tielet u għar-raba' sentenza appellata, jintuża sabiex jindika, b'mod partikolari, kwantità sinjifikattiva.

137 Fit-tieni lok, it-tieni sal-ħames appellant iqisu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 105 tat-tieni sentenza appellata, fil-punt 87 tat-tielet sentenza appellata, fil-punti 75 u 79 tar-raba' sentenza appellata kif ukoll fil-punt 108 tal-ħames sentenza appellata, billi astjeniet milli tqabbel id-dħul iġġenerat mis-setturi ekonomiċi inkwistjoni mad-dħul globali tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa sabiex tiddetermina n-natura sostanzjali tiegħu, meta tali natura hija kunċett relattiv li jeħtieġ element ta' paragun.

138 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li n-natura sostanzjali ta' kwantità tista' tiġi evalwata b'mod relattiv, jiġifieri fir-rigward ta' kwantità ta' referenza, tali natura tista' tiġi evalwata wkoll b'mod assolut. Dan jista' jkun il-każ ta' dħul ipprovdut lill-gvern ta' Stat minn settur tal-ekonomija tiegħu. Fil-fatt, huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li settur ekonomiku jipprovdi lil tali gvern dħul fi kwantità sostanzjali, indipendentement mill-perċentwali li dan id-dħul jirrappreżenta meta mqabbel mad-dħul globali ta' dan il-gvern, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta naqset milli twettaq tali paragun.

139 Fit-tielet lok, it-tielet appellant isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 98 tat-tielet sentenza appellata, adottat interpretazzjoni estensiva u ġenerali wisq tal-kunċett ta' "dħul", fis-sens tal-kriterju (g), billi inkludiet fih, mingħajr ebda preċiżazzjoni, "id-dħul kollu ġġenerat mis-settur ta' attivitajiet" ikkonċernat.

140 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "dħul" jinkludi neċessarjament, fid-dawl tat-tifsira ordinarja tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, li t-tielet appellant isemmi huwa stess fl-appell tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji kollha li s-settur ekonomiku kkonċernat jipprovdi lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa bħala entità pubblika, li minnhom jagħmlu parti, kif indikat il-Qorti Ġenerali bħala eżempju fil-punt 98 tat-tielet sentenza appellata, it-taxxi li joriġinaw minn dan is-settur.

141 Fir-rigward tal-fatt li dak il-punt ma jinkludix indikazzjoni iktar preċiża tal-imsemmi kunċett, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali allegatament ivvizzjat ir-raġunament tagħha b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fil-punt 98 tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li permezz tiegħu t-tielet appellant sostna li l-ħlas ta' taxxi ma kienx ekwivalenti għal appoġġ lir-reġim. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex l-intenzjoni li tiddefinixxi, f'dak il-punt, il-kunċett ta' "dħul". Fl-imsemmi punt, hija sempliċement spjegat li l-kriterju (g) ma kienx jirrigwarda l-ħlas tat-taxxi minn dan l-appellant jew mill-impriża li fiha huwa kien jeżerċita l-attività tiegħu, iżda, fost oħrajn, it-taxxi ġġenerati mis-settur ekonomiku kkonċernat. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

142 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, l-ewwel tliet partijiet tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, l-ewwel ilment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P kif ukoll is-seba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandhom jiġu miċħuda.

2. Fuq l-aggravji bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g)

143 Din is-subtaqsima ser tittratta l-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel u t-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tielet parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, ir-raba' parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P kif ukoll it-tieni aggravju u l-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P.

a) L-argumenti tal-partijiet

144 Fil-Kawża C-696/23 P, permezz tal-ewwel aggravju tiegħu li huwa maqsum fi tliet partijiet, l-ewwel appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li huwa seta' validament jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g).

145 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu, l-ewwel appellant isostni li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 51 u 63 tal-ewwel sentenza appellata, qieset b'mod żbaljat li l-Kunsill seta' validament japplika l-kriterju (g) għalih u jikklassifikah bħala "negozjanti ewlieni" fid-dawl biss tal-funzjonijiet li huwa kien jokkupa fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara, indipendentement mill-importanza li huwa kellu, personalment, għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew tal-influwenza li huwa kien jeżerċita fuq dan il-gvern. Skont l-ewwel appellant, il-fatt li, sabiex jissodisfaw il-kriterju (g), in-negozjanti kkonċernati għandu jkollhom tali importanza jew influwenza jirriżulta mill-interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika ta' dan il-kriterju. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali stess ikkonfermat dan fil-punti 79 sa 81 tat-tieni sentenza appellata, mogħtija fl-istess jum bħall-ewwel sentenza appellata, kif ukoll fil-punti 66 u 68 tat-tielet sentenza appellata, li ngħatat ġimgħa wara l-ewwel sentenza appellata. Għaldaqstant, hija interpretat b'mod żbaljat, fl-ewwel sentenza appellata u f'kontradizzjoni mat-tieni u mat-tielet sentenza appellata, il-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), billi qieset li tali influwenza hija limitata għall-qasam ekonomiku, meta fil-fatt dan il-kriterju jeħtieġ ukoll it-teħid inkunsiderazzjoni tal-qasam politiku.

146 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu, l-ewwel appellant iqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 65 tal-ewwel sentenza appellata, moqri flimkien mal-punti 51 u 63 tagħha, li l-funzjonijiet li huwa kien jeżerċita fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara kienu jippermettu, waħedhom, li jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g). Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika jekk, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, l-ewwel appellant kellux importanza jew influwenza reali b'rabta mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u jekk huwa kienx jeżerċita kontroll fuq din il-kumpannija u dan il-grupp. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari li fiha kien jinsab dan l-appellant, jiġifieri l-fatt li, matul l-aħħar jum li matulu huwa eżerċita l-funzjonijiet tiegħu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara, jiġifieri d-9 ta' Marzu 2022, li hija wkoll id-data li fiha ġew adottati d-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, huwa ma kienx għadu jeżerċita kontroll u lanqas influwenza fuq dawn il-kumpanniji.

147 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tiegħu, l-ewwel appellant isostni li, fil-punt 63 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, astjeniet milli tivverifika jekk huwa kienx ittrasferixxa, ftit jiem qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, l-azzjonijiet li huwa kellu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara, meta fil-fatt tali verifika kienet tippermetti lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li, minkejja ż-żamma tal-funzjonijiet tiegħu sad-9 ta' Marzu 2022 f'din il-kumpannija u f'dan il-grupp, dan l-appellant ma kien għad għandu ebda influwenza fuq dawn il-kumpanniji u wisq inqas fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

148 Permezz tal-ewwel u tat-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret il-kunċett ta' "negozjanti ewlenin", fis-sens tal-kriterju (g). Fil-fatt, l-ewwel nett, id-definizzjoni ta' dan il-kunċett mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn la hija ċara u lanqas preċiża.

149 It-tieni nett, fil-punti 88 u 90 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, sabiex tikkunsidra li t-tieni appellant seta' validament jiġi kklassifikat bħala negozjant "ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g), adottat kriterju li hija ma stabbilixxietx fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "influwenza" mogħtija fil-punt 80 ta' dik is-sentenza, jiġifieri l-importanza ekonomika ta' Yandex, il-kumpannija li fiha dan l-appellant kien jeżerċita l-attività tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 89 tal-imsemmija sentenza, punt ta' fatt irrilevanti fir-rigward ta' din id-definizzjoni, jiġifieri l-fatt li fl-24 ta' Frar 2022 l-imsemmi appellant kien ipparteċipa f'laqgħa mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin.

150 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tiegħu, it-tieni appellant isostni li l-Qorti Ġenerali kisret ir-regoli dwar l-oneru u l-amministrazzjoni tal-prova billi naqset milli tivverifika jekk, kif madankollu kienet indikat fil-punt 79 tat-tieni sentenza appellata, negozjant bħalu kellux xi influwenza fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u kienx kapaċi jagħmel pressjoni fuq dan il-gvern sabiex dan tal-aħħar jibdel il-politika tiegħu.

151 Fil-Kawża C-35/24 P, ir-raba' appellant, permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju tiegħu, jilmenta li l-Qorti Ġenerali bbażat, fil-punt 54 tar-raba' sentenza appellata, l-interpretazzjoni tagħha tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), fuq il-preżunzjoni li persuna li tkun is-suġġett ta' miżuri restrittivi adottati abbażi ta' dan il-kriterju tinsab f'pożizzjoni li teżerċita influwenza fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa, indipendentement mill-fatt li ma tkun teżisti ebda prova ta' rabta bejn din il-persuna u dan il-gvern. Dan l-iżball ta' liġi kellu l-effett li jaqleb l-oneru tal-prova u kellu wkoll konsegwenzi fuq l-analiżi magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 75 tar-raba' sentenza appellata.

152 Permezz tat-tieni aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant jilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret il-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g). Fil-fatt, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali astjeniet, fil-punt 92 tal-ħames sentenza appellata, milli twettaq analiżi tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g), meta fil-fatt, kif sostna dan l-appellant fl-ewwel istanza, uħud minn dawn il-verżjonijiet jużaw il-kelma "influwenti" u oħrajn il-kelma "importanti". Il-Qorti Ġenerali b'hekk assimilat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "influwenza" ma' dak ta' "importanza".

153 It-tieni nett, l-analiżi teleoloġika mwettqa mill-Qorti Ġenerali hija żbaljata sa fejn dik il-qorti identifikat, fil-punti 52 u 89 tal-ħames sentenza appellata, l-għan tal-miżuri restrittivi li jirriżultaw mill-atti inizjali kontenzjużi u mill-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi fid-dawl tas-sentenzi

tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali li ma kinux jikkonċernaw miżuri restrittivi individwali bħal f'dan il-każ, iżda miżuri restrittivi settorjali. Skont il-ħames appellant, l-għan tal-atti kontenzjużi, sa fejn jipprevedu miżuri restrittivi individwali bbażati fuq l-Artikolu 215(2) TFUE, huwa li ssir pressjoni fuq persuni sabiex dawn ibiddlu l-aġir tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kriterju (g) ma għandux jiġi interpretat bħala li jirreferi għan-negozjanti "importanti" kollha, iżda biss għan-negozjanti letteralment "influwenti", jiġifieri dawk li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

154 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant isostni li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali meta adottat, fil-punt 91 tal-ħames sentenza appellata, definizzjoni wiesgħa wisq tal-kunċett ta' "influwenza". Fil-fatt, din id-definizzjoni, sa fejn hija relatata ma' kull negozjant importanti li jeżerċita attività f'settur ekonomiku partikolari, ma tippermettix lill-persuni ssanzjonati jifhmu liema aġir huma mistennija jadottaw sabiex jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u sabiex jitneħħew il-miżuri restrittivi li jkunu suġġetti għalihom. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kellha tinterpreta l-kunċett ta' "influwenza" bħala dak li negozjant ikollu fuq dan il-gvern sabiex iwassal lil dan tal-aħħar jibdel l-azzjonijiet tiegħu u l-politika tiegħu fir-rigward tal-Ukraina.

155 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u tal-ħames appellant.

156 Fil-Kawża C-696/23 P, il-Kunsill, mingħajr ma jeċċepixxi formalment l-inammissibbiltà tal-ewwel aggravju invokat mill-ewwel appellant insostenn tal-appell tiegħu, isostni li, l-ewwel nett, dan l-appellant ma jindikax b'mod ċar, insostenn tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, il-punti tal-ewwel sentenza appellata li huwa għandu l-intenzjoni jikkritika u lanqas għal liema raġunijiet huwa jqis li dawn il-punti jinkludu żball ta' liġi. It-tieni nett, dik l-istituzzjoni tirrileva li huwa singulari, fil-kuntest ta' din l-ewwel parti, li l-Qorti Ġenerali tiġi kkritikata talli ma segwietx ġurisprudenza li hija żviluppat fit-tielet sentenza appellata, mogħtija wara l-ewwel sentenza appellata. It-tielet nett, il-Kunsill iqis li, permezz tal-parti l-kbira tal-argumenti tiegħu invokati insostenn tat-tliet partijiet tal-ewwel aggravju, l-ewwel appellant ifittex li jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti, evalwazzjoni li, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-fatti, li ma huwiex allegat f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-kompetenza twettaq fil-kuntest ta' appell.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1) Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P

157 Mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u mill-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu din it-talba b'mod speċifiku, għaliex inkella l-appell jew l-aggravju kkonċernat ma jkunx inammissibbli, u li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika, jekk ikun meħtieġ *ex officio*, jekk dan ir-rekwiżit ta' preċiżjoni jkunx issodisfatt (sentenza tat-13 ta' Marzu 2025, Shuvalov vs Il-Kunsill, C-271/24 P, EU:C:2025:180, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

158 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 256 TFUE u l-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell għandu jkun limitat għal kwistjonijiet ta' liġi u li l-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni esklużiva, minn naħa, sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tkun tidher li tirriżulta mid-dokumenti tal-proċess ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, sabiex tevalwa dawn il-fatti. Din l-evalwazzjoni ma tikkostitwixxix, bla ħsara għall-każ ta' żnaturament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja. Meta l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-kompetenza li teżerċita, skont l-Artikolu 256 TFUE, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li tkun siltet minnhom il-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Marzu 2021, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-152/19 P, EU:C:2021:238, punt 110, u tas-26 ta' Settembru 2024, JCDecaux Street Furniture Belgium vs Il-Kummissjoni, C-710/22 P, EU:C:2024:787, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

159 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, l-ewwel appellant, fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu, indika liema kienu l-punti preċiżi tal-ewwel sentenza appellata li huwa kellu l-intenzjoni jikkritika, jiġifieri l-punti 45, 51 u 63 tagħha, u li huwa spjega biċ-ċarezza u bil-preċiżjoni meħtieġa li l-portata adottata, f'dawn il-punti, tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), ma hijiex ikkorroborata minn interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika ta' dan il-kriterju, kif allegatament jirriżulta wkoll mill-motivi adottati mill-Qorti Ġenerali fit-tieni u fit-tielet sentenza appellata.

160 Fit-tieni lok, huwa minnu li, fil-punti 45 sa 51, 63 u 65 tal-ewwel sentenza appellata, imsemmija fit-tliet partijiet tal-ewwel aggravju, il-Qorti Ġenerali eżaminat rispettivament, l-ewwel nett, jekk ir-raġuni invokata mill-Kunsill sabiex jadotta miżuri restrittivi kontra l-ewwel appellant abbażi tal-kriterju (g) kinitx sostnuta mill-fatti, it-tieni nett, jekk il-Kunsill kienx wettaq żball ta' evalwazzjoni meta ma ħax inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' dan l-appellant bħala "negozjant ewlieni", ta' punt ta' fatt, jiġifieri l-allegat trasferiment tal-azzjonijiet tiegħu ftit jiem qabel id-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi u, it-tielet nett, jekk kellux jittieħed inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-imsemmi appellant bħala "negozjant ewlieni", ta' punt ta' fatt ieħor, jiġifieri l-allegata assenza ta' kontroll eżerċitat mill-istess appellant fuq il-kumpannija u fuq il-grupp li fihom huwa kien għadu jeżerċita attività f'dik id-data.

161 B'dan premess, għandu jiġi rrilevat, fid-dawl b'mod partikolari tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 158 ta' din is-sentenza, li, permezz tat-tliet partijiet tal-ewwel aggravju tiegħu, l-ewwel appellant ma huwiex qiegħed jipprova jdaħħal inkwistjoni l-konstatazzjoni u l-evalwazzjoni tal-fatti mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 45 sa 51 tal-ewwel sentenza appellata, u li, barra minn hekk, dik il-qorti ma wettqitx tali konstatazzjoni jew evalwazzjoni fil-punti 63 u 65 ta' dik is-sentenza. Għall-kuntrarju, huwa jqis essenzjalment li, fil-punti 51, 63 u 65 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li huwa seta' validament jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g), fid-dawl biss tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk huwa kienx ittrasferixxa l-azzjonijiet tiegħu f'din il-kumpannija jew f'dan il-grupp jew jekk kienx għadu jeżerċita kontroll fuqhom fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi. L-ewwel appellant iqis li, permezz ta' tali

raġunament, il-Qorti Ġenerali adottat tifsira purament ekonomika tal-kunċett ta' "influwenza", meta fil-fatt, kif kien sostna fir-rikors tiegħu fl-ewwel istanza, dan il-kunċett jimplika importanza jew influwenza fir-rigward tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

162 Għaldaqstant, il-kritiki tal-ewwel appellant jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti mill-Qorti Ġenerali bħala li jikkostitwixxu elementi li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi adottati kontrih (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 60), u dan, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 158 ta' din is-sentenza, jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sa fejn din il-kritika tirrigwarda wkoll l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali, f'dan il-kuntest, impliċitament adottat tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), għandu jitfakkar li l-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali adottatx interpretazzjoni żbaljata ta' dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni hija kwistjoni ta' liġi li tista' tiġi suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2000, Sarrió vs Il-Kummissjoni, C-291/98 P, EU:C:2000:631, punt 35).

163 Fit-tielet lok, meta, fil-kuntest ta' appell, appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma adottatx, fis-sentenza appellata, l-istess interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni bħal dik li hija tkun adottat f'sentenza oħra mogħtija fl-istess jum, jew inkella f'sentenza sussegwenti, tali lment ma jistax jiġi ddikjarat inammissibbli. Fil-każ kuntrarju, dan l-appellant jiġi indebitament imċaħħad mill-possibbiltà li jirrileva eventwali kontradizzjoni jew inkoerenza fl-interpretazzjoni ta' tali dispożizzjoni mill-Qorti Ġenerali, f'sitwazzjoni fejn il-kwistjoni jekk dik il-qorti interpretatx b'mod korrett u uniformi d-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-ġurisprudenza tagħha stess hija kwistjoni ta' liġi li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Philips u Philips France vs Il-Kummissjoni, C-98/17 P, EU:C:2018:774, punti 82 sa 85).

164 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-ewwel aggravju invokat mill-ewwel appellant insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-696/23 P huwa ammissibbli fl-intier tiegħu.

2) Fuq il-mertu

i) Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P, fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P u fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P

165 Sa fejn jippreżentaw rabta ta' konnessjoni bejniethom, l-argumenti tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' appellant ser jiġu eżaminati flimkien iktar 'il quddiem, filwaqt li dawk li huma speċifiċi għal kull wieħed minn dawn l-appellanti ser ikunu, jekk ikun il-każ, is-suġġett ta' eżami separat.

166 L-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel appellant jagħmel qari żbaljat tat-tieni u tat-tielet sentenza appellata, bħalma t-tieni appellant jagħmel qari żbaljat tat-tieni sentenza appellata u r-raba' appellant tar-raba' sentenza appellata. Fil-fatt, la fil-punti 79 sa 81 tat-tieni sentenza appellata, la fil-punti 66 u 68 tat-tielet sentenza appellata, u lanqas fil-punt 54 tar-raba' sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma qieset jew assumiet li n-"negozjanti ewlenin", fis-sens tal-kriterju (g), kellu jkollhom rabta personali mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa sa fejn dawn kellu jkollhom importanza konkreta għal dan il-gvern jew kellhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw influwenza jew pressjoni notevoli fuqu.

167 Qabel kollox, fil-punt 79 tat-tieni sentenza appellata, imsemmi kemm mill-ewwel kif ukoll mit-tieni appellant, fil-punt 66 tat-tielet sentenza appellata, imsemmi mill-ewwel appellant, u fil-punt 54 tar-raba' sentenza appellata, imsemmi mir-raba' appellant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kriterju (g) kien jipprevedi biss rabta bejn, minn naħa, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u, min-naħa l-oħra, is-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lil dan il-gvern, u mhux in-negozjanti ewlenin. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li dan il-kriterju kien intiż biss li jisfrutta l-influwenza li l-kategorija ta' persuni li jikkostitwixxu dawn in-negozjanti "tista'" teżerċita fuq ir-reġim Russu billi "jġiegħel" lil dawn il-persuni jagħmlu pressjoni fuq l-imsemmi gvern sabiex dan jibdel il-politika tiegħu, formulazzjoni din li tindika b'mod ċar li l-Qorti Ġenerali ma qisitx li n-negozjanti ewlenin kellu jkollhom rabta personali mal-istess gvern u lanqas li huma kellhom ikunu effettivament f'pożizzjoni li jeżerċitaw pressjoni fuqu.

168 Sussegwentement, fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata, imsemmi mill-ewwel appellant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), kien ikopri l-importanza li n-negozjanti seta' jkollhom fuq il-livell ekonomiku fid-dawl, skont il-każ, tal-istatus professjonali tagħhom, tal-importanza tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, tal-portata tal-assi kapitali tagħhom jew tal-funzjonijiet tagħhom fi ħdan impriża waħda jew iktar li fihom jeżerċitaw dawn l-attivitajiet, u dan indipendentement mir-rabtiet li dawn in-negozjanti jista' jkollhom mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

169 Fl-aħħar nett, fil-punt 81 tat-tieni sentenza appellata u fil-punt 68 tat-tielet sentenza appellata, imsemmija mill-ewwel appellant, il-Qorti Ġenerali qieset li tali interpretazzjoni ta' dan il-kunċett, filwaqt li tinjora kull forma ta' rabta li n-negozjanti jista' jkollhom ma' dan il-gvern, kienet ikkorroborata mill-għan tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, jiġifieri li ssir pressjoni fuq l-imsemmi gvern u li titkabbar l-ispiża tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukraina.

170 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma applikat ebda preżunzjoni fir-rigward ta' tali kapaċità u lanqas ma qalbet l-oneru tal-prova. Bl-istess mod, fil-punti 79 sa 81 tat-tieni sentenza appellata u fil-punti 66 u 68 tat-tielet sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma qisitx li n-"negozjanti ewlenin", fis-sens tal-kriterju (g), kellu jkollhom rabta personali mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa sa fejn dawn kellu jkollhom importanza konkreta għal dan il-gvern jew jeżerċitaw influwenza reali fuqu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-argumenti tat-tieni u tar-raba' appellant jiġu miċħuda.

171 B'dan premess, għandu jiġi vverifikat, it-tieni nett, jekk, indipendentement mill-kunsiderazzjonijiet esposti mill-Qorti Ġenerali fit-tieni u fit-tielet sentenza appellata, din fehmitx b'mod korrett, fl-ewwel sentenza appellata, il-kunċett ta' "influwenza", fis-sens ta' dan il-kriterju, sa fejn hija essenzjalment qieset, fil-punti 51, 63 u 65 ta' dik is-sentenza, li persuna bħall-ewwel appellant setgħet tiġi kklassifikata bħala "negozjant ewlieni" fid-dawl biss tal-funzjonijiet li hija tokkupa fl-ekonomija Russa, indipendentement mill-eżistenza ta' rabta bejnha u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

172 F'dan il-kuntest, għandu jiġi vverifikat, konformement mar-regoli ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mfakkra fil-punti 99 u 100 ta' din is-sentenza, jekk l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "influwenza" adottata b'dan il-mod mill-Qorti Ġenerali fl-ewwel sentenza appellata hijiex ivvizzjata bi żball ta' liġi.

173 Fir-rigward tal-kelma "ewlenin" [fil-Franċiż "influent"], jidher li l-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-kriterju (g) jużaw kliem li t-tifsira tagħhom hija paragunabbli, sa fejn jirriflettu l-idea li n-negozjant għandu jkun importanti, prominenti jew eminenti. Fil-fatt, dawn il-verżjonijiet

jipprovdu li n-negozjanti għandhom ikunu "rimarkabbli" ("видни" bil-Bulgaru), "importanti" ("principales" bl-Ispankol u "importanți" bir-Rumen), "prominenti" ("předních" biċ-Ċek, "fremtrædende" bid-Daniż, "führende" bil-Ġermaniż, "leading" bl-Ingliż, "príomhdhaoine" bl-Irlandiż, "vodeće" bil-Kroat, "vezető" bl-Ungeriż, "vooraanstaande" bl-Olandiż, "wiodących" bil-Pollakk, "propredných" bis-Slovakk, "johtavat" bil-Finlandiż u "ledande" bis-Svediż), "eminenti" ("juhtivad" bl-Estonjan, "εξέχοντες" bil-Grieg, "di spicco" bit-Taljan u "proeminentes" bil-Portugiż, "influwenti" ("influents" bil-Franċiż kif ukoll "ietekmīgi" bil-Latvjan u "įtakingi" bil-Litwan), "prinċipali" ("ewlenin" bil-Malti) jew "dominanti" ("vodilne" bis-Sloven).

174 Barra minn hekk, il-kliem użat fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi bl-ebda mod ma jimplikaw, minnhom infushom u barra minn kull kuntest, rabta ma' xi qasam, bħalma huma l-oqsma ekonomiċi jew politiċi, jew ma' persuni jew entitajiet speċifiċi, bħalma huwa l-gvern ta' Stat.

175 Għaldaqstant, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-696/23 P, l-aġġettiv kwalifikattiv "ewlieni" [fil-Franċiż "influent"] jirrigwarda, fin-nuqqas ta' kull indizju, fil-formulazzjoni tal-kriterju (g), fis-sens li l-influwenza għandha tiġi eżerċitata fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew b'mod iktar wiesa' f'kuntest politiku, l-importanza li n-negozjant ikkonċernat għandu jkollu fis-settur ta' attività tiegħu, indipendentement mir-rabtiet li dan in-negozjant jista' barra minn hekk ikollu, jekk ikun il-każ, ma' dan il-gvern.

176 Huwa minnu li l-kriterju (g) isemmi l-imsemmi il-gvern, b'tali mod li jista' jitqies li l-kunċett ta' "influwenza" jaqa' wkoll f'kuntest politiku. Madankollu, kif indikat il-Qorti Ġenerali fil-punti 79 sa 81 tat-tieni sentenza appellata u fil-punti 66 u 68 tat-tielet sentenza appellata, imsemmija mill-ewwel appellant, dan il-kriterju jistabbilixxi rabta bejn, minn naħa, l-istess gvern u, min-naħa l-oħra, is-setturi ekonomiċi li fihom in-negozjanti ewlenin jeżerċitaw attività, u mhux dawn in-negozjanti ewlenin. Fil-fatt, kif ġie indikat fil-punt 125 ta' din is-sentenza, il-kriterju (g) għandu jiġi interpretat fis-sens li huma s-setturi ekonomiċi u mhux in-negozjanti ewlenin li għandhom jipprovdu lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa sors sostanzjali ta' dħul.

177 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni tal-kriterju (g) jirriżulta li dan tal-aħħar jimplika biss li jintwera li n-negozjanti għandhom importanza sinjifikattiva f'settur ekonomiku ta' lukru għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, indipendentement mir-rabtiet li dawn in-negozjanti jista' jkollhom ma' dan il-gvern, mill-importanza konkreta tagħhom għalih jew mill-kapaċità effettiva tagħhom ta' influwenza fir-rigward tiegħu.

178 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata, imsemmi mill-ewwel appellant, il-kunċett ta' "influwenza" tan-negozjanti fis-settur ekonomiku li fih dawn jeżerċitaw l-attività tagħhom jista' jinftiehem biss fid-dawl tal-kuntest ekonomiku li fih huma joperaw, skont kriterji bħalma huma l-istatus professjonali tagħhom jew il-funzjonijiet tagħhom, l-importanza tal-attività ekonomika tagħhom, il-portata tal-assi kapitali tagħhom jew tal-investimenti tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom fi ħdan l-impriża li fiha huma jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet jew ukoll kull kriterju ieħor ta' natura ekonomika rilevanti.

179 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mill-kriterju (g). F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif indikat essenzjalment il-Qorti Ġenerali fil-punt 90 tal-ewwel sentenza appellata u kif tfakkar fil-punt 121 ta' din is-sentenza, li dawn l-għanijiet jikkonsistu fl-eżerċizzju ta' pressjoni addizzjonali fuq il-Federazzjoni Russa u fit-tkabbir tal-ispiża għal din tal-aħħar tal-azzjonijiet tagħha intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u

l-indipendenza tal-Ukraina, sabiex din il-federazzjoni ttemm l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukraina u, b'mod iktar ġenerali, l-azzjonijiet u l-politiki tagħha li jiddestabbilizzaw dan il-pajjiż terz.

180 Issa, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-696/23 P, dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu billi jiġu mmirati, permezz ta' miżuri restrittivi, negozjanti li, minħabba l-fatt li għandhom importanza sinjifikattiva f'settur ekonomiku ta' lukru għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, jikkontribwixxu għad-dħul li dan il-gvern jikseb mill-istess settur, kif ukoll, għaldaqstant, għall-finanzjament tal-azzjonijiet imwettqa minn dan il-pajjiż terz kontra l-Ukraina, u dan fil-kuntest ta' ekonomija ttrasformata jew li tista' tiġi ttrasformata f'ekonomija tal-gwerra. Billi tostakola l-funzjonament tas-setturi ekonomiċi kkonċernati, l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward ta' tali negozjanti, indipendentement mir-rabtiet li jista' jkollhom, jekk ikun il-każ, mal-imsemmi gvern, tista' għalhekk tkabbar l-ispiża ta' dawn l-azzjonijiet u teżerċita pressjoni fuq dan tal-aħħar sabiex dan itemm l-imsemmija azzjonijiet.

181 Għalhekk, mill-punti 173 sa 180 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal negozjanti li għandhom importanza sinjifikattiva f'setturi ekonomiċi ta' lukru għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, b'tali mod li jistgħu jiffavorixxu indirettament il-finanzjament tal-azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni mwettqa mill-imsemmi gvern kontra l-Ukraina billi jikkontribwixxu għaż-żamma tal-profittabbiltà tal-imsemmija setturi, jew għall-prosperità tagħhom.

182 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi miċħud l-argument tal-ewwel appellant fis-sens li l-Qorti Ġenerali, meta qieset li huwa seta' validament jiġi kklassifikat bħala negozjant "ewlieni" fid-dawl tal-funzjonijiet li huwa kien jokkupa fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara, indipendentement minn kull rabta mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, wettqet, fil-punti 51, 63 u 65 tal-ewwel sentenza appellata, interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g).

183 It-tielet nett, fir-rigward tal-argumenti tal-ewwel appellant fis-sens li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, fil-punti 63 u 65 tal-ewwel sentenza appellata, li t-telf tas-setgħa ta' kontroll tiegħu fir-rigward ta' TMK u tal-grupp Sinara wara t-trasferiment tal-azzjonijiet tiegħu ma kienx element rilevanti li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tal-kriterju (g) u, għaldaqstant, tal-klassifikazzjoni tiegħu bħala negozjant "ewlieni", fis-sens ta' dan il-kriterju, dawn għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin.

184 Fil-fatt, mill-punt 181 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-kunċett ta' "influwenza" tan-negozjanti koperti mill-kriterju (g) ma huwiex limitat biss għan-negozjanti li, minħabba l-funzjonijiet tagħhom fi ħdan kumpannija jew minħabba l-azzjonijiet miżmuma minnhom, jeżerċitaw kontroll reali u effettiv fuq din il-kumpannija. Dan il-kunċett ikopri, kif jirriżulta wkoll mill-punti 47 sa 51 tal-ewwel sentenza appellata u mill-punt 178 ta' din is-sentenza, dawk in-negozjanti li, minħabba b'mod partikolari l-importanza tal-istatus u tal-funzjonijiet tagħhom kif ukoll tal-importanza ekonomika tal-kumpannija li għaliha jeżerċitaw attività, ikollhom importanza sinjifikattiva fis-settur ekonomiku li fih jeżerċitaw l-attività tagħhom. Għalkemm, f'ċerti ċirkustanzi, tali importanza tista' tiġi stabbilita fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kontroll eżerċitat minn negozjant fuq il-kumpannija li fiha jeżerċita l-attività tiegħu, din tista' tiġi stabbilita wkoll fid-dawl ta' elementi oġġettivi oħra, bħalma huma dawk imsemmija iktar 'il fuq.

185 Issa, mill-konstatazzjonijiet u mill-evalwazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 47 sa 51 u 62 tal-ewwel sentenza appellata, li ma humiex ikkritikati mill-ewwel appellant fil-kuntest tal-appell tiegħu, jirriżulta essenzjalment li dan tal-aħħar kellu status u kien jeżerċita

funzjonijiet li, fid-dawl anki tal-importanza ekonomika ta' TMK u tal-grupp Sinara, kienu jagħtuh, sad-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, importanza sinjifikattiva fis-settur ta' attività li fih kien jopera, jiġifieri "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g). F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta essenzjalment ikkunsidrat, fil-punti 63 u 65 tal-ewwel sentenza appellata, li ma kienx neċessarju li jiġi stabbilit, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-ewwel appellant bħala "negozjant ewlieni", jekk dan l-appellant kienx għadu jeżerċita, sa dik id-data, kontroll reali u effettiv fuq din il-kumpannija u fuq dan il-grupp.

186 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, l-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P, it-tielet parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P u r-raba' parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P għandhom jiġu miċħuda.

ii) Fuq l-ewwel u t-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P kif ukoll fuq it-tieni aggravju u l-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P

187 Fl-ewwel lok, fil-kuntest, rispettivament, tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P u tal-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P, it-tieni u l-ħames appellant isostnu li, meta ddefinixxiet b'mod wiesa' wisq il-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata u fil-punt 91 tal-ħames sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali.

188 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi, minn naħa, li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari u preċiżi u, min-naħa l-oħra, li l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli għall-individwi, b'mod partikolari meta jkun jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli. B'mod partikolari, dan il-prinċipju jeżiġi li leġiżlazzjoni tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi li hija timponi fuqhom u li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jifhmu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità u jkunu jistgħu jaġixxu fid-dawl tagħhom. Madankollu, dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jinftiehmu bħala li jipprekludu lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli juża, fil-kuntest ta' regola li jadotta, kunċett ġuridiku astratt, u lanqas bħala li jimponu li tali regola astratta ssemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li fihom tista' tiġi applikata din ir-regola, sa fejn dawn l-ipoteżijiet kollha ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati minn qabel mil-leġiżlatur u lanqas mill-qorti tal-Unjoni meta tinterpreta din ir-regola (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2024, Il-Litwanja *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà), C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818, punti 158 u 159 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-1 ta' Awwissu 2025, Timchenko vs Il-Kunsill, C-703/23 P, EU:C:2025:608, punt 33).

189 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jistax jiġi ppreġudikat għas-sempliċi raġuni li l-qorti tal-Unjoni jkollha tirrikorri għal metodi ta' interpretazzjoni differenti mill-interpretazzjoni letterali ta' regola ta' portata ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Irish Ferries, C-570/19, EU:C:2021:664, punt 167).

190 Għandu jitfakkar li, fil-punt 91 tal-ħames sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li n-negozjanti kienu "ewlenin", fis-sens tal-kriterju (g), minħabba l-importanza tagħhom fis-settur li fih jeżerċitaw l-attività tagħhom u minħabba l-importanza li dan is-settur għandu għall-ekonomija Russa. Kemm f'dak il-punt kif ukoll fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-kunċett ta' "influwenza", fis-sens ta' dan il-kriterju, kien ikopri

l-importanza li n-negozjanti seta' jkollhom fir-rigward, skont il-każ, tal-istatus professjonali tagħhom, tal-importanza tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, tal-portata tal-assi kapitali tagħhom jew tal-funzjonijiet tagħhom fi ħdan impriża waħda jew iktar li fihom jeżerċitaw dawn l-attivitajiet.

191 Meta ddeċidiet hekk, il-Qorti Ġenerali fehmet il-kunċett ta' "influwenza" f'sens ekonomiku u pprovdiet kriterji suffiċjentement ċari u preċiżi għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, minkejja li ma kienx meħtieġ li hija ssemmi fid-dettall l-ipoteżijiet li fihom l-imsemmi kunċett seta' japplika minħabba l-fatt li, kif jirriżulta wkoll mill-punt 184 ta' din is-sentenza, il-mod kif tinftiehem l-importanza jew l-influwenza li negozjant jista' jkollu fis-settur ekonomiku kkonċernat jiddependi ħafna mill-kuntest u miċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025, Timchenko vs Il-Kunsill, C-703/23 P, EU:C:2025:608, punt 34).

192 Barra minn hekk, peress li l-Qorti Ġenerali, kif jirriżulta mill-punt 178 ta' din is-sentenza, setgħet ġustament tikkonstata, fil-punt 91 tal-ħames sentenza appellata, li mill-kunċett ta' "influwenza" jirriżulta li huma koperti l-każijiet li fihom negozjant ikollu importanza fis-settur ekonomiku kkonċernat fir-rigward tal-istatus professjonali tiegħu, tal-importanza tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu, tal-portata tal-assi kapitali tiegħu jew tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan impriża waħda jew iktar, ma jistax jitqies li dan il-punt 91 jikser ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà meħtieġ mill-prinċipju ta' ċertezza legali.

193 Fit-tieni lok, permezz tat-tieni lment tiegħu invokat insostenn tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant isostni essenzjalment li l-Qorti Ġenerali adottat, fil-punti 88 sa 90 tat-tieni sentenza appellata, kriterji jew elementi li hija ma stabbilixxietx fid-definizzjoni li hija tat tal-kunċett ta' "negozjant ewlieni" fil-punt 80 ta' dik is-sentenza, jiġifieri rispettivament l-importanza ekonomika tal-kumpannija Yandex, li fiha t-tieni appellant kien jeżerċita l-attività tiegħu, u laqgħa li dan l-appellant ipparteċipa fiha fl-24 ta' Frar 2022 mal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin.

194 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali identifikat erba' kriterji mhux kumulattivi li jippermettu li jitqies li negozjant huwa negozjant "ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g), u li ebda wieħed minn dawn il-kriterji ma jsemmi l-importanza ekonomika tal-kumpannija li fiha dan in-negozjant jeżerċita l-attività tiegħu. Huwa minnu wkoll li, fil-punti 88 u 90 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Yandex kienet kumpannija importanti fuq il-livell ekonomiku u bbażat ruħha, fost oħrajn, fuq dan l-element sabiex tikkunsidra li l-Kunsill seta' validament jikklassifika lit-tieni appellant bħala "negozjant ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g).

195 B'dan premess, kif jirriżulta mill-punti 178 u 191 ta' din is-sentenza, l-influwenza ta' negozjant tista' tiġi stabbilita bl-għajnuna ta' diversi kriterji ekonomiċi skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. Għaldaqstant, l-importanza ekonomika tal-kumpannija li għaliha negozjant jeżerċita l-attività tiegħu tikkostitwixxi element rilevanti sabiex jiġi ddeterminat, flimkien ma' elementi oħra, jekk din in-negozjant huwiex negozjant "ewlieni", fis-sens tal-kriterju (g), jiġifieri, kif ġie indikat fil-punt 181 ta' din is-sentenza, jekk dan in-negozjant għandux importanza sinjifikattiva fis-settur ekonomiku kkonċernat. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ħadet dan l-element inkunsiderazzjoni fil-punti 87 sa 90 tat-tieni sentenza appellata.

196 Fir-rigward tal-fatt li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 89 tat-tieni sentenza appellata, ikkunsidrat fatt li ma jaqax taħt il-kriterji msemmija fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "influwenza" mogħtija fil-punt 80 ta' dik is-sentenza, jiġifieri l-parteċipazzjoni tat-tieni appellant f'laqgħa organizzata mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, fl-24 ta' Frar 2022, huwa biżżejjed li jiġi

rrilevat li, f'dan il-punt 89, il-Qorti Ġenerali sempliċement qieset li dan il-fatt kien "jikkorrobora" l-influwenza tat-tieni appellant, fis-sens tal-kriterju (g). Issa, kif jirriżulta mill-punt 188 ta' din is-sentenza, id-definizzjoni ġenerali ta' kunċett, bħalma hija dik mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 80 tat-tieni sentenza appellata, ma tistax issemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li fihom dan il-kunċett jista' japplika u wisq inqas ma tista' tinkludi l-fatti li jippermettu li jiġi ssostanzjat jew ikkonfermat li sitwazzjoni konkreta taqa' taħt l-imsemmi kunċett.

197 Barra minn hekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-laqgħa tal-24 ta' Frar 2022 ma għandux jinftiehem fis-sens li t-tieni appellant huwa negozjant ewlieni minħabba r-rabtiet tiegħu mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew mal-President tagħha, iżda fis-sens li l-importanza sinjifikattiva tiegħu fis-settur ekonomiku li fih huwa jeżerċita l-attività tiegħu hija kkonfermata mill-fatt li huwa wieħed mill-oligarki li ġew mistiedna jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

198 Fit-tielet lok, permezz tat-tieni aggravju tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant jilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx, fil-punt 92 tal-ħames sentenza appellata, analiżi komparattiva tal-kelma "ewlenin" [fil-Franċiż "influent"] fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-kriterju (g) u li, fil-punt 89 ta' dik is-sentenza, moqri flimkien mal-punt 52 tagħha, ibbażat l-analiżi teleoloġika tagħha ta' dan il-kunċett fuq għanijiet li jirrigwardaw il-miżuri restrittivi settorjali, u mhux individwali, adottati mill-Unjoni fir-rigward tal-azzjonijiet ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukraina mill-Federazzjoni Russa.

199 Fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ ilmenti, il-ħames appellant jaqra b'mod żbaljat il-punt 92 tal-ħames sentenza appellata. Fil-fatt, f'dak il-punt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li, anki fil-każ fejn teżisti disparità bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-kelma "ewlenin" [fil-Franċiż "influent"] li tinsab fil-formulazzjoni ta' dan il-kriterju, konformement mal-ġurisprudenza msemmija f'dak il-punt u mfakkra fil-punt 100 ta' din is-sentenza, l-imsemmi kriterju għandu jiġi interpretat skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tagħha jikkostitwixxi element, u dan huwa preċiżament dak li għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punti 88 sa 91 tal-ħames sentenza appellata.

200 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li l-24 verżjoni lingwistika tal-kelma "ewlenin" [fil-Franċiż "influent"] ma jippreżentawx disparità bejniethom sa fejn jistgħu jiġu interpretati b'mod uniformi, kif jirriżulta mill-punti 173 u 174 ta' din is-sentenza.

201 Fir-rigward tat-tieni lment imsemmi fil-punt 198 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar, kif jirriżulta mill-punti 118 u 121 ta' din is-sentenza u kif esponiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 52 u 89 tal-ħames sentenza appellata, li l-atti tal-Unjoni fil-qasam ta' miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Ukraina għandhom bħala għan, sa mis-sena 2014, kemm permezz ta' miżuri restrittivi settorjali kif ukoll, bħal f'dan il-każ, ta' miżuri restrittivi individwali, li tiġi eżerċitata pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa u li titkabbar l-ispiża tal-azzjonijiet ta' din tal-aħħar intiżi li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, sabiex din il-federazzjoni ttemm l-azzjonijiet u l-politiki tagħha li jiddestabbilizzaw l-Ukraina kif ukoll, sa mis-sena 2022, l-aggressjoni kontra dan il-pajjiż terz. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet l-analiżi teleoloġika li tinsab fil-punti 88 u 89 tal-ħames sentenza appellata billi identifikat b'mod korrett l-għanijiet imfittxija mill-miżuri restrittivi li jirriżultaw mill-atti inizjali kontenzjużi u mill-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi.

202 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, l-ewwel u t-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P kif ukoll it-tieni aggravju u l-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandhom jiġu miċħuda.

B. Fuq l-aggravji bbażati fuq ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta kif ukoll fuq it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P

203 Din it-taqsima tiġbor flimkien, minbarra t-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P, l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi allegatament imwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, jiġifieri t-tielet u r-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P kif ukoll it-tielet aggravju u t-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-704/23 P.

1. Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-696/23 P, ibbażat fuq ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta

a) L-argumenti tal-partijiet

204 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel appellant isostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 80 tal-ewwel sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi meta qieset essenzjalment li l-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tiegħu permezz tal-miżuri restrittivi li huwa s-suġġett tagħhom kienet "prevista mil-liġi", fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Huwa jsostni li dik il-qorti naqset, bi ksur tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, milli tivverifika jekk id-Deċiżjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi li jistabbilixxu dawn il-miżuri jippreveduxregoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tal-ewwel appellant stabbiliti fl-Artikoli 7 u 17 tal-Karta, jiġifieri d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu kif ukoll id-dritt għall-proprjetà. Issa, dan ma huwiex il-każ hawnhekk. B'mod partikolari, il-kriterju (g) la huwa ċar u lanqas ma huwa preċiż u jistrieħ fuq termini ambigwi li ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà u li ma jipprovdux garanziji suffiċjenti kontra użu arbitrarju mill-Kunsill tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

205 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ewwel appellant.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

206 Għandu jitfakkar li d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta kif ukoll id-dritt għall-proprjetà previst fl-Artikolu 17 tal-Karta ma humiex prerogattivi assoluti u li l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun is-suġġett ta' restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni, bil-kundizzjoni li tali restrizzjonijiet jissodisfaw effettivament l-imsemmija għanijiet ta' interess ġenerali u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 148, u tal-21 ta' Marzu 2024, Landeshauptstadt Wiesbaden, C-61/22, EU:C:2024:251, punt 75).

207 F'dan il-kuntest, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tipprevedi li jista' jkun hemm limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet sakemm dawn ikunu previsti mil-liġi u josservaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet.

208 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-rekwiżit li tali limitazzjonijiet għandhom ikunu previsti mil-liġi (prinċipju ta' legalità) jimplika li l-att li jippermetti l-indħil f'dawn id-drittijiet jiddefinixxi huwa stess il-portata tal-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt ikkonċernat filwaqt li jiġi ppreċiżat, minn naħa, li dan ir-rekwiżit ma jeskludix li l-limitazzjoni inkwistjoni tkun ifformulata f'termini suffiċjentement miftuħa sabiex tkun tista' tiġi adattata għal każijiet differenti kif ukoll għall-bidliet fis-sitwazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', jekk ikun il-każ, tippreċiża, permezz ta' interpretazzjoni, il-portata konkreta tal-limitazzjoni fid-dawl kemm tal-kliem stess tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni kif ukoll tal-istruttura ġenerali tagħha u tal-għanijiet imfittxija minnha, kif interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Landeshaupstadt Wiesbaden, C-61/22, EU:C:2024:251, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

209 F'dan il-każ, huwa minnu li, fil-punt 80 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, fl-eżami tagħha tal-prinċipju ta' legalità, sempliċement irrilevat li l-miżuri restrittivi previsti fl-atti kontenzjużi fir-rigward tal-ewwel appellant kienu stabbiliti f'atti li għandhom b'mod partikolari portata ġenerali u li għandhom bażi legali ċara fid-dritt tal-Unjoni. B'dan il-mod, hija ma eżaminatx, f'dak il-punt, il-kwistjoni dwar jekk l-atti li jippermettu l-indħil fid-drittijiet fundamentali tal-ewwel appellant kinux jiddefinixxu l-portata tal-limitazzjoni tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti. Minn dan l-aspett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

210 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, jekk il-motivi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali jkun fihom ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni jkun jidher li huwa fondat fuq motivi oħra ta' dritt, tali ksur ma jkunx ta' natura li jwassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u jkun hemm lok li ssir sostituzzjoni tal-motivi (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario, C-778/21 P u C-798/21 P, EU:C:2024:833, punt 178).

211 F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-Artikolu 52(1) tal-Karta jeħtieġ li kull limitazzjoni tal-eżerċizzju ta' dritt fundamentali ggarantit minnha għandha tkun prevista mil-liġi, li jimplika li l-bażi legali li tippermetti l-indħil fl-imsemmi dritt għandha tiddefinixxi hija stess, b'mod ċar u preċiż, il-portata tal-limitazzjoni tal-eżerċizzju tiegħu (sentenzi tas-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559, punt 175, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2020, Recorded Artists Actors Performers, C-265/19, EU:C:2020:677, punt 86).

212 Issa, il-Qorti Ġenerali essenzjalment eżaminat l-osservanza ta' dan ir-rekwiżit fl-analiżi tagħha tal-ewwel motiv tar-rikors, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali.

213 B'mod partikolari, hija qieset, fil-punti 83, 84 u 91 sa 93 tal-ewwel sentenza appellata, li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni u l-portata tal-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 17 tal-Karta huma ddefiniti b'mod ċar u preċiż mid-Deċiżjoni 2014/145 u mir-Regolament Nru 269/2014 stess. Fil-fatt, tali miżuri restrittivi jistgħu jiġu adottati biss fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni u ta' entitajiet li jissodisfaw il-kriterji li jinsabu fl-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni 2014/145 kif ukoll fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 269/2014, kriterji li minnhom jagħmel parti l-kriterju (g). Barra minn hekk, l-Artikolu 1(2), (3) u (6) tad-Deċiżjoni 2014/145 jispeċifika l-każijiet li fihom persuna tista' tibbenefika minn deroga mill-miżura ta' projbizzjoni ta' dħul u ta' tranżitu fit-territorju tal-Unjoni li għaliha tkun

suġġetta, filwaqt li l-Artikolu 2(3) sa (5), (7) u (8) ta' din id-deċiżjoni kif ukoll l-Artikoli 4 sa 6b tar-Regolament Nru 269/2014 jipprevedu f'liema każijiet il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' persuna li jkunu ġew iffriżati jistgħu jiġu rrilaxxati.

214 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 80 tal-ewwel sentenza appellata, fis-sens li l-miżuri restrittivi previsti fl-atti kontenzjużi fir-rigward tal-ewwel appellant huma previsti mil-liġi, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, hija fondata fid-dawl tal-motivi li jinsabu f'parti oħra ta' dik is-sentenza.

215 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tielet aggravju fil-Kawża C-696/23 P għandu jiġi miċħud.

2. Fuq ir-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P u fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-704/23 P, ibbażati fuq ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll fuq it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-704/23 P, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

a) L-argumenti tal-partijiet

216 Ir-raba' aggravju invokat insostenn tal-appell fil-Kawża C-696/23 P huwa maqsum f'sitt partijiet.

217 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-ewwel appellant essenzjalment isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 88 u 90 tal-ewwel sentenza appellata, li l-miżuri restrittivi li ġew imposti fuqu kienu xierqa u neċessarji għat-twettiq tal-għanijiet imfittxija mill-Unjoni. Fil-fatt, fir-rigward, minn naħa, tal-punt 88 ta' dik is-sentenza, dawn il-miżuri ma kellhom l-ebda riperkussjoni fuq il-Federazzjoni Russa, filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu f'dan il-punt 88 barra minn hekk ma jippermettux li tiġi ssostanzjata l-proporzjonalità tal-imsemmija miżuri. B'mod partikolari, l-ewwel appellant isostni li l-kwistjoni dwar jekk huwa kienx ittrasferixxa l-azzjonijiet tiegħu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara kienet, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri restrittivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija, fatt rilevanti li l-Qorti Ġenerali kellha teżamina fir-rigward tal-provi proposti. Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-punt 90 tal-imsemmija sentenza, l-ewwel appellant iqis li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, huwa ma kienx f'pożizzjoni li jissuġġerixxi miżuri inqas restrittivi peress li tali miżuri kienu jkunu daqstant ieħor inadegwati sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija.

218 Permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-ewwel appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 94 tal-ewwel sentenza appellata, li, minkejja l-provi prodotti matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, l-argument li l-miżuri restrittivi stabbiliti mid-Deċiżjoni u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi fl-aħħar mill-aħħar jaqdu l-interessi tal-Federazzjoni Russa ma kienx sostnut b'mod suffiċjenti fid-dritt.

219 Fil-kuntest tat-tielet parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-ewwel appellant isostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli twieġeb għall-argument tiegħu fis-sens li l-miżuri restrittivi li kienu ġew imposti fuqu huma irraġonevoli minħabba l-fatt li l-Istati Membri jikkontribwixxu, permezz tax-xiri ta' fjuwils fossili, għall-finanzjament tal-ispiża tal-gwerra mmexxija mill-Federazzjoni Russa.

220 Insostenn tar-raba' parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-ewwel appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta injorat, fil-punt 90 tal-ewwel sentenza appellata, il-fatt li huwa ma setax materjalment jevadi r-restrizzjonijiet imposti, fatt dan li l-Qorti Ġenerali setgħet tikkonstata li kieku ħadet inkunsiderazzjoni l-provi proposti dwar it-trasferiment tal-azzjonijiet tiegħu.

221 L-ewwel appellant isostni, permezz tal-ħames u tas-sitt parti tar-raba' aggravju tiegħu, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta tat, rispettivament fil-punti 81, 82 u 93 kif ukoll fil-punti 83, 84, 91 u 92 tal-ewwel sentenza appellata, importanza eċċessiva, għall-finijiet tal-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-miżuri restrittivi li huwa s-suġġett tagħhom, lill-eżami mill-ġdid perijodiku ta' dawn tal-aħħar kif ukoll lill-possibbiltajiet li tintalab awtorizzazzjoni għall-użu tal-fondi jew li jinkiseb permess tal-ivvjaġġar għal raġunijiet ta' natura umanitarja.

222 Insostenn tat-tielet aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jikkritika l-punt 143 tat-tieni sentenza appellata, sa fejn il-Qorti Ġenerali naqset milli tivverifika, kuntrarjament għal dak li kienet iddikjarat f'dak il-punt, jekk il-miżuri restrittivi stabbiliti u miżmuma mill-atti kontenzjużi kinux xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn dawn tal-aħħar. Fil-fatt, id-dimostrazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fl-imsemmi punt ma tirrigwardax l-istħarriġ tal-adegwatezza tal-miżuri restrittivi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Issa, il-miżuri restrittivi imposti fuq it-tieni appellant ma humiex adatti sabiex jeżerċitaw xi tip ta' pressjoni fuq il-mexxejja tal-Federazzjoni Russa, sabiex jaffettwaw il-politika ta' din tal-aħħar jew sabiex ikollhom xi tip ta' influwenza fuq is-settur ekonomiku kkonċernat.

223 Permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu fl-istess kawża, it-tieni appellant isostni li l-punt 166 tat-tieni sentenza appellata, li jikkonċerna n-natura proporzjonata tal-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tiegħu u li jirreferi b'mod partikolari għall-analiżi tal-proporzjonalità mwettqa fil-punt 143 ta' dik is-sentenza, huwa għaldaqstant ivvizzjat ukoll bi żball ta' liġi.

224 Il-Kunsill jirribatti li, fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel appellant qiegħed jipprova, permezz tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' parti tar-raba' aggravju tiegħu, idaħħal inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali, u li tali stħarriġ tal-fatti ma jaqax, fl-assenza ta' kwalunkwe allegazzjoni ta' żnaturament, fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

225 Mill-bqija, dik l-istituzzjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ewwel u tat-tieni appellant.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

1) Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P

226 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ewwel u tar-raba' parti tar-raba' aggravju invokati insostenn tal-appell fil-Kawża C-696/23 P, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 158 ta' din is-sentenza, li l-ewwel appellant ma huwiex qiegħed jipprova jdaħħal inkwistjoni l-konstatazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali. Għall-kuntrarju, huwa jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni fatt, jiġifieri t-trasferiment tal-azzjonijiet tiegħu fi ħdan TMK u fi ħdan il-grupp Sinara, sabiex tevalwa l-proporzjonalità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tagħha permezz tal-miżuri restrittivi li ġew imposti fuqu kif ukoll l-eżistenza ta' riskju ta' evażjoni ta' dawn il-miżuri. Tali argument ifisser li l-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab teżerċita stħarriġ fuq eventwali ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll tar-regoli fil-qasam tal-oneru u tal-produzzjoni tal-prova mill-Qorti Ġenerali, stħarriġ li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha

l-kompetenza twettaq fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2025, Timchenko vs Il-Kunsill, C-703/23 P, EU:C:2025:605, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn iż-żewġ partijiet huma ammissibbli.

227 Mill-banda l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju invokat fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel appellant qiegħed jipprova jikseb evalwazzjoni ġdida tal-provi li huwa kien ipproduċa insostenn tar-rikors tiegħu fl-ewwel istanza sabiex juri li l-miżuri restrittivi inkwistjoni huma, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 94 tal-ewwel sentenza appellata, ta' benefiċċju għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa minħabba r-ritorn forzat f'dan il-pajjiż ta' diversi negozjanti. Tali argument, li permezz tiegħu dan l-appellant ma jsostni ebda żnaturament ta' dawn il-provi mill-Qorti Ġenerali, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 158 ta' din is-sentenza.

228 Minn dan isegwi li huma biss l-ewwel u r-raba' parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P li huma ammissibbli.

2) Fuq il-mertu

i) Osservazzjonijiet preliminari

229 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-proporzjonalità tal-miżuri restrittivi stabbiliti mill-Unjoni jew tar-regoli ġenerali previsti f'atti tal-Unjoni li jimponu tali miżuri, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-prinċipju ta' proporzjonalità jirrikjedi li l-mezzi implimentati minn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkunu adatti sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet (sentenzi tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 102 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tad-9 ta' Lulju 2020, Haswani vs Il-Kunsill, C-241/19 P, EU:C:2020:545, punt 99).

230 Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet marġni wiesa' ta' evalwazzjoni lill-Kunsill meta jipprevedi sistema ta' miżuri restrittivi li jaqgħu taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, liema sistema tkun timplika min-naħa tiegħu għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, u li fil-kuntest tagħha huwa jkun mitlub iwettaq kunsiderazzjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi. Minn dan hija ddeduċiet li l-kwistjoni ma hijiex jekk miżura adottata fil-kuntest ta' tali sistema kinitx l-unika jew l-aħjar waħda possibbli, iżda li hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' tali miżura, meta mqabbla mal-għan li l-Kunsill ikollu l-intenzjoni jilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura. Hija ppreċiżat ukoll li, anki meta jkollu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, il-Kunsill għandu jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u għandu jeżamina jekk l-għanijiet imfittxija permezz tal-miżura magħżula humiex ta' natura li jiġġustifikaw konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki dawk kunsiderevoli, għal ċerti operaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 146; kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2020, Haswani vs Il-Kunsill, C-241/19 P, EU:C:2020:545, punt 100).

231 It-tieni nett, kif tfakkar fil-punt 206 ta' din is-sentenza, l-eżerċizzju ta' drittijiet fundamentali, bħalma huma dawk stabbiliti fl-Artikoli 7 u 17 tal-Karta, kif ukoll fl-Artikolu 16 ta' din tal-aħħar dwar il-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika, jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet

iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni, bil-kundizzjoni li tali restrizzjonijiet jissodisfaw effettivament l-imsemmija għanijiet u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-miżuri restrittivi għandhom, mid-definizzjoni tagħhom stess, effetti li jaffettwaw id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, id-dritt għall-proprjetà u l-eżerċizzju liberu tal-attivitajiet professjonali, u b'hekk jikkawżaw danni lill-persuni li huma jkopru (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punti 121 sa 123 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punti 148 u 149).

232 Konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-kontenut essenzjali tagħhom, u, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet u libertajiet biss jekk ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew għall-bżonn ta' protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. F'dan il-kuntest, il-ġurisprudenza msemmija fil-punti 229 u 230 ta' din is-sentenza hija intiża wkoll li tapplika sabiex jiġi ddeterminat jekk l-indħil li jikkostitwixxu miżuri restrittivi fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata huwiex sproporzjonat jew le (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, C-225/17 P, EU:C:2019:82, punti 101 sa 103, kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2020, Haswani vs Il-Kunsill, C-241/19 P, EU:C:2020:545, punti 98 sa 100).

233 Mill-punti 229 sa 232 ta' din is-sentenza jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri restrittivi stabbiliti mill-Unjoni jew ir-regoli ġenerali previsti f'att tal-Unjoni li jimponi tali miżuri josservawx il-prinċipju ta' proporzjonalità jew jekk l-indħil fid-drittijiet jew fil-libertajiet iggarantiti mill-Karta minħabba limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet jew libertajiet minn att tal-Unjoni li jimponi miżuri restrittivi huwiex proporzjonat, għandu jiġi vverifikat, l-ewwel nett, jekk dawn il-miżuri jew dawn ir-regoli jissodisfawx għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, it-tieni nett, jekk ma humiex manifestament inadegwati fir-rigward ta' dan l-għan, jiġifieri jekk ma humiex manifestament inadegwati sabiex jilħquh, u, it-tielet nett, jekk huma jew, jekk ikun il-każ, il-limitazzjoni kkonċernata jmorrux manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 126, kif ukoll tas-17 ta' Settembru 2020, Rosneft *et* vs Il-Kunsill, C-732/18 P, EU:C:2020:727, punti 110 sa 115 u 117).

234 Huwa għalhekk fid-dawl ta' din il-lista ta' analiżi li għandu jiġi eżaminat jekk, kif isostnu l-ewwel u t-tieni appellant, il-Qorti Ġenerali wettqitx żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-proporzjonalità tal-miżuri restrittivi adottati fil-livell tal-Unjoni kontra t-tieni appellant jew tal-proporzjonalità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tal-ewwel u tat-tieni appellant, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 17 tal-Karta kif ukoll, fir-rigward tat-tieni appellant, fl-Artikolu 16 ta' din tal-aħħar.

235 L-għan imfittex mill-miżuri restrittivi inkwistjoni jikkonsisti fl-eżerċizzju ta' pressjoni fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u fit-tkabbir tal-ispiża tal-azzjonijiet ta' din tal-aħħar intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Dan huwa għan leġittimu li jaqa' fost dawk segwiti fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, imsemmija fl-Artikolu 21(2)(b) u (c) TUE, jiġifieri, rispettivament, minn naħa, il-konsolidazzjoni u ż-żamma tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u, min-naħa l-oħra, iż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ

tas-sigurtà internazzjonali (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 124; tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 115, kif ukoll tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 104). Barra minn hekk, l-ewwel u t-tieni appellant ma jikkontestawx, fil-kuntest tal-argumenti tagħhom, il-leġittimità ta' dan l-għan.

ii) Analiżi

236 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument tat-tieni appellant fis-sens li, fil-kuntest tal-analiżi tagħha, rispettivament, tal-proporzjonalità tal-miżuri restrittivi adottati fil-livell tal-Unjoni kontra dan l-appellant u tal-proporzjonalità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tiegħu li jirriżultaw minn dawn il-miżuri, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx, fil-punti 143 u 166 tat-tieni sentenza appellata, in-natura xierqa tal-imsemmija miżuri fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mill-atti kontenzjużi, għandu jiġi rrilevat li l-imsemmi appellant jagħmel qari żbaljat ta' dawn il-punti.

237 Fil-fatt, l-ewwel nett, ir-riferimenti għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali msemmija fil-punt 143 tat-tieni sentenza appellata, b'mod partikolari r-riferiment għall-punt 116 tas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, Al Assad vs Il-Kunsill (T-202/12, EU:T:2014:113), li fih il-Qorti Ġenerali qieset li n-natura xierqa tal-miżuri restrittivi kkonċernati kienet tirriżulta min-natura fundamentali, għall-komunità internazzjonali, tal-għan ta' interess ġenerali mfittex minn dawn il-miżuri, jippermettu li jinftiehem li l-Qorti Ġenerali qieset, b'analoġija, f'dan il-punt 143, li, fid-dawl tal-importanza tal-għanijiet imfittxija mill-miżuri restrittivi inkwistjoni, li ma humiex ikkontestati mit-tieni appellant u li huma mfakkra fil-punt 235 ta' din is-sentenza, dawn il-miżuri kienu xierqa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

238 It-tieni nett, peress li l-punt 166 tat-tieni sentenza appellata jirreferi għall-analiżi li tinsab b'mod partikolari fil-punt 143 tagħha, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali eżaminat in-natura xierqa tal-imsemmija miżuri fid-dawl tal-għanijiet imfittxija minnhom u qieset li dawn il-miżuri kienu xierqa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali essenzjalment qieset, f'dan il-punt 143, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punti 231 u 233 ta' din is-sentenza, li l-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-indħil fid-drittijiet fundamentali kkawżat mill-miżuri restrittivi imposti fuq it-tieni appellant ma jistgħux jitqiesu li huma sproporzjonati, sa fejn ma jmorrux manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex.

239 Fit-tieni lok, għandhom jiġu eżaminati, l-ewwel nett, l-ewwel u r-raba' parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P, li permezz tagħhom l-ewwel appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet, sabiex tiddetermina jekk il-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tiegħu kinitx proporzjonata, żbalji ta' liġi fl-analiżi tagħha, fil-punti 88 u 90 tal-ewwel sentenza appellata, tan-natura adatta tal-miżuri restrittivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija kif ukoll tan-natura neċessarja ta' din il-limitazzjoni.

240 Qabel kollox, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ilmenti indirizzati kontra motivi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali mogħtija għal finijiet ta' kompletezza ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għaldaqstant ikunu ineffettivi (sentenza tat-2 ta' Ottubru 2019, Crédit mutuel Arkéa vs BĊE, C-152/18 P u C-153/18 P, EU:C:2019:810, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Issa, sa fejn il-punt 88 tal-ewwel sentenza appellata jibda bl-espressjoni "Dan jgħodd iktar u iktar sa fejn", minn dan għandu jiġi dedott li l-motivi li jsegwu din l-espressjoni qegħdin jingħataw għal finijiet ta' kompletezza meta mqabbla ma' dawk li

jippreċeduha, li jinsabu fil-punt 87 ta' dik is-sentenza, punt li ma huwiex ikkritikat mill-ewwel appellant u li fih il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-miżuri restrittivi stabbiliti mid-Deċiżjoni u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi kienu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija. Għaldaqstant, l-argumenti tal-ewwel appellant diretti kontra l-punt 88 tal-ewwel sentenza appellata għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

241 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument tal-ewwel appellant fis-sens li l-Qorti Ġenerali mxiet b'mod inkoerenti meta kkunsidrat, fil-punt 90 tal-ewwel sentenza appellata, li huwa kellu jindika liema miżuri inqas restrittivi iżda daqstant ieħor effikaċi fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mill-Kunsill dan tal-aħħar seta' jadotta sabiex itaffi l-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mil-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel appellant, meta ebda miżura alternattiva xierqa ma teżisti, dan l-argument ma huwiex fondat. Fil-fatt, f'dan il-punt tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, wara li semmiet hija stess tali miżuri inqas vinkolanti u kkonstatat li dawn ma kinux jippermettu li jintlaħqu b'mod daqstant effikaċi l-għanijiet imfittxija, ikkonstatat li l-ewwel appellant ma kienx ipprovda eżempji oħra ta' tali miżuri. Issa, il-Qorti Ġenerali ma tistax, fl-assenza ta' tali eżempji, tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-ewwel appellant (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, VTB Bank vs Il-Kunsill, C-729/18 P, EU:C:2020:499, punti 85 sa 87), u lanqas ma jista' jiġi preżunt li l-eventwali miżuri alternattivi li dan l-appellant seta' indika kienu neċessarjament ser jitqiesu bħala mhux xierqa mill-Qorti Ġenerali.

242 Fl-aħħar nett, fir-rigward b'mod iktar speċifiku tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, intiża kontra l-punt 90 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma kinitx obbligata teżamina, f'dan il-punt, jekk l-ewwel appellant, minħabba l-allegat telf tas-setgħa ta' kontroll tiegħu fuq TMK u l-grupp Sinara, kienx f'pożizzjoni li jevadi l-miżuri restrittivi li kienu imposti fuqu. Fil-fatt, il-punt 90 ta' dik is-sentenza jikkonċerna biss il-kwistjoni dwar jekk kinux jeżistu miżuri restrittivi inqas restrittivi, iżda daqstant ieħor effikaċi sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija. Issa, għalkemm l-eżami tar-riskju ta' evażjoni jista' jkun utli sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' tali miżuri alternattivi, is-sempliċi fatt li persuna suġġetta għal miżuri restrittivi ma tistax tevadihom ma jimplikax li l-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħha li tirriżulta minnhom tmur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

243 It-tieni nett, għandha tiġi miċħuda wkoll it-tielet parti tar-raba' aggravju li permezz tagħha l-ewwel appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali naqset milli twieġeb għall-argument tiegħu li l-miżuri restrittivi li ġew imposti fuqu huma irraġonevoli minħabba l-fatt li l-Istati Membri jikkontribwixxu, permezz tax-xiri ta' fjuwils fossili, għall-finanzjament tal-ispiża tal-gwerra għall-Federazzjoni Russa. Fil-fatt, b'analoġija ma' dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punti 87 u 89 tal-ewwel sentenza appellata, li ma humiex ikkritikati minn dan l-appellant fil-kuntest tal-appell tiegħu, tali ċirkustanza hija, sa fejn din hija kwistjoni li tirrigwarda r-relazzjonijiet kummerċjali bejn Stati sovrani, oġġettivament nieqsa minn kull rabta mal-kriterju (g) u mal-għan imfittex mill-miżuri restrittivi stabbiliti mid-Deċiżjoni u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, jiġifieri li tiġi eżerċitata, permezz ta' miżuri restrittivi individwali, pressjoni addizzjonali fuq il-Gvern ta' din il-federazzjoni u li titkabbar l-ispiża għal din tal-aħħar tal-azzjonijiet tagħha intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 101 ta' din is-sentenza, l-ewwel appellant seta' jifhem, minn dawn il-punti tal-ewwel sentenza appellata, għal liema raġunijiet tali argument ma setax jintlaqa' fil-kuntest tal-eżami tan-natura proporzjonata tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tiegħu.

244 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, il-ħames u s-sitt parti tar-raba' aggravju, li permezz tagħhom l-ewwel appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, essenzjalment, tat, fil-punti 81 sa 84 kif ukoll fil-punti 92 u 93 tal-ewwel sentenza appellata, importanza eċċessiva, għall-finijiet tal-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tiegħu, lill-eżami mill-ġdid perijodiku tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawh u lill-possibbiltajiet li tintalab awtorizzazzjoni għall-użu tal-fondi jew li jinkiseb permess tal-ivvjaġġar għal raġunijiet ta' natura umanitarja, dawn il-partijiet għandhom jiġu miċħuda.

245 Fil-fatt, minn naħa, il-punti 81 sa 84 tal-ewwel sentenza appellata ma jirrigwardawx l-eżami, mill-Qorti Ġenerali, tar-rekwiżit ta' proporzjonalità msemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, iżda l-eżami tar-rekwiżit, previst fl-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, li kull limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali għandha tirrispetta l-kontenut essenzjali ta' dawn id-drittijiet. Issa, permezz tal-ħames u tas-sitt parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-ewwel appellant jinvoka biss żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-eżami li dik il-qorti għamlet tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tiegħu.

246 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-punti 92 u 93 tal-ewwel sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-ewwel appellant ma ppreċiżax ir-raġunijiet li għalihom, fil-fehma tiegħu, il-Qorti Ġenerali tat "importanza eċċessiva" lill-aspetti msemmija f'dawn il-punti. Fil-fatt, fl-imsemmija punti, din tal-aħħar sempliċement irrilevat li l-eżami mill-ġdid perijodiku tal-miżuri restrittivi kif ukoll l-eżistenza ta' derogi li jistgħu jingħataw għall-użu ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi ffriżati jew għad-dħul fit-territorju tal-Unjoni kienu jikkontribwixxu sabiex tintwera n-natura proporzjonata tal-indħil fid-drittijiet fundamentali tal-ewwel appellant.

247 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, l-ewwel u t-tielet sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-696/23 P kif ukoll it-tielet aggravju u t-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-704/23 P għandhom jiġu miċħuda.

3. Fuq it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P

a) L-argumenti tal-partijiet

248 Fil-kuntest tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu, invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant iqis li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "negozjanti ewlenin" mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 91 tas-sentenza appellata tippreġudika b'mod sproporzjonat il-libertà ta' intrapriża tiegħu u d-dritt għall-proprjetà tiegħu, stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta. Fil-fatt, peress li l-uniċi miżuri li negozjant li jaqa' taħt il-kriterju (g) jista' raġonevolment jieħu huma li jitlef l-istatus tiegħu billi jbiegħ pereżempju l-azzjonijiet jew l-ishma tiegħu, il-miżuri restrittivi ma jkollhomx iktar natura temporanja u riversibbli, iżda għall-kuntrarju jsiru definittivi u irriversibbli.

249 Il-Kunsill jikkunsidra li, minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tagħha, din il-parti għandha tiġi ddikjarata inammissibbli. Barra minn hekk, huwa jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ħames appellant.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

250 Preliminarjament, għandu jitqies, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 157 ta' din is-sentenza, li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, l-ilment ifformulat fil-kuntest tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P huwa, minkejja n-natura konċiża tiegħu, suffiċjentement komprensibbli.

251 Fuq il-mertu, għandu jitfakkar li, skont prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni, att tal-Unjoni għandu jiġi interpretat, sa fejn ikun possibbli, b'mod li ma jdaħħalx inkwistjoni l-validità tiegħu u b'mod konformi mad-dritt primarju kollu u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-Karta (sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

252 F'dan il-każ, fil-punt 91 tal-ħames sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment qieset li, sabiex jaqgħu taħt il-kriterju (g), in-negozjanti kellhom jitqiesu li huma "ewlenin" minħabba l-importanza tagħhom, fid-dawl ta' diversi kriterji ekonomiċi, fis-settur ekonomiku li fih jeżerċitaw l-attività tagħhom, interpretazzjoni din li, kif jirriżulta mill-punti 178 u 181 ta' din is-sentenza, ma fihiex żball ta' liġi. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali adottatx interpretazzjoni tal-kriterju (g) li ma hijiex konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta, sa fejn din l-interpretazzjoni jkollha l-effett li tippreġudika b'mod sproporzjonat dawn id-drittijiet fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 233 ta' din is-sentenza.

253 F'dan ir-rigward, għandu jitqies, l-ewwel nett, li, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 235 ta' din is-sentenza, il-kriterju (g) jissodisfa għan leġittimu li jaqa' fost dawk imfittxija fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, jiġifieri, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punti 52, 54, 89 u 122 tal-ħames sentenza appellata, l-għan li tiżdied il-pressjoni eżerċitata fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet ta' din il-federazzjoni intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

254 It-tieni nett, għar-raġunijiet indikati fil-punti 52 sa 55 tal-ħames sentenza appellata, li ma humiex ikkritikati mill-ħames appellant, għandu jitqies li l-miżuri restrittivi adottati abbażi tal-kriterju (g) ma humiex manifestament inadegwati fid-dawl ta' dan l-għan sa fejn ma humiex manifestament inadegwati sabiex jilħquh.

255 It-tielet nett, għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk l-indħil fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta, li jirriżulta mill-miżuri restrittivi meħuda abbażi tal-kriterju (g), huwiex sproporzjonat sa fejn imur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan.

256 Issa, fid-dawl ta' għan daqstant fundamentali bħal dak li tintemm aggressjoni mwettqa kontra Stat indipendenti bħalma hija l-Ukraina bi ksur tad-dritt internazzjonali u li jiġu protetti l-integrità territorjali, is-sovranità kif ukoll l-indipendenza ta' dan il-pajjiż terz, dan l-indħil ma jistax jitqies li huwa sproporzjonat u intollerabbli sal-punt li jmur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

257 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li, minħabba l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali, ġustament, adottat tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), l-indħil fid-drittijiet fundamentali tal-ħames appellant li jirriżulta mill-miżuri restrittivi adottati abbażi ta' dan il-kriterju huwa sproporzjonat.

258 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandha tiġi miċħuda.

C. Fuq l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-eċċezzjonijiet ta' illegalità tal-kriterju (g)

259 Din it-taqsima tittratta t-tieni parti tat-tielet aggravju fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P u t-tielet aggravju fil-Kawża C-111/24 P, li permezz tagħhom it-tielet sal-ħames appellant jikkritikaw l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar l-eċċezzjonijiet ta' illegalità tal-kriterju (g) li huma kienu qajmu fl-ewwel istanza abbażi tal-Artikolu 277 TFUE.

1. Fuq it-tielet aggravju fil-Kawża C-111/24 P

a) L-argumenti tal-partijiet

260 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) li huwa kien qajjem quddiemha.

261 Fil-fehma tal-ħames appellant, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punt 37 tal-ħames sentenza appellata huwa żbaljat sa fejn jimplika li l-Artikolu 215(2) TFUE jippermetti lill-Kunsill jadotta miżuri restrittivi kontra l-kategoriji kollha ta' persuni li huwa jixtieq, anki jekk dawn ma jkollhom ebda rabta mar-reġim tal-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali injorat il-ġurisprudenza fis-sens kuntrarju li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012, Tay Za vs Il-Kunsill (C-376/10 P, EU:C:2012:138), li t-tagħlim tagħha għadu validu, minkejja l-fatt li l-miżuri restrittivi inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza kienu bbażati fuq l-Artikoli 60 u 301 KE.

262 Il-ħames appellant iżid jgħid li l-Unjoni użat b'mod kreattiv dawn iż-żewġ artikoli sabiex tkun tista' tadotta sistemi ta' "sanzjonijiet intelliġenti" (smart sanctions), jiġifieri miżuri iktar immirati u selettivi bħalma huma l-iffriżar ta' fondi jew il-projbizzjonijiet ta' vvjaġġar fir-rigward ta' individwi jew ta' entitajiet li jkunu assoċjati mal-mexxejja tal-pajjiż terz ikkonċernat, li jipprovdulhom appoġġ ekonomiku jew li jkunu kkontrollati direttament jew indirettament minn dawn il-mexxejja, u b'hekk ir-rekwiżit ta' rabta suffiċjenti bejn dawn l-individwi jew entitajiet u dan il-pajjiż terz huwa sistematikament meħtieġ. Sabiex jiġu kkonfermati dawn il-prattiki ġodda u sabiex l-Unjoni tingħata qafas ġuridiku iktar adattat miż-żewġ artikoli tat-Trattat KE msemmija iktar 'il fuq, it-Trattat ta' Lisbona introduċa l-Artikolu 215 TFUE attwali fid-dritt tal-Unjoni. B'dan il-mod, l-Istati Membri integraw formalment il-prattika tas-"sanzjonijiet intelliġenti" fl-arkitettura testwali tat-Trattati fundaturi tal-Unjoni mingħajr ma biddlu bl-ebda mod l-istat tad-dritt, kif affermat b'mod żbaljat il-Qorti Ġenerali fil-punt 37 tal-ħames sentenza appellata.

263 Il-ħames appellant iżid jgħid li r-rekwiżit ta' tali rabta huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jingħataw liċenzja wiesgħa li tippermettilhom jimponu miżuri restrittivi fuq kwalunkwe persuna jew kategorija ta' persuni. Billi pproċediet b'sanzjonijiet immirati, l-Unjoni għażlet sistema ta' sanzjonijiet iktar ġusti li huma l-espressjoni ta' Unjoni maħsuba bħala spazju ta' drittijiet u ta' libertajiet.

264 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ħames appellant.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

265 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, il-ħames appellant isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 37 tal-ħames sentenza appellata, li kull persuna tista', abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, tkun is-suġġett ta' miżuri restrittivi, anki fl-assenza ta' rabta suffiċjenti bejn il-kategorija ta' persuni fil-mira ta' dawn il-miżuri u l-pajjiż terz ikkonċernat.

266 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif enfasizzat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 37 tal-ħames sentenza appellata, l-Artikolu 215(2) TFUE jipprevedi l-possibbiltà għall-Kunsill li jadotta miżuri restrittivi mhux biss kontra l-mexxejja ta' pajjiż terz u l-persuni jew entitajiet assoċjati magħhom jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom, iżda wkoll kontra persuni u entitajiet li ma jkollhom ebda rabta mar-reġim mexxej ta' tali pajjiż, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li d-dritt tal-Unjoni kien diġà jipprevedi, qabel it-Trattat ta' Lisbona, din il-possibbiltà doppja, rispettivament abbażi tal-Artikoli 60 u 301 KE, minn naħa, u abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tal-Artikolu 308 KE, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punti 166 u 216; tat-13 ta' Marzu 2012, Tay Za vs Il-Kunsill, C-376/10 P, EU:C:2012:138, punti 63 u 64; kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-130/10, EU:C:2012:472, punti 51 sa 53 u 73).

267 Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kunsill jista' jadotta, abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet li ma jkollhomx rabta oġġettiva ma' dan il-pajjiż.

268 Fil-fatt, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 215(2) TFUE jirriżulta li, kif fakkret il-Qorti Ġenerali stess fil-punt 37 tal-ħames sentenza appellata, il-Kunsill jista' jadotta, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux Statali biss sa fejn dan ikun previst minn deċiżjoni adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE, li minnu jagħmel parti l-Artikolu 29 ta' dan it-Trattat.

269 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 29 TUE jawtorizza lill-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni fuq kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika, liema pożizzjoni tista' tinkludi miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux Statali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill għandu jiddefinixxi jew jippreċiża, filwaqt li jgawdi f'dan ir-rigward minn libertà kbira u billi jiddeċiedi unanimament, is-suġġett tal-miżuri restrittivi li l-Unjoni tadotta fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punti 87, 88 u 90, kif ukoll tas-16 ta' Ottubru 2025, Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill, C-805/24 P, EU:C:2025:792, punti 20 u 23).

270 Il-libertà kbira li jgawdi minnha l-Kunsill f'dan ir-rigward hija spjegata mill-portata wiesgħa tal-għanijiet u tal-objettivi tal-Unjoni f'dan il-qasam, kif espressi fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikolu 21 TUE kif ukoll fid-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-Artikoli 23 u 24 TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 88).

271 B'mod partikolari, kif jirriżulta essenzjalment mill-punt 230 ta' din is-sentenza, il-Kunsill għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fir-rigward tas-suġġett tal-miżuri restrittivi adottati fl-imsemmi qasam kif ukoll fir-rigward tad-definizzjoni u tal-portata tal-kriterji ġenerali li abbażi tagħhom

dawn il-miżuri jistgħu jiġu adottati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' April 2015, Anbouba vs Il-Kunsill, C-605/13 P, EU:C:2025:248, punt 41). Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha ġurisdizzjoni skont id-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 u tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sabiex tevalwa l-legalità tal-atti tal-Unjoni li jipprevedu miżuri restrittivi kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-gruppi u l-entitajiet mhux Statali u, għaldaqstant, il-kriterji ta' inklużjoni li jkunu previsti fihom, minn dan iddeduċiet li hija biss in-natura manifestament mhux xierqa ta' tali att, meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' dan l-att (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill, C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 57, kif ukoll tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 103).

272 B'dan premess, minkejja l-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li għandu l-Kunsill sabiex jiddefinixxi s-suġġett tal-miżuri restrittivi li l-Unjoni tadotta fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif ukoll il-kriterji legali li jippermettu l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi, kull deċiżjoni li tadotta tali miżuri abbażi tal-Artikolu 29 TUE, bl-għan li tagħmel pressjoni fuq pajjiż terz, bħalma huwa l-każ fil-kawżi ineżami, għandha tiddefinixxi u tillimita l-għan ta' pressjoni mfittex, kif ukoll il-kategoriji ta' persuni jew ta' entitajiet koperti minn dawn il-kriterji.

273 F'dan il-kuntest, tali deċiżjoni għandha turi, fil-kriterji li hija tistabbilixxi, rabta oġġettiva bejn dawn il-kategoriji ta' persuni jew ta' entitajiet u l-pajjiż terz ikkonċernat fid-dawl tal-għan hekk iddefinit u limitat. B'mod partikolari, dawn il-kategoriji għandhom jiġu stabbiliti b'tali mod li l-persuni u l-entitajiet li huma jkopru jkollhom rabta oġġettiva ma' dan il-pajjiż terz sabiex il-miżuri restrittivi imposti f'dan ir-rigward ikunu jistgħu jilħqu, b'mod li ma jkunx manifestament mhux xieraq, l-għan ta' pressjoni li l-Unjoni tixtieq teżerċita b'dan il-mod. Fl-assenza ta' tali rabta, kriterju ta' inklużjoni f'lista ta' persuni suġġetti għal tali miżuri jkun manifestament inadegwat sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u, għaldaqstant, ikollu jitqies li huwa illegali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 111).

274 Meta l-Kunsill jadotta regolament abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, dan ir-regolament għandu neċessarjament jirrifletti huwa wkoll tali rabta, mingħajr ma jkun jista' jemenda l-portata tagħha. Fil-fatt, peress li l-għan ta' tali regolament ikun li jimplimenta d-deċiżjoni meħuda fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni abbażi tal-Artikolu 29 TUE, li jagħti effett lill-miżuri restrittivi li jkunu previsti fiha sa fejn dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat FUE kif ukoll li jiggarantixxi l-applikazzjoni uniformi ta' dawn il-miżuri fl-Istati Membri kollha, ir-regolament ikkonċernat għandu jillimita ruħu li jirriproduċi l-kontenut essenzjali tad-deċiżjoni u li jipprovdi definizzjonijiet u preċiżazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi previsti minn din id-deċiżjoni, mingħajr madankollu ma jkun jista' jżid kriterji ġodda jew miżuri restrittivi ġodda u mingħajr ma jkun jista' jbiddel il-portata tal-kriterji u tal-miżuri li jinsabu fl-imsemmija deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punti 89 u 90).

275 Issa, meta indikat, fil-punt 37 tal-ħames sentenza appellata, li l-Kunsill huwa awtorizzat, abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, jadotta miżuri restrittivi kontra "kwalunkwe 'persuna fiżika jew ġuridika', 'entità mhux Statali' jew kwalunkwe 'grupp' bil-kundizzjoni biss li deċiżjoni adottata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE tipprevedi tali miżuri", il-Qorti Ġenerali essenzjalment fakkret, ġustament, li l-adozzjoni ta' tali miżuri restrittivi hija possibbli biss jekk ikun hemm deċiżjoni meħuda abbażi tal-Artikolu 29 TUE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan il-punt tal-ħames sentenza appellata ma jistax jinqara fis-sens li fih il-Qorti Ġenerali indikat li l-Kunsill

seta' jevita, meta jadotta regolament abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, ir-rekwiżit li l-kriterji ta' inklużjoni previsti f'tali deċiżjoni u riprodotti f'dan ir-regolament għandhom ikunu mmirati lejn kategoriji ta' persuni, ta' gruppi u ta' entitajiet mhux Statali li jkollhom rabta oġġettiva mal-pajjiż terz li għalih l-Unjoni jkollha l-intenzjoni li topponi.

276 Il-qari żbaljat li b'hekk jagħmel il-ħames appellant tal-punt 37 tal-ħames sentenza appellata huwa barra minn hekk ikkonfermat mill-fatt li, fil-punt 41 ta' dik is-sentenza, li ma huwiex ikkritikat minn dan l-appellant, il-Qorti Ġenerali enfasizzat il-fatt li, fir-rigward tal-kriterju (g), kienet teżisti rabta, tal-inqas indiretta, bejn in-negozjanti koperti minn dan il-kriterju u l-pajjiż terz ikkonċernat, jiġifieri l-Federazzjoni Russa, peress li l-imsemmi kriterju jkopri, fost oħrajn, kategorija ta' persuni fiżiċi li għandhom attività f'ċerti setturi ekonomiċi li jikkostitwixxu, għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, sors sostanzjali ta' dħul li jippermettilu jkompli l-politika tiegħu ta' destabbilizzazzjoni u ta' aggressjoni tal-Ukraina.

277 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tielet aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandu jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravji fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P

a) L-argumenti tal-partijiet

278 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, it-tielet appellant isostni li, anki jekk jitqies li s-"sors sostanzjali ta' dħul" imsemmi mill-kriterju (g) għandu joriġina mis-setturi ekonomiċi u mhux min-negozjanti ewlenin, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 101 *et seq*. tat-tielet sentenza appellata meta ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu bbażata fuq l-illegalità ta' dan il-kriterju.

279 Fil-fehma tat-tielet appellant, il-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni "oġġettiva" tal-imsemmi kriterju li tippermetti lill-Kunsill jadotta miżuri restrittivi kontra negozjanti ewlenin għas-sempliċi raġuni li jeżerċitaw attività f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, indipendentement mill-aġir u mill-kontribuzzjoni individwali ta' din il-persuna. Issa, tali interpretazzjoni tal-kriterju (g) tmur kontra l-prinċipju ġenerali li, fid-dawl tal-għan u tal-portata tas-sistema ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni, tali miżuri għandhom ikunu intiżi li jwasslu għal bidla fl-aġir tal-individwi kkonċernati. Fil-fatt, f'dan il-każ, in-negozjanti ewlenin milquta minn miżuri restrittivi ma jkunux f'pożizzjoni li jkunu jafu x'għandhom jibdlu fl-aġir tagħhom sabiex ma jibqgħux is-suġġett tagħhom.

280 Dejjem fil-kuntest ta' din it-tieni parti, it-tielet appellant isostni li l-Kunsill, bi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, naqas milli jiddefinixxi minn qabel u b'mod ċar is-settur ekonomiku li fih huwa kien meqjus li kien jeżerċita attività.

281 Ir-raba' appellant wkoll isostni, permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-35/24 P, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet, fir-raba' sentenza appellata, l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-kriterju (g) li huwa kien qajjem quddiemha. Fil-fehma tiegħu, l-analiżi magħmula minn dik il-qorti fil-punti 87, 89 u 90 ta' dik is-sentenza tinjora l-fatt, li madankollu tqajjem mir-raba' appellant quddiem il-Qorti Ġenerali, li, skont l-Artikolu 215(2) TFUE, kriterju ta' inklużjoni bħalma huwa l-kriterju (g) għandu jkun intiż sabiex iwassal għal bidliet fl-aġir tal-persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi, u mhux sabiex dawn

il-persuni jsiru "vittmi kollaterali". Għalhekk, il-Kunsill jista' jadotta biss, skont din id-dispożizzjoni, miżuri restrittivi li jistgħu jbiddlu b'mod komprensibbli u realistiku l-aġir tal-persuna kkonċernata.

282 Issa, l-interpretazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-kunċett ta' "influwenza" tan-negozjanti koperti mill-kriterju (g), jiġifieri l-importanza relattiva li dawn in-negozjanti għandu jkollhom f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, twassal għal sitwazzjoni li fiha l-persuni kkonċernati jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi minħabba dak li huma u mhux minħabba dak li jagħmlu jew li għandhom jagħmlu, b'tali mod li l-aġir u l-kontribuzzjoni individwali ta' dawn il-persuni ma jittieħdux inkunsiderazzjoni.

283 Ir-raba' appellant jippreċiża wkoll li, għalkemm il-fatt li negozjant ewlieni, fis-sens tal-kriterju (g), jirriżenja mill-funzjonijiet tiegħu jew ibigħ l-ishma tiegħu fi ħdan impriża li fuqha huwa jeżerċita setgħa ta' kontroll jippermetti ċertament li jitneħħew il-miżuri restrittivi li dan in-negozjant kien suġġett għalihom, huwa ma jarax kif il-Federazzjoni Russa ser tbati mill-fatt li tali persuna kienet imġiegħla toħroġ mis-settur ekonomiku kkonċernat u lanqas kif dan il-fatt ser jikkontribwixxi għat-twettiq tal-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni.

284 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tat-tielet u tar-raba' appellant.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

285 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, kif diġà ġie indikat fil-punt 126 ta' din is-sentenza, l-argumenti żviluppati sussidjarjament mit-tielet u mir-raba' appellant insostenn tat-tieni parti tat-tielet aggravju rispettiv tagħhom għandhom jinqraw flimkien mal-argumenti li huma esponew fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dawn l-aggravji u li huma ppreżentati fil-qosor fil-punti 94 u 96 ta' din is-sentenza.

286 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz ta' din it-tieni parti, it-tielet u r-raba' appellant essenzjalment jilmentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet rispettivament fil-punti 104 sa 109 tat-tielet sentenza appellata u fil-punti 87 sa 92 tar-raba' sentenza appellata li l-kriterju (g) ma kienx illegali.

287 B'mod iktar partikolari, dawn l-appellanti jikkunsidraw li l-influwenza ta' negozjanti fis-setturi ekonomiċi li fihom jeżerċitaw l-attività tagħhom ma tistax tiġi assimilata ma' aġir personali jew, tal-inqas, ma' aġir personali kkaratterizzat biżżejjed sabiex jippermettilhom ibiddlu l-aġir tagħhom b'mod li ma jibqgħux is-suġġett ta' miżuri restrittivi. Tali aġir, li n-natura neċessarjament personali tiegħu tirriżulta, skont it-tielet appellant, mill-għan u mill-portata stess tas-sistema ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni jew, skont ir-raba' appellant, mill-Artikolu 215(2) TFUE, jista' jkun suffiċjentement ikkaratterizzat biss jekk il-persuni kkonċernati, anki jekk ma jkollhomx rabta personali mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, jipprovdu huma stess sors sostanzjali ta' dħul lil dan il-gvern. Peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet tali interpretazzjoni tal-kriterju (g) fil-punt 70 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 57 tar-raba' sentenza appellata, hija kellha għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' illegalità tagħhom.

288 Dejjem preliminarjament, sa fejn it-tielet appellant jilmenta li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali billi naqas milli jiddefinixxi minn qabel u b'mod ċar is-settur ekonomiku li fih huwa kien meqjus li jeżerċita attività, għandu jitfakkar li, konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, appell għandu jiġi

ppreżentat kontra deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. B'hekk, l-argumenti ta' appell li ma jikkritikawx is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali wara talba għal annullament ta' deċiżjoni, iżda d-deċiżjoni li ntalab l-annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, huma manifestament inammissibbli (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Inpost Paczkomaty vs Il-Kummissjoni, C-431/19 P u C-432/19 P, EU:C:2020:1051, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

289 Bil-beneficċju ta' dawn l-osservazzjonijiet preliminari, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 271 ta' din is-sentenza, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' kriterju li jservi ta' bażi għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi, meta mqabbel mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' dan il-kriterju. B'mod partikolari, kriterju għall-inklużjoni f'lista ta' persuni li huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi fir-rigward ta' pajjiż terz ma jistax jitqies li huwa illegali meta jkollu fil-mira tiegħu kategoriji ta' persuni jew ta' entitajiet li jkollhom rabta oġġettiva, anki jekk b'mod indirett, mal-pajjiż terz inkwistjoni.

290 Kif essenzjalment indikat il-Kummissjoni waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u kif l-Avukata Ġenerali esponiet fil-punt 86 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-711/23 P kif ukoll fil-punt 83 tal-konklużjonijiet tagħha fil-Kawża C-35/24 P, meta, minħabba b'mod partikolari l-eżistenza ta' tali rabta, kriterju għall-inklużjoni ma jkunx manifestament mhux xieraq meta mqabbel mal-għan imfittex, il-mod kif din ir-rabta hija riflessa fl-elementi li jikkostitwixxu dan il-kriterju ma jistax idaħħal inkwistjoni l-validità tal-imsemmi kriterju.

291 Fil-kawżi ineżami, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punti 107 u 108 tat-tielet sentenza appellata, moqrija flimkien mal-punti 66 u 67 tagħha, u fil-punti 90 u 91 tar-raba' sentenza appellata, moqrija flimkien mal-punt 54 tagħha, li l-kriterju (g) juri rabta "loġika" u, għaldaqstant, oġġettiva bejn, minn naħa, il-fatt li jkunu fil-mira negozjanti importanti fis-setturi ekonomiċi li fihom jeżerċitaw l-attività tagħhom u li jipprovdu dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u, min-naħa l-oħra, l-għan li tiżdied il-pressjoni eżerċitata fuq dan il-pajjiż terz kif ukoll l-ispiża tal-azzjonijiet tiegħu. Kif il-Qorti Ġenerali qieset ġustament fil-punt 108 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 91 tar-raba' sentenza appellata, il-kriterju (g) ikopri, billi jirreferi għal tali negozjanti, persuni li fir-rigward tagħhom l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni hija ta' natura li żżid l-ispiża tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fl-Ukraina fid-dawl tal-importanza li għandhom dawn is-setturi għall-ekonomija Russa.

292 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-kriterju (g) għandu fil-mira tiegħu kategoriji ta' persuni jew ta' entitajiet li għandhom rabta oġġettiva mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, b'tali mod li jidher li huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-punt preċedenti u li għalhekk ma jistax jitqies li huwa illegali.

293 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-kriterju (g) ma kienx ivvizzjat b'illegalità.

294 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni parti tat-tielet aggravju fil-Kawżi C-771/23 P u C-35/24 P għandha tiġi miċħuda.

D. Fuq l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

1. L-argumenti tal-partijiet

295 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 135, 137 u 138 tat-tieni sentenza appellata, kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Huwa jsostni li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ġenerali kellha mhux biss tiffoka fuq il-formulazzjoni tal-kriterju (g), iżda wkoll fuq il-konsegwenzi tal-applikazzjoni tiegħu, fil-fatt, minn perspettiva statistika. Issa, f'dan il-każ, it-43 persuna identifikati abbażi ta' dan il-kriterju huma kollha persuni li għandhom in-nazzjonalità Russa jew ċittadini Russi u ġew ittrattati b'mod sfavorevoli minħabba n-nazzjonalità tagħhom.

296 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li kkunsidrat il-Qorti Ġenerali, tali inugwaljanza fit-trattament ma tistax tittaffa mill-prinċipju ta' legalità msemmi fil-punt 138 tat-tieni sentenza appellata. Fil-każ kuntrarju, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jitlef is-sens tiegħu peress li jkun impossibbli li tiġi pprovata kwalunkwe inugwaljanza fil-kuntest ta' miżuri restrittivi, u dan iċaħħad lill-persuni li jkunu s-suġġett tagħhom minn kull rimedju ġudizzjarju.

297 Permezz tal-ħames aggravju rispettiv tagħhom invokat insostenn tal-appell tagħhom fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P, it-tielet u r-raba' appellant isostnu li, fil-punti 143 sa 145 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll fil-punti 124 sa 131 tar-raba' sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Huma jsostnu li, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li, sabiex tiddeċiedi dwar allegazzjonijiet ta' inugwaljanza fit-trattament, qorti bħalma hija l-Qorti Ġenerali għandha teżamina mhux biss il-formulazzjoni tal-kriterju ta' inklużjoni inkwistjoni, iżda wkoll il-mod kif dan jiġi applikat fil-prattika, billi tanalizza għal dan l-għan l-istatistika disponibbli. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, ftit jimporta li l-kriterju (g) ma jirrigwardax in-nazzjonalità tal-persuni identifikati u li l-Kunsill jista', abbażi ta' dan il-kriterju, jindika persuni fiżiċi ta' kull nazzjonalità. Fil-fatt, it-43 persuna identifikati abbażi tal-kriterju (g) fid-data tal-5 ta' Ġunju 2023 jew, tal-inqas, l-34 persuna identifikati fuq din il-bażi fid-data tal-għoti tat-tielet u tar-raba' sentenza appellata huma kollha ċittadini Russi. Billi naqset milli tanalizza l-konsegwenzi, *in concreto*, tal-applikazzjoni tal-kriterju (g) mill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx stħarriġ komplet tal-legalità ta' dan il-kriterju.

298 It-tielet u r-raba' appellant jibbażaw ruħhom fuq elementi analogi għal dawk miġbura fil-qosor fil-punt 296 ta' din is-sentenza sabiex isostnu li dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jiddaħħlux inkwistjoni mill-prinċipju ta' legalità li tirreferi għalih il-Qorti Ġenerali fil-punt 145 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 129 tar-raba' sentenza appellata.

299 Il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tat-tieni sar-raba' appellant.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

300 It-tieni sar-raba' appellant jilmentaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 137 u 138 tat-tieni sentenza appellata, fil-punti 143 sa 145 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll fil-punti 124 sa 131 tar-raba' sentenza appellata, fl-analiżi tagħha tal-kwistjoni dwar jekk il-Kunsill kienx kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta adotta miżuri restrittivi kontra negozjanti ewlenin, fis-sens tal-kriterju (g).

301 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali differenzazzjoni ma tkunx oġġettivament iġġustifikata (sentenza tat-30 ta' Novembru 2023, MG vs BEI, C-173/22 P, EU:C:2023:932, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

302 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li, kif jirriżulta mill-punt 271 ta' din is-sentenza, il-Kunsill għandu marġni wiesa' ta' evalwazzjoni meta jiddefinixxi s-suġġett tal-miżuri restrittivi, il-kriterji ta' inklużjoni u l-kategoriji ta' persuni koperti minn dawn il-kriterji u li hija biss in-natura manifestament mhux xierqa ta' miżura adottata fil-qasam ta' miżuri restrittivi, meta mqabbla mal-għan li din l-istituzzjoni tixtieq tilħaq, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura, u li din il-ġurisprudenza hija wkoll intiża li tapplika fir-rigward tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 132, u tal-25 ta' Ġunju 2020, VTB Bank vs Il-Kunsill, C-729/18 P, EU:C:2020:499, punt 70).

303 F'dan il-każ, kif ġustament iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 137 tat-tieni sentenza appellata, fil-punt 144 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 127 tar-raba' sentenza appellata, il-kriterju (g) ikopri mingħajr distinzjoni n-negozjanti ewlenin li jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejn dawn in-negozjanti skont kwalunkwe kriterju bħalma huwa dak tan-nazzjonalità. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-persuni li għandhom in-nazzjonalità Russa huma, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-kriterju (g) u fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, ittrattati b'mod differenti minn dawk li għandhom nazzjonalità oħra.

304 Huwa minnu li l-kundizzjoni li n-negozjanti ewlenin koperti mill-kriterju (g) għandhom jeżerċitaw attività f'tali setturi ekonomiċi timplika li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, dawn in-negozjanti jkollhom in-nazzjonalità Russa. Madankollu, dan jirriżulta loġikament mill-fatt li, kif jirriżulta mill-punti 273 u 275 ta' din is-sentenza, kif ukoll, essenzjalment, mill-punti 79 sa 83 tat-tieni sentenza appellata, mill-punti 66 sa 70, 107 u 108 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll mill-punti 54 sa 57, 90 u 91 tar-raba' sentenza appellata, il-kriterju (g) jaqa' fil-kuntest ta' miżuri intiżi li jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern tal-Federazzjoni Russa sabiex dan itemm l-azzjonijiet tiegħu ta' destabbilizzazzjoni u ta' aggressjoni kontra l-Ukraina permezz ta' persuni u ta' entitajiet li għandhom rabta oġġettiva ma' dan il-pajjiż terz, bħalma huma n-negozjanti ewlenin.

305 Barra minn hekk, mill-punti 285 sa 294 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 106 sa 109 tat-tielet sentenza appellata u fil-punti 89 sa 92 tar-raba' sentenza appellata, li l-kriterju (g) ma kienx illegali minħabba l-fatt li ma kienx manifestament mhux xieraq fid-dawl tal-għanijiet imfittxija. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma applikabbli *mutatis mutandis* fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-miżuri restrittivi adottati abbażi tal-kriterju (g) humiex kuntrarji għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, inkluż fil-Kawża C-704/23 P.

306 Għalhekk, mit-tliet punti preċedenti jirriżulta li, kif ġustament iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 137 tat-tieni sentenza appellata, fil-punt 144 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 127 tar-raba' sentenza appellata, il-fatt li huma negozjanti ewlenin ta' nazzjonalità Russa li huma, b'mod predominanti, is-suġġett ta' miżuri restrittivi abbażi tal-kriterju (g) ma jistax iwassal sabiex jiġi kkunsidrat li, billi adotta u applika dan il-kriterju, il-Kunsill kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

307 Barra minn hekk, kif indikat il-Qorti Ġenerali fil-punt 139 tat-tieni sentenza appellata u fil-punt 128 tar-raba' sentenza appellata, il-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li għandu l-Kunsill sabiex jidentifika n-negozjanti ewlenin li jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi skont il-kriterju (g) ma jistax jiġi analizzat bħala ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, VTB Bank vs Il-Kunsill, C-729/18 P, EU:C:2020:499, punt 70).

308 Fl-aħħar nett, kif il-Qorti Ġenerali essenzjalment iddeċidiet ġustament fil-punt 138 tat-tieni sentenza appellata, fil-punt 145 tat-tielet sentenza appellata u fil-punt 129 tar-raba' sentenza appellata, il-Kunsill ma jistax jiġi kkritikat, fid-dawl ta' dan il-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni u tal-legalità tal-kriterju (g) fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li kiser dan il-prinċipju minħabba li l-miżuri restrittivi li huwa adotta ma jirrigwardawx il-persuni fiżiċi kollha li jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan il-kriterju.

309 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, l-ewwel parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-704/23 P kif ukoll il-ħames aggravju fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P għandhom jiġu miċħuda.

E. Fuq l-aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi u fuq żnaturamenti ta' fatti u ta' provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-elementi li jikkostitwixxu l-kriterju (g) kinux issodisfatti fir-rigward tal-ħames appellanti

310 Din it-taqsima tittratta l-aggravji tal-ħames appellanti bbażati fuq żbalji ta' liġi u fuq żnaturamenti ta' fatti u ta' provi li jivvizzjaw l-analiżi tal-Qorti Ġenerali intiża sabiex jiġi ddeterminat, f'kull waħda mill-ħames sentenzi appellati, jekk il-Kunsill wettaqx żbalji ta' evalwazzjoni meta qies li l-elementi li jikkostitwixxu l-kriterju (g) kinux, fid-dawl ta' dawn il-fatti u provi, issodisfatti fir-rigward ta' dawn l-appellanti u meta għalhekk ikklassifikahom, fl-espożizzjonijiet tar-raġunijiet sottostanti l-miżuri restrittivi li għalihom huma suġġetti, bħala "negozjanti ewlenin […] li għandhom attività f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa".

311 B'mod iktar preċiż, din it-taqsima tittratta l-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-696/23 P, it-tielet ilment tal-ewwel parti u l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P, l-ewwel aggravju kif ukoll ir-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, l-ewwel sat-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll l-ewwel u t-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P u, fl-aħħar nett, il-ħames, is-sitt u t-tmien aggravju fil-Kawża C-111/24 P.

312 L-ewwel parti ta' dawn l-aggravji u argumenti hija bbażata, essenzjalment, fuq allegati żbalji ta' liġi u żnaturamenti mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-kwistjoni dwar jekk is-settur li fih joperaw jew kienu joperaw it-tieni sal-ħames appellant kienx jikkostitwixxi "sors sostanzjali ta' dħul" għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, fis-sens tal-kriterju (g). It-tieni parti tal-imsemmija aggravji u argumenti hija bbażata, essenzjalment, fuq allegati żbalji ta' liġi u żnaturamenti mwettqa

mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-kwistjoni dwar jekk it-tieni appellant huwiex negozjant "ewlieni", fis-sens ta' dan il-kriterju, u jekk l-ewwel u l-ħames appellant kinux jeżerċitaw "attività", fis-sens tal-imsemmi kriterju.

313 Għandu jiġi ppreċiżat li, fid-dawl tal-fatt li, kif jirriżulta mill-punt 162 ta' din is-sentenza, ċerti argumenti mressqa mill-ewwel appellant insostenn tal-ewwel aggravju tiegħu jirrigwardaw kemm il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti kif ukoll l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "influwenza", fis-sens tal-kriterju (g), dawn l-argumenti kollha, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni tal-fatti, diġà ġew analizzati fil-punti 166 sa 186 ta' din is-sentenza.

1. Fuq l-allegati żbalji ta' liġi u żnaturamenti mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-analiżi tagħha tal-kwistjoni dwar jekk is-setturi ekonomiċi li fihom joperaw jew kienu joperaw it-tieni sal-ħames appellant jikkostitwixxux sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa

314 Permezz tal-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju kif ukoll permezz tat-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P, tal-ewwel aggravju kif ukoll tar-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, tal-ewwel sat-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll tal-ewwel u tat-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P u, fl-aħħar nett, permezz tal-ħames u tas-sitt aggravju fil-Kawża C-111/24 P, it-tieni sal-ħames appellant isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi, jew saħansitra żnaturamenti ta' fatti u ta' provi, fl-analiżi tagħha tal-kwistjoni dwar jekk is-setturi ekonomiċi li fihom joperaw jew kienu joperaw jikkostitwixxux sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

315 Fid-dawl tar-rabta ta' konnessjoni tagħhom, it-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P u l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P, li permezz tagħhom it-tieni sar-raba' appellant jilmentaw li l-Qorti Ġenerali ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, ser jiġu ttrattati flimkien fl-ewwel parti ta' din is-sottotaqsima. It-tieni parti tagħha ser tittratta l-argumenti l-oħra msemmija fil-punt preċedenti.

a) Fuq it-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P u fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P

1) L-argumenti tal-partijiet

316 Permezz tat-tieni aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha meta ssostitwixxiet l-evalwazzjoni u r-raġunament tagħha stess għal dawk adottati mill-Kunsill fir-raġunijiet tat-tieni atti ta' żamma kontenzjużi. Fil-fatt, f'dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill, sabiex jikkonkludi li t-tieni appellant kien jissodisfa l-elementi li jikkostitwixxu l-kriterju (g), indika li Yandex "ġġib magħha dħul konsiderevoli mit-taxxa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa", li jimplika li l-Kunsill ikkunsidra bħala "sors sostanzjali ta' dħul" il-kontribuzzjonijiet fiskali ta' Yandex u mhux id-dħul mis-settur ekonomiku li fih topera din il-kumpannija u li barra minn hekk ma jissemmiex fl-imsemmija raġunijiet. Issa, fil-punti 96 sa 108 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali astjeniet milli tivverifika jekk il-Kunsill kienx wettaq żball ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, hija ma vverifikatx, kuntrarjament għal dak li madankollu ddikjarat fil-punti 82 u 83 ta' dik is-sentenza, jekk is-sors ta' dħul ipprovdut lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa mis-settur ekonomiku kollu li fih it-tieni appellant kien jeżerċita l-attività tiegħu, u mhux biss minn Yandex, kienx "sostanzjali", fis-sens tal-kriterju (g).

317 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, it-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 69 sa 74, 81 sa 83 u 98 tat-tielet sentenza appellata, ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha meta ssostitwixxiet l-evalwazzjonijiet u l-motivazzjonijiet tagħha stess għal dawk tal-Kunsill. Fil-fatt, filwaqt li din l-istituzzjoni, kemm fl-espożizzjonijiet tar-raġunijiet tal-atti kontenzjużi kif ukoll fil-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, għamlet sforz sabiex tistabbilixxi li, minħabba t-taxxi li hija kienet tħallas, MMK kienet tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa mingħajr ma ħadet interess fis-settur ekonomiku li kienet taqa' fih din il-kumpannija u mingħajr ma vverifikat jekk dan is-settur kienx jikkostitwixxi huwa stess tali sors, il-Qorti Ġenerali astjeniet milli tivverifika jekk l-imsemmija istituzzjoni setgħetx validament tillimita ruħha għal tali motivazzjoni u qieset elementi oħra li ma humiex preżenti f'dawn l-espożizzjonijiet tar-raġunijiet sabiex tikkonkludi li s-settur ekonomiku kkonċernat, li barra minn hekk lanqas biss jissemma fl-imsemmija espożizzjonijiet tar-raġunijiet, kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

318 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-35/24 P, ir-raba' appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 56 sa 61 kif ukoll fil-punti 69 sa 74 tar-raba' sentenza appellata, ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha meta ssostitwixxiet l-evalwazzjonijiet u l-motivazzjonijiet tagħha stess għal dawk tal-Kunsill. Fil-fatt, filwaqt li l-Kunsill, kemm fl-espożizzjonijiet tar-raġunijiet tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi kif ukoll permezz tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, għamel sforz sabiex jistabbilixxi li, minħabba l-importanza ekonomika tagħha, Uralchem kienet tipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa mingħajr madankollu ma wera interess fis-settur ekonomiku li kienet taqa' fih din il-kumpannija u mingħajr ma vverifika jekk dan is-settur kienx jikkostitwixxi huwa stess tali sors, il-Qorti Ġenerali astjeniet milli teżamina jekk din l-istituzzjoni setgħetx tillimita ruħha għal tali motivazzjoni. Barra minn hekk, mill-punt 74 tar-raba' sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qieset elementi oħra li ma humiex preżenti f'dawn l-espożizzjonijiet tar-raġunijiet sabiex tikkonkludi li s-settur ekonomiku kkonċernat kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

319 Il-Kunsill iqis li t-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P huwa inammissibbli sa fejn l-argument tat-tieni appellant huwa konfuż u sa fejn jinkludi lment ġdid li ma ġiex invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma rreferiex għas-setturi ekonomiċi fir-raġunijiet tat-tieni atti ta' żamma kontenzjużi.

320 Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-parti l-kbira tal-allegazzjonijiet magħmula insostenn tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P huma inammissibbli sa fejn jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar kwistjonijiet ta' fatt kif ukoll dwar l-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali.

321 Mill-bqija, il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika Ċeka, mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tat-tieni sar-raba' appellant.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

i) Fuq l-ammissibbiltà tat-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P u tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P

322 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ammissibbiltà tat-tieni aggravju invokat mit-tieni appellant insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 157 ta' din is-sentenza, li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, dan l-aggravju ma huwiex konfuż. Fil-fatt, it-tieni appellant jilmenta, biċ-ċarezza u bil-preċiżjoni meħtieġa, li l-Qorti Ġenerali ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha meta ssostitwixxiet l-evalwazzjoni u r-raġunament tagħha stess għal dawk adottati mill-Kunsill fir-raġunijiet tat-tieni atti ta' żamma kontenzjużi f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk is-settur ekonomiku li fih dan l-appellant jeżerċita l-attività tiegħu jipprovdix sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

323 Għalkemm huwa minnu li, fil-kuntest tal-imsemmi aggravju, l-imsemmi appellant jirrileva li l-Kunsill ma identifikax, f'dawn ir-raġunijiet, is-settur ekonomiku li fih huwa kien meqjus li jeżerċita l-attività tiegħu, għandu jiġi enfasizzat li l-istess appellant ma jislet ebda konsegwenza fid-dritt minn din is-sempliċi osservazzjoni, li għalhekk ma jista' jkollha ebda effett fuq l-ammissibbiltà tat-tieni aggravju tiegħu.

324 Fit-tieni lok, sa fejn il-Kunsill jikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P, għandu jiġi rrilevat li, permezz ta' din il-parti, ir-raba' appellant ma huwiex qiegħed jipprova jdaħħal inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi magħmula mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, dan l-appellant jilmenta li din il-qorti ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha meta ssostitwixxiet l-evalwazzjonijiet ta' fatt u l-motivazzjonijiet tagħha stess għal dawk tal-Kunsill, li hija kwistjoni ta' liġi li tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 47, kif ukoll tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Alrosa, C-441/07 P, EU:C:2010:377, punti 67 u 68).

325 Minn dan isegwi li t-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P u l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P huma ammissibbli.

ii) Fuq il-mertu

326 Essenzjalment, it-tieni sar-raba' appellant jilmentaw li l-Qorti Ġenerali, fit-tieni sar-raba' sentenza appellata, ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha meta ssostitwixxiet ir-raġunijiet tagħha stess għal dawk adottati mill-Kunsill fl-espożizzjonijiet tar-raġunijiet rispettivi tal-atti li huma talbu l-annullament tagħhom. Fil-fatt, filwaqt li l-Kunsill ibbaża ruħu, sabiex jikkunsidra li huma kienu joperaw f'settur ekonomiku li jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, fuq l-oneru fiskali jew l-importanza ekonomika tal-kumpanniji li fihom huma kienu jeżerċitaw l-attività tagħhom, il-Qorti Ġenerali astjeniet milli tivverifika l-fondatezza ta' din il-parti tar-raġunijiet u adottat raġunijiet differenti minn dawk tal-Kunsill.

327 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta teżiġi b'mod partikolari li l-qorti tal-Unjoni tiżgura li d-deċiżjoni, li jkollha portata individwali għall-persuna jew għall-entità kkonċernata, tkun ibbażata fuq bażi fattwali

suffiċjentement solida. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tar-raġunijiet li fuqha tkun ibbażata din id-deċiżjoni, b'mod li l-istħarriġ ġudizzjarju ma għandux ikun limitat għall-evalwazzjoni tal-probabbiltà astratta tar-raġunijiet invokati, iżda għandu jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk dawn ir-raġunijiet, jew tal-inqas, waħda minnhom ikkunsidrata bħala li hija suffiċjenti minnha nnifisha sabiex issostni din l-istess deċiżjoni, humiex issostanzjati. Għal dan il-għan, il-qorti tal-Unjoni għandha tagħmel dan l-eżami billi titlob, skont il-każ, lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni tipproduċi informazzjoni jew provi, kunfidenzjali jew mhux, li jkunu rilevanti għall-finijiet ta' tali eżami. Għalkemm ma huwiex meħtieġ li din l-awtorità tipproduċi quddiem il-qorti tal-Unjoni l-informazzjoni u l-provi kollha inerenti għar-raġunijiet allegati fl-att li jkun intalab l-annullament tiegħu, huwa madankollu meħtieġ li l-informazzjoni jew il-provi prodotti jissostanzjaw ir-raġunijiet miżmuma kontra l-persuna kkonċernata (sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian, C-280/12 P, EU:C:2013:775, punti 64, 65 u 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

328 Fir-rigward tal-Kawżi C-704/23 P, C-711/23 P u C-35/24 P, għandu jiġi kkonstatat li l-espożizzjonijiet tar-raġunijiet li jinsabu fl-atti li ntalab l-annullament tagħhom rispettivament mit-tieni sar-raba' appellant jindikaw kollha li dawn l-appellanti huma negozjanti ewlenin li jeżerċitaw attività f'setturi ekonomiċi li jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha tal-legalità ta' dawn l-atti, il-Qorti Ġenerali kellha, konformement mal-interpretazzjoni adottata tal-kriterju (g) kif tirriżulta b'mod partikolari mill-punt 125 ta' din is-sentenza u b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt preċedenti, tivverifika, fost l-oħrajn, f'liema settur jew setturi ekonomiċi kull wieħed mill-imsemmija appellanti kien jeżerċita l-attività tiegħu u jekk dan jew dawn is-setturi kinux jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, filwaqt li teżamina f'dan ir-rigward il-provi prodotti mill-Kunsill u diskussi quddiemha.

329 Issa, dan huwa preċiżament dak li l-Qorti Ġenerali għamlet fil-punti 96 sa 109 tat-tieni sentenza appellata, fil-punti 79 sa 98 tat-tielet sentenza appellata kif ukoll fil-punti 67 sa 82 tar-raba' sentenza appellata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ssostitwixxiet ir-raġunijiet tagħha stess għal dawk adottati mill-Kunsill u li b'hekk ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.

330 Sa fejn it-tieni sar-raba' appellant jilmentaw li l-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha li tivverifika jekk il-Kunsill kienx wettaq żball ta' evalwazzjoni meta mill-informazzjoni dwar l-oneru fiskali jew l-importanza ekonomika tal-kumpanniji li fihom huma kienu jeżerċitaw l-attività tagħhom, imsemmija fl-espożizzjonijiet tar-raġunijiet rispettivi tal-atti li huma talbu l-annullament tagħhom, iddeduċa li s-setturi ekonomiċi kkonċernati kienu jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, jew inkella li l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward elementi oħra li ma jirriżultawx minn dawn l-espożizzjonijiet tar-raġunijiet, għandu jitqies, minn naħa, li din l-informazzjoni ma għandhiex tkun neċessarjament relatata mal-parti tal-kriterju (g) dwar in-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul ikkostitwit minn settur ekonomiku, iżda tista' tkun relatata, kif jirriżulta mill-punti 168 u 192 ta' din is-sentenza, mal-parti ta' dan il-kriterju dwar in-natura influwenti tan-negozjant ikkonċernat.

331 Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, il-Kunsill ma kienx obbligat, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 327 ta' din is-sentenza, jipproduċi quddiem il-qorti tal-Unjoni l-informazzjoni u l-provi kollha inerenti għar-raġunijiet allegati fl-att li jkun qiegħed

jintalab l-annullament tiegħu, peress li din il-qorti għandha tiżgura ruħha biss, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, li l-informazzjoni jew il-provi prodotti quddiemha jissostanzjaw b'mod suffiċjenti r-raġunijiet mogħtija fir-rigward tal-persuna kkonċernata.

332 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni aggravju fil-Kawża C-704/23 P kif ukoll l-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawżi C-711/23 P u C-35/24 P għandhom jiġu miċħuda.

b) Fuq l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju u r-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P, fuq it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju, l-ewwel parti u t-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P, kif ukoll fuq il-ħames u s-sitt aggravju fil-Kawża C-111/24 P

1) Fuq l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P

i) L-argumenti tal-partijiet

333 Permezz tal-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant isostni li l-Qorti Ġenerali ma applikatx b'mod korrett il-kunċett ta' "sors sostanzjali ta' dħul" fil-każ tiegħu. Għalhekk, filwaqt li esponiet, fil-punti 82 u 83 tat-tieni sentenza appellata, li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju (g), id-dħul li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni kien dak tas-setturi ekonomiċi li fihom in-negozjant ewlieni jeżerċita l-attività tiegħu, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, fil-punti 98 sa 103 ta' dik is-sentenza, fuq informazzjoni li tikkonċerna biss lil Yandex sabiex minn din l-informazzjoni wasslet għall-konklużjoni, abbażi ta' prova waħda vvizzjata bi żnaturament, li s-settur ekonomiku li fih topera Yandex kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali qalbet ukoll l-oneru tal-prova u kkonstatat fatti fl-assenza ta' kwalunkwe prova rilevanti.

334 Il-Kunsill iqis li, permezz ta' tali lment, it-tieni appellant qiegħed jipprova jdaħħal inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Qorti Ġenerali u ma huwiex qiegħed iqajjem kwistjoni ta' liġi, b'tali mod li dan l-ilment għandu jiġi ddikjarat inammissibbli. Huwa barra minn hekk jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti ta' dan l-appellant.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

335 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li jallega l-Kunsill, it-tieni appellant ma huwiex qiegħed jipprova jdaħħal inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, iżda qiegħed jilmenta li din il-qorti, minn naħa, wettqet żball ta' liġi meta llimitat ruħha li tivverifika, bi ksur tal-interpretazzjoni tal-kriterju (g) adottata fil-punti 82 u 83 tat-tieni sentenza appellata, jekk Yandex kinitx tikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, meta fil-fatt tali verifika kellha tirrigwarda s-settur ekonomiku kollu li kienet taqa' fih din il-kumpannija, u, min-naħa l-oħra, żnaturat l-unika prova dwar dan is-settur. Issa, l-iżnaturament tal-provi huwa, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 158 ta' din is-sentenza, kwistjoni ta' liġi li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

336 Fuq il-mertu, għandu jiġi rrikonoxxut, kif isostni t-tieni appellant u kif tammetti l-Qorti Ġenerali stess fil-punt 103 tat-tieni sentenza appellata, li, sabiex setgħet tikkunsidra, f'dak il-punt kif ukoll fil-punti 107 u 108 ta' dik is-sentenza, li s-settur Russu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, fis-sens tal-kriterju (g), il-Qorti Ġenerali essenzjalment ibbażat ruħha, fil-punti 98 sa 106 tal-imsemmija sentenza, fuq informazzjoni relatata ma' Yandex biss u mhux ma' dan is-settur ekonomiku kollu kemm hu.

337 B'dan premess, għandu jiġi enfasizzat li l-informazzjoni dwar impriża tista', f'ċerti ċirkustanzi, tipprovdi indikazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul li jirrappreżenta, għall-Istat ikkonċernat, is-settur ekonomiku li taqa' fih din l-impriża, b'mod partikolari meta din l-impriża tkun waħda mill-ikbar impriżi f'dan is-settur u meta d-dħul ipprovdut lil dan l-Istat mill-impriża kkonċernata jkun diġà fih innifsu ta' natura sostanzjali.

338 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 98 sa 102 tat-tieni sentenza appellata, ikkonstatat li Yandex kienet il-kumpannija li tipproponi l-mutur prinċipali ta' tfittxija online fir-Russja, ekwivalenti għal Google f'dan il-pajjiż, kienet ikkwotata fuq in-Nasdaq, kellha iktar minn 100 miljun utent fix-xahar, kellha dħul mill-bejgħ stmat ta' 500 biljun rublu Russu (madwar EUR 6 biljuni), kienet topera f'settur strateġiku f'termini ta' tkabbir u kienet tikkontribwixxi għal diversi setturi tal-ekonomija Russa bħala ekosistema li sservi għexieren ta' miljuni ta' konsumaturi u ta' impriżi fir-Russja.

339 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Yandex, bħala impriża ewlenija tas-settur Russu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet u bħala mutur tal-espansjoni ta' dan is-settur, kienet topera f'settur ekonomiku kkaratterizzat minn tkabbir esponenzjali, kienet tipproponi diversità ta' servizzi kif ukoll ta' prodotti u kellha numru kbir ħafna ta' klijenti u ta' utenti. Minn dan hija ddeduċiet, fil-punt 103 tat-tieni sentenza appellata, li tali settur kellu "neċessarjament" jitqies li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija kkonfermat ukoll din l-analiżi, fil-punti 103 u 106 ta' dik is-sentenza, permezz ta' ċifri li jindikaw l-importanza tas-settur Russu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet f'termini ta' prodott domestiku gross (PGD) u ta' impjegati kif ukoll permezz tal-fatt li t-taxxi fuq l-attivitajiet u l-flussi f'dan is-settur kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala li jikkontribwixxu indirettament sabiex jipprovdu dħul sinjifikattiv lil dan il-gvern.

340 Billi adottat tali raġunament, il-Qorti Ġenerali għalhekk ibbażat ruħha fuq sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li kienu ta' natura li juru, b'mod partikolari abbażi tal-informazzjoni dwar il-kumpannija prinċipali li topera fl-imsemmi settur, li l-Kunsill seta' ġustament iqis li l-istess settur kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

341 F'dawn iċ-ċirkustanzi u mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat l-allegat żnaturament tal-prova purament korroborattiva msemmija fil-punt 103 tat-tieni sentenza appellata, it-tieni appellant ma jistax validament isostni li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq din il-prova biss u li b'hekk qalbet l-oneru tal-prova.

342 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P għandu jiġi miċħud.

ii) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju kif ukoll fuq ir-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P

– *L-argumenti tal-partijiet*

343 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-711/23 P, it-tielet appellant isostni li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 86 u 88 tat-tielet sentenza appellata, żnaturat il-provi u ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kunsill billi użat il-provi prodotti minn din l-istituzzjoni sabiex tikkonstata li s-settur ekonomiku inkwistjoni kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, meta fil-fatt dawn il-provi kienu jirrigwardaw l-ammont tat-taxxi mħallsa mill-kumpannija li fiha huwa kien jeżerċita l-attività tiegħu, jiġifieri MMK, kif ukoll il-pożizzjoni u l-importanza ta' din il-kumpannija f'dan is-settur.

344 Insostenn tar-raba' parti tar-raba' aggravju tiegħu, it-tielet appellant iqis li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u l-provi prodotti quddiemha, li wassalha sabiex taqleb l-oneru tal-prova li normalment jaqa' fuq il-Kunsill. Fil-fatt, filwaqt li l-Qorti Ġenerali esponiet, fil-punt 81 tat-tielet sentenza appellata, li d-dħul li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tal-kriterju (g) kien dak tas-setturi ekonomiċi li fihom in-negozjant ewlieni jeżerċita l-attività tiegħu, hija bbażat ruħha, fil-punti 86 sa 89 ta' din is-sentenza, fuq data li tikkonċerna biss lil MMK sabiex minn dan ikkonkludiet, fil-punt 90 tal-imsemmija sentenza, li s-settur Russu tal-metallurġija kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. L-unika prova li kellha rabta ma' din il-konklużjoni ġiet eżaminata fil-punti 86 u 93 tal-istess sentenza, iżda hija irrilevanti sa fejn tirreferi għal aspettattivi futuri ta' din il-federazzjoni fil-qasam tad-dħul fiskali.

345 Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill ma pproduċa ebda prova li tippermetti li jiġi stabbilit li s-sors ta' dħul li l-Gvern tal-Federazzjoni Russa jikseb mis-settur tal-metallurġija kien effettivament sostanzjali meta mqabbel mad-dħul baġitarju kollu ta' dan il-gvern. Għaldaqstant, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 90 tat-tielet sentenza appellata hija materjalment ineżatta u mhux issostanzjata. Barra minn hekk, fil-punt 92 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma analizzatx korrettament il-provi prodotti mit-tielet appellant, li wassalha sabiex tifformula evalwazzjoni ipotetika u sabiex tislet konklużjoni kontradittorja.

346 Permezz tal-ħames parti tar-raba' aggravju tiegħu, it-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 87 tat-tielet sentenza appellata, billi kisret ir-regoli dwar l-oneru tal-prova kif ukoll id-drittijiet tad-difiża, sa fejn, permezz tal-użu, f'dak il-punt, tal-espressjoni "ma hemm l-ebda dubju", il-Qorti Ġenerali assumiet li s-settur Russu tal-metallurġija kien jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

347 Fil-kuntest tas-sitt parti tar-raba' aggravju tiegħu, it-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 98 tat-tielet sentenza appellata, li t-taxxi mħallsa b'mod obbligatorju mis-settur ekonomiku kkonċernat setgħu jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra persuna fiżika. Fil-fatt, peress li l-ħlas ta' taxxi huwa obbligu legali li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi ma jistgħux jaħarbu minnu, il-persuna suġġetta għal miżuri restrittivi ma għandha l-ebda possibbiltà li tadotta aġir li jippermettilha li ma tibqax suġġetta għal dawn il-miżuri.

348 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tat-tielet appellant fuq il-mertu filwaqt li jippreċiża li, sa fejn dan l-appellant jikkontesta n-natura suffiċjenti tal-provi u jipprova għalhekk jikseb l-eżami mill-ġdid tagħhom, dawn l-argumenti huma inammissibbli.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

349 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti kollha mressqa mit-tielet appellant insostenn tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu u tar-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju tiegħu huma ammissibbli. Fil-fatt, permezz ta' dawn l-argumenti, dan l-appellant jikkontesta ċerti fatti u provi eżaminati mill-Qorti Ġenerali għar-raġuni jew li din il-qorti żnaturathomx, jew li ssostitwixxiet ir-raġunament tagħha għal dak tal-Kunsill jew kisret ir-regoli dwar l-oneru tal-prova. Issa, tali lmenti jikkostitwixxu kwistjonijiet li jistgħu jiġu suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 158, 226 u 324 ta' din is-sentenza.

350 Fir-rigward, qabelxejn, tal-ilmenti li permezz tagħhom, fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu kif ukoll tar-raba' u tal-ħames parti tar-raba' aggravju tiegħu, it-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 86 sa 89 tat-tielet sentenza appellata, żnaturat provi jew ibbażat ir-raġunament tagħha fuq preżunzjoni u b'hekk qalbet l-oneru tal-prova, dawn għandhom jiġu miċħuda sa fejn dan l-appellant jagħmel qari żbaljat ta' dawn il-punti.

351 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, analizzat, fil-punt 86 tat-tielet sentenza appellata, żewġ provi li, skont il-konstatazzjonijiet tagħha, kienu jippermettu li jiġi dedott "faċilment" li s-settur tal-metallurġija kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li jsostni t-tielet appellant, dawn iż-żewġ provi, indipendentement mill-fatt li waħda minnhom ġiet prodotta minn MMK, kienu fil-fatt relatati mad-dħul fiskali kollu li s-settur Russu tal-metallurġija seta' jipprovdi lil dan il-gvern matul il-perijodu kopert mill-atti kontenzjużi, u ma kinux relatati biss mal-kontribuzzjoni fiskali ta' MKK, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma żnaturathomx.

352 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali mhux talli ma injoratx li dawn il-provi kienu jirreferu biss għal previżjonijiet għal dan il-perijodu, iżda qieset, fil-punt 93 tat-tielet sentenza appellata, li dawn il-provi kellhom saħħa probatorja sinjifikattiva minħabba li kienu "indikattivi tal-importanza tad-dħul li dan is-settur jista' jiġġenera għall-baġit tal-Istat Russu". Issa, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 158 ta' din is-sentenza, din l-evalwazzjoni tas-saħħa probatorja tal-imsemmija provi ma taqax, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom mill-Qorti Ġenerali, taħt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

353 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 87 tat-tielet sentenza appellata, li, minkejja l-fatt li l-Kunsill ma kienx ipprovda ċifri dwar id-dħul ipprovdut mis-settur tal-metallurġija lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, "ma [kien] hemm ebda dubju" li dan is-settur kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għal dan il-gvern, evalwazzjoni din li għandha tinftiehem fid-dawl tal-konstatazzjonijiet ta' fatt preċedentement magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 86 ta' dik is-sentenza u mhux bħala preżunzjoni li dik il-qorti aċċettat favur il-Kunsill.

354 Kien biss fit-tieni lok li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 88 u 89 tat-tielet sentenza appellata, eżaminat il-pożizzjoni u l-importanza ta' MMK fis-settur tal-metallurġija Russu sabiex tikkonferma din il-konklużjoni. Dan l-eżami purament korroborattiv tal-analiżi tal-provi dwar id-dħul ipprovdut minn dan is-settur ma jistax jiġi kkritikat sa fejn, kif jirriżulta mill-punt 337 ta' din is-sentenza, l-informazzjoni dwar impriża tista', f'ċerti ċirkustanzi, tipprovdi indikazzjoni tan-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul ipprovdut lill-gvern ta' Stat mis-settur ekonomiku li fih taqa' din l-impriża, b'mod partikolari meta din tal-aħħar tkun, bħalma huwa l-każ ta' MMK skont

il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti ċċitati iktar 'il fuq tat-tielet sentenza appellata, waħda mill-iktar importanti fis-settur ikkonċernat u tipprovdi waħedha diġà sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

355 Sussegwentement, fir-rigward tal-ilment tat-tielet appellant ibbażat fuq l-argument li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 90 tat-tielet sentenza appellata hija materjalment ineżatta u mhux issostanzjata minħabba li l-Kunsill ma pproduċa ebda prova li tistabbilixxi li s-sors ta' dħul li l-Gvern tal-Federazzjoni Russa jikseb mis-settur tal-metallurġija kien effettivament sostanzjali meta mqabbel mad-dħul baġitarju kollu ta' dan il-gvern, huwa biżżejjed li jitfakkar, kif ġie indikat fil-punt 138 ta' din is-sentenza u kif il-Qorti Ġenerali qieset ukoll ġustament fil-punt 92 tat-tielet sentenza appellata, li l-kunċett ta' "sors sostanzjali ta' dħul", fis-sens tal-kriterju (g), ma jimplikax l-obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni l-parti li jirrappreżenta d-dħul ipprovdut minn settur ekonomiku lill-imsemmi gvern fid-dawl tad-dħul baġitarju kollu ta' dan tal-aħħar.

356 Fl-aħħar nett, għandha tiġi miċħuda s-sitt parti tar-raba' aggravju, li permezz tagħha t-tielet appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 98 tat-tielet sentenza appellata, li t-taxxi mħallsa b'mod obbligatorju mis-settur ekonomiku kkonċernat setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata n-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul ikkostitwit minn dan is-settur. Fil-fatt, kif iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali f'dak il-punt u kif jirriżulta wkoll mill-punt 140 ta' din is-sentenza, il-kunċett ta' "sors sostanzjali ta' dħul" ikopri d-dħul kollu ġġenerat mis-settur ekonomiku kkonċernat, li jimplika li jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost oħrajn, it-taxxi mħallsa mill-kumpanniji li joperaw f'dan is-settur. Il-fatt li l-ħlas tat-taxxi huwa obbligu legali li l-persuni li jaqgħu f'dawn is-setturi ma jistgħux jaħarbu minnu huwa għalhekk irrilevanti għall-finijiet tal-verifika tan-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul ikkostitwit mill-imsemmi settur.

357 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni parti tal-ewwel aggravju kif ukoll ir-raba' sas-sitt parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-711/23 P għandhom jiġu miċħuda.

iii) Fuq it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll fuq l-ewwel parti u t-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P

– *L-argumenti tal-partijiet*

358 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-35/24 P, ir-raba' appellant isostni li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punt 72 tar-raba' sentenza appellata, żnaturat il-provi prodotti mill-Kunsill u ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha stess għal dik ta' din l-istituzzjoni billi qieset, abbażi ta' dawn il-provi, li s-settur ekonomiku inkwistjoni kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, meta fil-fatt l-imsemmija provi kienu jirrigwardaw komponenti oħra tal-kriterju (g), bħalma hija n-natura influwenti tan-negozjant ikkonċernat.

359 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tiegħu, ir-raba' appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 75 tar-raba' sentenza appellata, kisret ir-regoli dwar l-oneru tal-prova sa fejn, permezz tal-użu, f'dak il-punt, tal-espressjoni "ma hemm l-ebda dubju", hija assumiet li s-settur tal-fertilizzanti kien jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

360 Fil-kuntest tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu, ir-raba' appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 72 sa 75 tar-raba' sentenza appellata, billi rraġunat permezz ta' preżunzjoni u billi b'hekk qalbet l-oneru tal-prova sa fejn, mill-interess strateġiku li s-settur tal-fertilizzanti kellu għall-Federazzjoni Russa, iddeduċiet li dan is-settur kien jipprovdi neċessarjament sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern ta' din il-federazzjoni. Alternattivament, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jista' jiġi analizzat ukoll bħala estensjoni tal-portata tal-kriterju (g), fis-sens li l-Qorti Ġenerali assimilat is-"setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa" ma' kull settur ekonomiku li għandu interess strateġiku għall-Federazzjoni Russa bħala Stat.

361 Permezz tat-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju tiegħu, dan l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx żewġ argumenti li huwa kien ressaq fl-ewwel istanza, jiġifieri l-argument li l-kontribuzzjoni tas-settur tal-fertilizzanti għad-dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa kienet minima u dak li l-leġiżlazzjoni ta' din tal-aħħar kienet tipprevedi rata ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ta' 0 % fuq l-esportazzjonijiet ta' fertilizzanti. Dawn in-nuqqasijiet jivvizzjaw ir-raba' sentenza appellata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

362 Fir-rigward tal-ewwel aggravju tar-raba' appellant, il-Kunsill iqis li l-parti l-kbira tal-allegazzjonijiet magħmula insostenn ta' dan l-aggravju huma inammissibbli sa fejn jikkonċernaw kwistjonijiet ta' fatt kif ukoll l-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali.

363 Fir-rigward tat-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju, il-Kunsill iqis li l-kwistjoni dwar jekk id-dħul li joriġina mis-settur Russu tal-fertilizzanti jistax jitqies bħala "sostanzjali" taqa' taħt l-evalwazzjoni fattwali tal-provi, li ma tistax tkun is-suġġett ta' eżami mill-ġdid min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja.

364 Fuq il-mertu, il-Kunsill, sostnut mir-Repubblika tal-Latvja u mill-Kummissjoni fil-Kawża C-35/24 P, jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-raba' appellant.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

365 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju huma ammissibbli. Fil-fatt, ir-raba' appellant isostni, permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tiegħu, żnaturament tal-provi u nuqqas ta' osservanza tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti Ġenerali, permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tiegħu, ksur tar-regoli dwar l-oneru tal-prova u, permezz tat-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Issa, dawn l-ilmenti kollha jikkostitwixxu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti 101, 158, 226 u 324 ta' din is-sentenza, kwistjonijiet ta' liġi li l-eżami tagħhom jaqa' fil-kompetenza tagħha fil-kuntest ta' appell.

366 Fuq il-mertu, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ilmenti li permezz tagħhom, fil-kuntest tat-tieni u tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tiegħu kif ukoll tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu, ir-raba' appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 72 sa 75 tar-raba' sentenza appellata, żnaturat il-provi jew qalbet l-oneru tal-prova billi rraġunat permezz ta' preżunzjoni jew inkella ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, dawn għandhom jiġu miċħuda sa fejn huma bbażati fuq qari żbaljat ta' dawn il-punti.

367 L-ewwel nett, il-fatt li l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, fil-punt 72 tar-raba' sentenza appellata, provi dwar l-importanza ekonomika ta' Uralchem u ta' Uralkali sabiex tivverifika jekk is-settur tal-fertilizzanti kienx jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa ma jistax jiġi analizzat bħala żnaturament ta' dawn il-provi u lanqas bħala nuqqas ta' osservanza tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 337 u 354 ta' din is-sentenza, l-informazzjoni dwar impriża tista', f'ċerti ċirkustanzi, tipprovdi indikazzjoni tan-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul li jikkostitwixxi settur ekonomiku għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari meta, bħalma huwa l-każ fil-każ ta' Uralchem u ta' Uralkali fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 72 sa 75 tar-raba' sentenza appellata, din l-impriża tkun waħda mill-iktar importanti fis-settur ikkonċernat.

368 Barra minn hekk, ftit jimporta li l-imsemmija provi jistgħu jintużaw ukoll sabiex tiġi stabbilita, b'mod partikolari, in-natura influwenti tan-negozjant ikkonċernat, peress li l-Qorti Ġenerali hija obbligata tiżgura ruħha, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha li l-portata tiegħu tfakkret fil-punt 327 ta' din is-sentenza, li l-provi prodotti quddiemha jissostanzjaw ir-raġunijiet meqjusa mill-awtorità tal-Unjoni kompetenti fir-rigward ta' din il-persuna. F'dan il-każ, peress li r-raġuni meqjusa mill-Kunsill fir-rigward tar-raba' appellant jindikaw, fost l-oħrajn, li huwa kien jeżerċita "attivitajiet f'setturi ekonomiċi li jikkostitwixxu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa", il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi, ippruvat tivverifika, fid-dawl tal-provi prodotti minn din l-istituzzjoni, jekk is-settur ekonomiku li fih dan l-appellant kien jeżerċita l-attivitajiet tiegħu kienx jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għal dan il-gvern.

369 It-tieni nett, ma jistax jitqies li, b'mod partikolari fil-punt 74 tar-raba' sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rraġunat permezz ta' preżunzjoni u b'hekk qalbet l-oneru tal-prova, jew li hija estendiet il-portata tal-kriterju (g). Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, abbażi tal-provi prodotti quddiemha u li r-raba' appellant ma jinvokax l-iżnaturament tagħhom jew, kif jirriżulta mill-punt 367 ta' din is-sentenza, li l-iżnaturament allegat tagħhom ma huwiex stabbilit, li r-Russja kienet attur globali maġġuri fis-settur tal-fertilizzanti u li dan tal-aħħar kien jokkupa post importanti fil-qasam agroalimentari Russu kif ukoll dak dinji. Issa, dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt jippermettu li jiġi stabbilit, mingħajr l-użu ta' kwalunkwe preżunzjoni, li s-settur Russu tal-fertilizzanti jikkostitwixxi neċessarjament sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa minħabba l-pożizzjoni tiegħu, id-daqs tiegħu u l-importanza tiegħu għall-provvisti fuq livell dinji kif ukoll għall-Federazzjoni Russa, kif ukoll minħabba l-importanza ta' Uralchem u ta' Uralkali li joperaw f'dan is-settur.

370 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tiddeduċi, fil-punt 75 tar-raba' sentenza appellata, li, minkejja l-fatt li l-Kunsill ma kienx ipprovda ċifri dwar id-dħul ipprovdut mis-settur tal-fertilizzanti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, "ma [kien] hemm ebda dubju" li dan is-settur kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għal dan il-gvern.

371 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju, li permezz tiegħu r-raba' appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni dwar uħud mill-argumenti tiegħu, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 101 ta' din is-sentenza, l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuq il-Qorti Ġenerali ma jobbligahiex tipprovdi espożizzjoni li ssegwi, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, ir-raġunamenti kollha magħmula mill-partijiet fil-kawża u din il-motivazzjoni tista' tkun impliċita bil-kundizzjoni li tippermetti li l-persuni kkonċernati jifhmu r-raġunijiet għaliex il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx l-argumenti tagħhom u tippermetti li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha.

372 Issa, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet u tal-evalwazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 72 sa 74 tar-raba' sentenza appellata u miġbura fil-qosor fil-punt 369 ta' din is-sentenza, ir-raba' appellant seta' jifhem li l-Qorti Ġenerali kienet impliċitament iżda neċessarjament ċaħdet l-argument tiegħu li l-kontribuzzjoni tas-settur tal-fertilizzanti għall-baġit tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa kienet minima u li għalhekk kienet qieset li s-sors sostanzjali ta' dħul kellu jiġi evalwat fih innifsu u mhux fir-rigward ta' dan il-baġit.

373 Min-naħa l-oħra, mill-istess punti tar-raba' sentenza appellata dan l-appellant seta' jiddeduċi wkoll li, fid-dawl tal-pożizzjoni importanti li r-Russja tokkupa fuq livell dinji fis-settur tal-fertilizzanti u tal-importanza ta' dan is-settur fil-qasam agroalimentari Russu u dinji, il-fatt li l-leġiżlazzjoni ta' dan il-pajjiż terz tipprevedi rata ta' VAT ta' 0 % fuq l-esportazzjonijiet ta' fertilizzanti ma kienx biżżejjed sabiex tiddaħħal inkwistjoni n-natura sostanzjali tad-dħul ipprovdut mis-settur tal-fertilizzanti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u dan inqas u inqas peress li l-VAT ma tikkostitwixxix l-uniku sors ta' dħul li joriġina minn dan is-settur.

374 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju kif ukoll l-ewwel parti u t-tieni lment tat-tieni parti tar-raba' aggravju fil-Kawża C-35/24 P għandhom jiġu miċħuda.

iv) Fuq il-ħames u s-sitt aggravju fil-Kawża C-111/24 P

– *L-argumenti tal-partijiet*

375 Permezz tal-ħames aggravju tiegħu insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-prova bin-numru 2 imsemmija fil-punt 74 tal-ħames sentenza appellata. F'dak il-punt, il-Qorti Ġenerali indikat li l-klassifikazzjoni tal-ikbar kontribwenti Russi, li għaliha tirreferi din il-prova, kienet ġiet stabbilita permezz ta' digriet tas-Servizz Federali tat-Taxxi Russu, filwaqt li l-ħames appellant kien madankollu pproduċa, fir-replika tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, it-test ta' dan id-digriet u indika li dan tal-aħħar kien sempliċement jistabbilixxi kriterji mingħajr ma qatt isemmi xi impriża jew jipproċedi għal kwalunkwe klassifikazzjoni. Issa, fid-dawl tal-fatt li kienet biss il-prova bin-numru 2 li ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tikkonkludi, fil-punt 106 ta' dik is-sentenza, li l-Kunsill seta' ġustament iqis li s-settur bankarju kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, dan l-iżnaturament kellu bħala konsegwenza li dak il-punt ma kienx immotivat biżżejjed.

376 Permezz tas-sitt aggravju tiegħu, il-ħames appellant iqis li l-Qorti Ġenerali mmotivat b'mod insuffiċjenti, kontradittorju u fl-assenza ta' kwalunkwe prova l-punt 106 tal-ħames sentenza appellata billi ddeduċiet b'mod żbaljat, mill-importanza tal-kontribuzzjoni fiskali ta' Alfa Bank, li s-settur bankarju kollu kemm hu kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fil-fatt, il-fatt li kumpannija tkun waħda mill-iktar importanti fis-settur ekonomiku li taqa' fih ma jippermettix li jiġi stabbilit li dan is-settur jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-gvern tal-pajjiż ikkonċernat. Dan japplika wkoll fil-każ li, kif il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod impliċitu fil-punt 106 tal-ħames sentenza appellata, il-kumpannija kkonċernata tkun waħda mill-ikbar kontribwenti tal-pajjiż, peress li l-Qorti Ġenerali ma tistax tipproċedi permezz ta' deduzzjoni jew ta' preżunzjoni.

377 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ħames appellant.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

378 Fir-rigward tal-ħames aggravju, għandu jitfakkar li, meta jallega żnaturament tal-fatti jew tal-provi mill-Qorti Ġenerali, appellant għandu, skont l-Artikolu 256 TFUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura, jindika b'mod preċiż l-elementi li fil-fehma tiegħu kienu ġew żnaturati minnha u għandu juri l-iżbalji fl-analiżi li fil-fehma tiegħu wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, żnaturament għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza tat-13 ta' Marzu 2025, Shuvalov vs Il-Kunsill, C-271/24 P, EU:C:2025:180, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

379 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-prova bin-numru 2 eżaminata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 74 tal-ħames sentenza appellata hija artiklu estratt minn sit internet li jikkonċerna l-ikbar kontribwenti tar-Russja fl-2020 u li jikkwota bħala riferiment digriet tas-Servizz Federali tat-Taxxi Russu. Għalkemm huwa minnu li, kif jafferma l-ħames appellant, dan id-digriet, li tiegħu dan l-appellant ipproduċa t-test quddiem il-Qorti Ġenerali, ma huwiex intiż sabiex jistabbilixxi klassifikazzjoni tal-ikbar kontribwenti Russi, iżda biss sabiex jipprovdi lista ta' kriterji, mill-imsemmi digriet jirriżulta wkoll li, kif isostni l-Kunsill fir-risposta tiegħu, l-inklużjoni ta' kumpannija fost l-ikbar kontribwenti Russi għandha tirriżulta minn deċiżjoni meħuda minn dan is-servizz federali.

380 Issa, ma jistax jiġi eskluż li meta indikat, fil-punt 74 tal-ħames sentenza appellata, li l-artiklu kkonċernat "jirreferi għal digriet tas-Servizz Federali tat-Taxxi Russu, li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-ikbar kontribwenti skont kriterji speċifikati fl-artiklu li jiġbor fil-qosor l-imsemmi digriet", il-Qorti Ġenerali kkonstatat li tali klassifikazzjoni ma kinitx stabbilita mid-digriet inkwistjoni nnifsu, iżda mis-Servizz Federali tat-Taxxi Russu, konformement mal-kriterji msemmija f'dan id-digriet. Fil-fatt, fil-Franċiż, li kienet il-lingwa tal-kawża fil-Kawża T-333/22, il-pronom relattiv "qui" ["li"] li jinsab fis-silta ċċitata iktar 'il fuq tal-punt 74 tal-ħames sentenza appellata jista' jirreferi kemm għad-"digriet" kif ukoll għas-"Servizz Federali tat-Taxxi Russu". F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-iżnaturament allegat mill-ħames appellant ma jirriżultax b'mod manifest mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali u mill-atti tal-proċess.

381 Fir-rigward tal-punt 106 tal-ħames sentenza appellata, imsemmi kemm fil-ħames kif ukoll fis-sitt aggravju tal-ħames appellant, għandu jiġi rrilevat li f'dan il-punt il-Qorti Ġenerali teżamina n-natura sostanzjali tas-sors ta' dħul miksub mill-Federazzjoni Russa mis-settur bankarju li fih l-imsemmi appellant jeżerċita l-attività tiegħu fid-dawl tal-importanza tal-kumpannija li tagħha dan tal-aħħar huwa azzjonist. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-fatt li l-Qorti Ġenerali mkien fil-ħames sentenza appellata ma eżaminat xi proposta ta' prova dwar id-dħul ipprovdut minn dan is-settur ekonomiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmi punt għandu jinftiehem fis-sens li fih il-Qorti Ġenerali impliċitament iżda neċessarjament ikkunsidrat li l-importanza ta' Alfa Bank, ikkonfermata mill-fatt, ikkonstatat kemm fil-punt 97 kif ukoll fl-istess punt 106 ta' dik is-sentenza, li dan kien l-ikbar bank privat u wieħed mill-ikbar kontribwenti tar-Russja, kienet suffiċjenti waħedha sabiex jitqies li s-settur bankarju Russu kien jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

382 Issa, b'analoġija ma' dak li ġie indikat fil-punti 337, 354 u 367 ta' din is-sentenza, huwa possibbli li jiġi kkunsidrat, f'ċerti ċirkustanzi, li settur ekonomiku ta' Stat jikkostitwixxi sors sostanzjali ta' dħul għall-gvern tiegħu meta jkun hemm sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li juru li waħda mill-iktar kumpanniji importanti f'dan is-settur diġà tipprovdi, waħedha, dħul sostanzjali lil dan il-gvern.

383 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, il-ħames u s-sitt aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandhom jiġu miċħuda.

2. Fuq l-allegati żbalji ta' liġi u żnaturamenti mwettqa mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-"influwenza" tat-tieni appellant u tal-eżerċizzju ta' "attività" mill-ewwel u mill-ħames appellant, fis-sens tal-kriterju (g)

384 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-696/23 P, tat-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P kif ukoll tat-tmien aggravju fil-Kawża C-111/24 P, l-ewwel, it-tieni u l-ħames appellant isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi jew saħansitra żnaturamenti fir-rigward tal-"influwenza" tat-tieni appellant u tal-eżerċizzju ta' "attività" mill-ewwel u mill-ħames appellant, fis-sens tal-kriterju (g).

a) Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-Kawża C-696/23 P

1) L-argumenti tal-partijiet

385 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tiegħu fil-Kawża C-696/23 P, l-ewwel appellant isostni li, fil-punt 52 tal-ewwel sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kunsill seta' validament jikkunsidra li huwa kien jeżerċita "attività" f'ċerti setturi ekonomiċi Russi fid-data tal-inklużjoni tiegħu fil-listi annessi mad-Deċiżjoni u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, meta fil-fatt, fid-dawl tat-trasferiment tal-azzjonijiet tiegħu ftit jiem qabel din id-data, fl-imsemmija data huwa kien jokkupa biss funzjonijiet formali fi ħdan il-bordijiet ta' sorveljanza ta' TMK u tal-grupp Sinara, u li, barra minn hekk, il-kunsiderazzjonijiet żviluppati mill-Qorti Ġenerali f'dak il-punt jikkonċernaw biss l-attivitajiet ta' dawn il-kumpanniji u mhux tiegħu personalment.

386 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad din il-parti bħala inammissibbli sa fejn l-ewwel appellant fir-realtà qiegħed jipprova jikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti mingħajr ma juri l-eżistenza ta' kwalunkwe żnaturament. Fuq il-mertu, il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti ta' dan l-appellant.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

387 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-ammissibbiltà, għandu jiġi rrilevat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 161 ta' din is-sentenza, li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-ewwel appellant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx, fil-punt 52 tal-ħames sentenza appellata, klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti. Fil-fatt, huwa biss fil-punt 56 ta' dik is-sentenza li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet u tal-evalwazzjonijiet ta' fatt magħmula fil-punti 52 sa 55 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li dan l-appellant seta' jiġi kklassifikat bħala "negozjant ewlieni" li jeżerċita "attività" f'settur ekonomiku Russu, fis-sens tal-kriterju (g). F'dawn iċ-ċirkustanzi, meta jsemmi l-punt 52 tal-istess sentenza, l-imsemmi appellant ifittex li jdaħħal inkwistjoni

l-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali f'dak il-punt, konstatazzjonijiet li l-istħarriġ tagħhom ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell peress li l-istess appellant bl-ebda mod ma stabbilixxa li dik il-qorti żnaturat il-provi fl-imsemmi punt.

388 Mill-bqija, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-ewwel appellant kienx għadu jeżerċita tali attività fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kontenzjużi, għandu jiġi kkonstatat li din il-kwistjoni ġiet deċiża mill-Qorti Ġenerali fil-punt 62 tal-ewwel sentenza appellata, li ma huwiex ikkritikat minn dan l-appellant, u li fi kwalunkwe każ din hija kwistjoni ta' fatt li l-istħarriġ tagħha ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif jirriżulta mill-punt preċedenti.

389 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tat-tieni aggravju invokat insostenn tal-appell fil-Kawża C-696/23 P għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

b) Fuq it-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P

1) L-argumenti tal-partijiet

390 Permezz tat-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx b'mod suffiċjenti fid-dritt, fil-punt 126 tat-tieni sentenza appellata, ir-raġuni għalfejn, fir-rigward tal-atti ta' żamma kontenzjużi, il-funzjoni ta' konsulent li dan l-appellant kien beda jokkupa fi ħdan Yandex kompliet tagħtih "influwenza" sinjifikattiva, fis-sens tal-kriterju (g), u li dan jivvizzja l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward b'ineżattezza materjali.

391 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan l-ilment bħala inammissibbli sa fejn it-tieni appellant fir-realtà qiegħed jipprova jikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti mingħajr ma juri l-eżistenza ta' kwalunkwe żnaturament. Fuq il-mertu, il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti ta' dan l-appellant.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

392 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-ammissibbiltà, sa fejn, permezz tat-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu fil-Kawża C-704/23 P, it-tieni appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali mmotivat b'mod insuffiċjenti l-punt 126 tat-tieni sentenza appellata, għandu jitfakkar li l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali hijiex kontradittorja jew insuffiċjenti tikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li tista', bħala tali, tiġi invokata fil-kuntest ta' appell (sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Rose Vision vs Il-Kummissjoni, C-224/15 P, EU:C:2016:358, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

393 Fuq il-mertu, fir-rigward ta' din l-allegata insuffiċjenza ta' motivazzjoni, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 126 tat-tieni sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tirreferi għall-motivazzjoni esposta fil-punti 119 sa 124 ta' dik is-sentenza. Issa, il-punti 122 u 124 ta' din tal-aħħar, sa fejn jispjegaw essenzjalment li t-tieni appellant, minkejja li kien irriżenja mill-funzjonijiet tiegħu ta' direttur eżekuttiv u ta' assistent direttur ġenerali ta' Yandex u li kien jokkupa biss funzjoni ta' konsulent f'isimha, kien għad għandu, permezz ta' organizzazzjoni, setgħat importanti fir-rigward ta' Yandex u kien baqa' jifforma parti mit-tim ta' tmexxija kollettiva ta' din il-kumpannija, isostnu l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 126 tal-imsemmija sentenza, fis-sens li dan

l-appellant kien żamm rabtiet mill-qrib u kapaċità ta' influwenza fi ħdan l-imsemmija kumpannija. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li dan l-aħħar punt huwa vvizzjat b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

394 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tat-tieni appellant fis-sens li l-punt 126 tat-tieni sentenza appellata huwa vvizzjat minn ineżattezza materjali tal-fatti bħala konsegwenza tal-allegata insuffiċjenza ta' motivazzjoni f'dak il-punt għandu jiġi miċħud. Fi kwalunkwe każ, dan l-appellant ma jispjegax, kuntrarjament għal dak li teħtieġ il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 158 ta' din is-sentenza, fiex tikkonsisti din l-ineżattezza fir-rigward tal-atti tal-proċess ippreżentati lill-Qorti Ġenerali.

395 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-704/23 P għandu jiġi miċħud.

c) Kawża C-111/24 P

1) L-argumenti tal-partijiet

396 Permezz tat-tmien aggravju tiegħu invokat insostenn tal-appell tiegħu fil-Kawża C-111/24 P, il-ħames appellant isostni li, filwaqt li l-Qorti Ġenerali kienet diġà aċċettat li persuna ma tistax tiġi ssanzjonata abbażi tal-kriterju (g) minħabba attività ekonomika li hija tkun temmet diversi xhur qabel l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawha, dik il-qorti rrifjutat li tirrikonoxxi, fil-punti 129 u 130 tal-ħames sentenza appellata, li dan l-appellant, meta ttrasferixxa l-ishma tiegħu f'Alfa Bank, kien temm l-attività tiegħu qabel l-adozzjoni tal-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi. Il-Qorti Ġenerali mmotivat dan ir-rifjut bil-fatt li l-artiklu tal-istampa prodott mill-imsemmi appellant sabiex jipprova r-realtà ta' dan it-trasferiment ma kienx suffiċjentement preċiż sa fejn la kien jindika d-data tal-imsemmi trasferiment u lanqas l-identità taċ-ċessjonarju u ma kienx akkumpanjat minn dokument uffiċjali.

397 Il-ħames appellant iqis li, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' smigħ xieraq billi ssuġġettatu għal rekwiżiti probatorji eċċessivi u mhux iġġustifikati. Fil-fehma tiegħu, il-kompożizzjoni tal-azzjonisti l-ġodda hija kwistjoni eżoġena, il-produzzjoni ta' dokument uffiċjali hija superfluwa u eċċessiva u d-data tat-trasferiment hija b'mod ċar qabel id-data tal-adozzjoni tal-ewwel atti ta' żamma kontenzjużi. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet huwa miksur ukoll minħabba l-fatt li, f'kawżi oħra, il-Qorti Ġenerali aċċettat li l-Kunsill jipproduċi artikli tal-istampa mill-istess sors bħal dak prodott fl-ewwel istanza mill-ħames appellant, inkluż sabiex jiġi stabbilit li persuna ssanzjonata ma għadhiex l-azzjonista ta' impriża partikolari.

398 Il-ħames appellant jallega wkoll li l-Qorti Ġenerali ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha minħabba li l-Kunsill sempliċement ikkontesta l-affidabbiltà tal-artiklu prodott minn dan l-appellant u tal-aġenzija tal-istampa li ppubblikat dan l-artiklu, mingħajr ma ġiet suġġetta għal dan l-istħarriġ il-kwistjoni tan-neċessità li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali dwar dan is-suġġett. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' kontradittorju sa fejn il-kwistjoni tat-trasferiment tal-ishma tal-ħames appellant ma kinitx suġġetta għal dibattitu kontradittorju.

399 Il-Kunsill iqis li t-tmien aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandu jiġi ddikjarat inammissibbli sa fejn il-ħames appellant, permezz ta' dan l-aggravju, qiegħed fir-realtà jipprova jikseb eżami mill-ġdid ta' prova mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fuq il-mertu, il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ħames appellant.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

i) Fuq l-ammissibbiltà

400 Qabel kollox, għandu jitfakkar, kif ġie indikat fil-punti 226 u 324 ta' din is-sentenza, li, minn naħa, l-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali jestendi, b'mod partikolari, għall-kwistjoni dwar jekk ir-regoli fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova ġewx osservati u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' osservanza mill-Qorti Ġenerali tal-portata tas-setgħa ġudizzjarja tagħha huwa kwistjoni ta' liġi li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

401 Sussegwentement, l-allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-korollarji tiegħu, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u l-prinċipju ta' kontradittorju, li l-Qorti Ġenerali hija obbligata tosserva matul il-proċeduri mressqa quddiemha, huwa kwistjoni ta' liġi li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punti 56 sa 77, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-348/20 P, EU:C:2022:548, punti 127 u 128).

402 Fl-aħħar nett, sakemm dawn il-provi jkunu nkisbu legalment u sakemm il-prinċipji ġenerali tad-dritt u r-regoli proċedurali applikabbli fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi prodotti quddiemha, u din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix, sakemm ma jkunx hemm żnaturament ta' dawn il-provi, kwistjoni ta' liġi suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2018, Bank Tejarat vs Il-Kunsill, C-248/17 P, EU:C:2018:967, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata.

403 F'dan il-każ, il-ħames appellant isostni essenzjalment ksur, mill-Qorti Ġenerali, tar-regoli fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova, tal-portata tas-setgħa ġudizzjarja tagħha kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-prinċipji ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u ta' kontradittorju. Issa, l-aggravji bbażati fuq tali ksur huma, bħala prinċipju, ammissibbli insostenn ta' appell, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punti 400 u 401 ta' din is-sentenza.

404 Mill-banda l-oħra, sa fejn il-ħames appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ikkunsidrat, fil-punt 130 tal-ħames sentenza appellata, li l-prova eżaminata f'dak il-punt ma kellhiex valur probatorju suffiċjenti, għandu jitqies li dan l-argument huwa inammissibbli, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 402 ta' din is-sentenza.

405 Minn dan isegwi li t-tmien aggravju fil-Kawża C-111/24 P huwa ammissibbli biss sa fejn speċifikat fil-punt 403 ta' din is-sentenza.

ii) Fuq il-mertu

406 Permezz tat-tmien aggravju tiegħu, il-ħames appellant isostni essenzjalment li, fil-punt 130 tal-ħames sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet kif ukoll il-prinċipju ta' kontradittorju u ma osservatx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha waqt l-eżami ta' prova prodotta minn dan l-appellant fl-ewwel istanza.

407 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dritt għal smigħ xieraq jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, li issa huwa stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan id-dritt, il-qrati tal-Unjoni għandhom jiżguraw li jiġi osservat quddiemhom u li josservaw huma stess il-prinċipju ta' kontradittorju, li jagħti lil kull parti f'kawża d-dritt li tieħu konjizzjoni tal-atti u tal-osservazzjonijiet ippreżentati lill-qorti mill-parti l-oħra u li tiddiskutihom. Sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq, huwa fil-fatt meħtieġ li l-partijiet ikunu jafu u jkunu jistgħu jiddiskutu b'mod kontradittorju kemm il-punti ta' fatt u kif ukoll il-punti ta' liġi li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċedura. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, li huwa korollarju tal-kunċett stess ta' smigħ xieraq, jimplika l-obbligu li kull parti tiġi offruta possibbiltà raġonevoli li tippreżenta l-kawża tagħha, inklużi l-provi tagħha, f'kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ċar meta mqabbla mal-avversarju tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punti 56 sa 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-348/20 P, EU:C:2022:548, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

408 F'dan il-każ, mill-proċess tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma jirriżultax li l-ħames appellant ġie mċaħħad, fid-dawl tar-rekwiżiti tad-dritt għal smigħ xieraq, mill-possibbiltà li jiddiskuti u li jissostanzja l-prova eżaminata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 130 tal-ħames sentenza appellata u li għalhekk huwa kien tqiegħed f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ċar meta mqabbel mal-Kunsill. Fil-fatt, dan tal-aħħar, fir-risposta tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, eċċepixxa n-natura impreċiża ta' din il-prova u invoka n-neċessità li din tiġi kkompletata permezz ta' dokument uffiċjali li kien raġonevolment possibbli għall-ħames appellant li jipproduċi fir-replika tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, fatt li dan tal-aħħar ma jikkontestax fil-kuntest tal-appell tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali żammet seduta, li fiha r-rikorrent seta' jippreżenta l-argumenti tiegħu dwar il-prova inkwistjoni.

409 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, it-tmien aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

F. Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju u fuq il-ħames aggravju fil-Kawża C-696/23 P, fuq it-tielet kap tat-talbiet fil-Kawża C-704/23 P, fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P u fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-111/24 P

1. Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju u fuq il-ħames aggravju fil-Kawża C-696/23 P

a) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju

1) L-argumenti tal-partijiet

410 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, li għandha tiġi eżaminata f'din it-taqsima konformement mal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 91 ta' din is-sentenza, l-ewwel appellant isostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset, kemm fil-punt 66 kif ukoll fil-punt 89 tal-ewwel sentenza appellata, li d-dħul imsemmi mill-kriterju (g) kellu joriġina mis-setturi ekonomiċi. Fil-fehma tiegħu, dan id-dħul jista' jkun relatat biss mal-impriżi li joperaw f'dawn is-setturi jew man-negozjanti ewlenin. F'dan ir-rigward, l-ewwel appellant ifakkar li, konformement mad-dritt primarju tal-Unjoni u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżuri restrittivi jistgħu jiġu adottati kontra persuna biss jekk tiġi stabbilita rabta suffiċjenti bejn din il-persuna u r-reġim jew is-sitwazzjoni miġġielda. Issa, fil-kuntest tal-kriterju (g), tali rabta tista' tiġi stabbilita biss jekk il-persuna suġġetta għal miżuri restrittivi tikkontribwixxi hija stess, anki jekk b'mod indirett permezz ta' impriżi li hija tikkontrolla, għall-baġit tal-Federazzjoni Russa.

411 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ewwel appellant.

i) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

412 Kif jirriżulta essenzjalment mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 181, 276 u 291 ta' din is-sentenza, il-kategorija ta' persuni koperti mill-kriterju (g), jiġifieri "negozjanti ewlenin", għandha fil-fatt rabta oġġettiva mal-Federazzjoni Russa fid-dawl tal-għan li jikkonsisti, kif ġie espost mill-Qorti Ġenerali fil-punt 90 tal-ewwel sentenza appellata u kif tfakkar fil-punt 121 ta' din is-sentenza, fl-eżerċizzju ta' pressjoni addizzjonali fuq il-Federazzjoni Russa u fit-tkabbir tal-ispiża għal din tal-aħħar tal-azzjonijiet tagħha intiżi li jikkompromettu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

413 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset li l-kriterju (g) kellu, kif jirriżulta mill-punt 66 tal-ewwel sentenza appellata u mill-punt 125 ta' din is-sentenza, jiġi interpretat fis-sens li s-sors sostanzjali ta' dħul miksub mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa ma għandux joriġina min-negozjanti ewlenin iżda mis-setturi ekonomiċi li fihom dawn jeżerċitaw l-attività tagħhom.

414 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-696/23 P għandu jiġi miċħud.

2) Fuq il-ħames aggravju

415 Permezz tal-ħames aggravju tiegħu, l-ewwel appellant jiddikjara li qiegħed itenni l-argumenti kollha li huwa invoka fl-ewwel istanza fir-rigward tat-tieni kriterju li fuqu kienu bbażati l-miżuri restrittivi meħuda kontrih, jiġifieri l-kriterju previst b'mod partikolari fl-Artikolu 2(1)(f) tad-Deċiżjoni 2014/145, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell, tannulla l-ewwel sentenza appellata u tiddeċiedi hija stess fuq ir-rikors għal annullament.

416 Il-Kunsill iqis li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

417 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ħames aggravju mressaq mill-ewwel appellant insostenn tal-appell tiegħu tqajjem fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell u tannulla l-ewwel sentenza appellata abbażi ta' wieħed jew iktar mill-erba' aggravji l-oħra invokati minn dan l-appellant. Fid-dawl tal-fatt li ebda wieħed minn dawn l-erba' aggravji l-oħra ma jista' jintlaqa', ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq il-ħames aggravju.

2. Fuq it-tielet kap tat-talbiet fil-Kawża C-704/23 P

418 Permezz tat-tielet kap tat-talbiet tiegħu, it-tieni appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tordna, skont l-Artikolu 268 TFUE, li jingħata kumpens għad-dannu morali li huwa allegatament ġarrab minħabba l-adozzjoni tal-atti kontenzjużi.

419 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 169(1) u l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura, it-talbiet tal-appell għandhom ikunu intiżi għall-annullament, totali jew parzjali, tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali kif din tkun tinsab fid-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni u, fil-każ li l-appell jiġi ddikjarat fondat, sabiex jintlaqgħu t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza, bl-esklużjoni ta' kull talba ġdida.

420 Fid-dawl tal-fatt li t-tielet kap tat-talbiet ma huwiex intiż għall-annullament, totali jew parzjali, tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali kif tinsab fid-dispożittiv tat-tieni sentenza appellata, dan il-kap tat-talbiet għandu jinftiehem bħala li jirrigwarda l-ipoteżi li fiha l-appell jiġi ddikjarat fondat. Issa, minbarra l-fatt li ebda wieħed mill-aggravji mressqa mit-tieni appellant insostenn tal-appell tiegħu ma jista' jintlaqa', għandu jiġi rrilevat li l-imsemmi kap tat-talbiet huwa fi kwalunkwe każ inammissibbli peress li dan l-appellant ma ppreżentax, fl-ewwel istanza, talba intiża sabiex jikseb kumpens għad-dannu morali li huwa allegatament ġarrab minħabba l-adozzjoni tal-atti kontenzjużi.

3. Fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P

421 Permezz tal-ħames parti tal-ewwel aggravju tiegħu, ir-raba' appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, permezz tal-użu tal-preżent indikattiv fil-punti 33, 59, 61 u 76 tar-raba' sentenza appellata, żnaturat il-fatti billi kkunsidrat li huwa kien għadu proprjetarju u president-direttur ġenerali ta' Uralchem meta fil-fatt, fil-jum tal-għoti ta' dik is-sentenza, huwa ma kienx għadu jokkupa l-funzjoni ta' president-direttur ġenerali ta' din il-kumpannija.

422 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-raba' appellant.

423 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li r-raba' appellant ma jispjegax kif tali żnaturament, jekk jitqies li huwa stabbilit, kellu effett fuq id-dispożittiv tar-raba' sentenza appellata.

424 Għaldaqstant, il-ħames parti tal-ewwel aggravju fil-Kawża C-35/24 P għandha tiġi miċħuda.

4. Fuq l-ewwel aggravju fil-Kawża C-111/24 P

a) L-argumenti tal-partijiet

425 Insostenn tal-ewwel aggravju tiegħu, il-ħames appellant ifakkar li l-miżuri restrittivi li huwa s-suġġett tagħhom huma bbażati fuq il-kriterji (g) u (d). Huwa jenfasizza wkoll li r-rikors tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali kien jirrigwarda kull wieħed minn dawn iż-żewġ kriterji.

426 F'dan il-kuntest, il-ħames appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali rrifjutat, fil-punti 134 u 135 tal-ħames sentenza appellata, li teżamina l-argumenti tiegħu dwar il-kriterju (d) għaliex qieset li l-miżuri restrittivi meħuda abbażi tal-kriterju (g) kienu fondati u suffiċjenti sabiex isostnu l-atti kontenzjużi. Issa, id-dritt għal rimedju effettiv, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, jimplika li rikorrent għandu jkun jista', meta att tal-Unjoni jkun ibbażat fuq bażijiet legali differenti, jistenna deċiżjoni fis-sens li dan l-att huwa tal-inqas parzjalment infondat.

427 Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li, b'differenza mill-kriterju (g), il-kriterju (d) ikopri persuni li jipprovdu appoġġ lil persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet jew li jieħdu vantaġġ minn dawn tal-aħħar, id-dritt għar-reputazzjoni, li jagħmel parti mid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, jimplika li l-ħames appellant għandu jkun jista', sabiex jistabbilixxi mill-ġdid ir-reputazzjoni tiegħu, jikseb konstatazzjoni fis-sens li r-raġunijiet adottati mill-Kunsill fir-rigward tal-kriterju (d) huma ineżatti, u dan anki jekk l-inklużjoni tiegħu tkun iġġustifikata fid-dawl tal-kriterju (g).

428 Dan għandu japplika iktar u iktar peress li l-miżuri restrittivi ma humiex ta' natura punittiva, iżda huma intiżi sabiex ibiddlu ċertu aġir li jsostni sitwazzjonijiet li dwarhom ikun hemm oġġezzjoni taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni. Issa, peress li persuna akkużata b'mod falz ma tistax tbiddel aġir li hija, mid-definizzjoni ta' dan l-aġir stess, qatt ma kellha, il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika jekk ir-raġunijiet adottati mill-Kunsill kontra l-ħames appellant fir-rigward tal-kriterju (d) kinux korretti jew le.

429 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-ħames appellant.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

430 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni tal-Unjoni li tadotta miżuri restrittivi, fir-rigward tan-natura preventiva tagħhom, jekk il-qorti tal-Unjoni tikkunsidra li, tal-inqas, waħda mir-raġunijiet imsemmija hija suffiċjentement preċiża u konkreta, hija ssostanzjata u tikkostitwixxi fiha nnifisha bażi suffiċjenti sabiex tissostanzja din id-deċiżjoni, il-fatt li raġunijiet oħra minn fost dawn ir-raġunijiet ma jkunux tali ma jistax jiġġustifika l-annullament tal-imsemmija deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 130; tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 72; kif ukoll tad-29 ta' Novembru 2018, Bank Tejarat vs Il-Kunsill, C-248/17 P, EU:C:2018:967, punt 60).

431 Huwa paċifiku li, fil-punti 134 u 135 tal-ħames sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali applikat din il-ġurisprudenza sabiex tqis li ma kienx neċessarju għaliha li teżamina l-fondatezza tal-miżuri restrittivi adottati kontra l-ħames appellant skont il-kriterju (d), peress li kienet waslet għall-konklużjoni li dawn il-miżuri kienu fondati fid-dawl tal-kriterju (g).

432 Kuntrarjament għal dak li jsostni l-ħames appellant, l-imsemmija ġurisprudenza ma tiksirx ir-rekwiżiti tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv u lanqas, bħala komponent tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għar-reputazzjoni, kif dawn id-drittijiet fundamentali huma rispettivament stabbiliti fl-Artikoli 47 u 7 tal-Karta.

433 Fil-fatt, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-Unjoni li jimponu miżuri restrittivi, kif tirriżulta mill-istess ġurisprudenza, tiggarantixxi bilanċ ġust bejn, minn naħa, il-ħarsien tal-paċi kif ukoll tas-sigurtà internazzjonali u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni preċiżament, fit-tfittxija ta' dan il-bilanċ ġust, kemm id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kif ukoll id-dritt għar-reputazzjoni tal-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 130 sa 134).

434 It-tieni nett, għalkemm ma jistax jiġi eskluż, kif isostni l-ħames appellant, li teżisti differenza, f'termini ta' ħsara għar-reputazzjoni, bejn inklużjoni bbażata fuq il-kriterju (g) u inklużjoni bbażata fuq il-kriterju (d), fis-sens li tal-ewwel ikopri kategoriji ta' persuni, ta' entitajiet jew ta' korpi li, għall-kuntrarju tat-tieni wieħed, ma jkollhomx neċessarjament relazzjoni mal-"persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukraina", xorta jibqa' l-fatt li dan l-appellant ma jiġix imċaħħad, għas-sempliċi raġuni li la l-Qorti Ġenerali fl-ewwel istanza u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell ma jieħdu deċiżjoni dwar il-fondatezza tal-inklużjoni tiegħu skont il-kriterju (d), mill-possibbiltà li jitlob kumpens għad-dannu li huwa jqis li jkun ġarrab minħabba din l-inklużjoni u, għaldaqstant, mit-tgawdija ta' dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

435 Fil-fatt, għandu jitfakkar li r-rikors għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, ibbażat fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, ġie previst bħala rimedju awtonomu, li għandu l-funzjoni partikolari tiegħu fil-kuntest tas-sistema tar-rimedji u li huwa suġġett għal kundizzjonijiet ta' eżerċizzju maħsuba fid-dawl tal-għan speċifiku tiegħu. Għalhekk, skont id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 268 u 340 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, persuna bħalma huwa l-ħames appellant tista' tippreżenta tali rikors, f'terminu ta' ħames snin li jibda jiddekorri minn meta jseħħ il-fatt li jkun ta lok għal din ir-responsabbiltà, sabiex tikseb kumpens għad-dannu li hija tqis li ġarrbet minħabba l-miżuri restrittivi li ġew imposti fuqha permezz ta' att tal-Unjoni, u dan anki jekk ma tkunx talbet l-annullament tal-att allegatament illegali li kkawżalha d-dannu jew anki jekk il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkunux taw deċiżjoni dwar il-motivi kollha ta' annullament relatati mad-diversi kriterji ta' inklużjoni, kemm-il darba din il-persuna ma tipprovax tikseb eżitu identiku għal dak li setgħet tikseb li kieku rebħet rikors għal annullament li tkun naqset milli tippreżenta fit-terminu previst (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2019, L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe u Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea, C-447/17 P u C-479/17 P, EU:C:2019:672, punti 49 sa 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

436 Issa, fis-sitwazzjoni li jinsab fiha l-ħames appellant, din l-aħħar kundizzjoni tkun issodisfatta jekk, permezz tar-rikors għad-danni tiegħu, huwa ma jkollux l-intenzjoni li jikseb l-annullament tal-miżuri restrittivi imposti abbażi tal-kriterju (d), iżda l-kumpens għad-dannu allegatament imġarrab, f'termini ta' reputazzjoni, minħabba l-impożizzjoni ta' dawn il-miżuri skont dan il-kriterju.

437 It-tielet nett, il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 430 ta' din is-sentenza taqa' wkoll fil-loġika tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, kif jirriżulta mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

438 Konformement mal-Artikolu 169(1) u mal-Artikolu 170(1) ta' dawn ir-Regoli, it-talbiet tal-appell għandhom ikunu intiżi għall-annullament, totali jew parzjali, tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali kif din tkun tinsab fid-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni u, fil-każ li l-appell jiġi ddikjarat fondat, sabiex jintlaqgħu t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza, bl-esklużjoni ta' kull talba ġdida.

439 Minn dan isegwi li appell għandu jinkludi aggravji intiżi li jikkritikaw fid-dritt deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali u li jista' jkollhom effett fuq id-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, dawn l-aggravji għandhom jiġu ddikjarati ineffettivi minħabba l-inkapaċità tagħhom li jwasslu għall-annullament totali jew parzjali tal-imsemmija deċiżjoni kif tinsab f'dan id-dispożittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2000, EFMA vs Il-Kunsill, C-46/98 P, EU:C:2000:474, punt 38, kif ukoll tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punt 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

440 Huwa b'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza li, fil-qasam tal-miżuri restrittivi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li, meta l-Qorti Ġenerali tkun ġustament ikkunsidrat li miżuri restrittivi adottati abbażi ta' wieħed mill-kriterji ta' inklużjoni previsti mill-att tal-Unjoni kkonċernat kienu fondati, l-aggravji bbażati fuq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali tkun allegatament wettqet fl-evalwazzjoni tagħha tal-fondatezza ta' dawn il-miżuri adottati abbażi ta' kriterju ieħor previst minn dan l-att ikollhom jiġu ddikjarati ineffettivi. Fil-fatt, sa fejn id-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali jkun fondat, tali żball ta' liġi, jekk jitqies li huwa stabbilit, ma jkunx jista' jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali u lanqas, *a fortiori*, għall-annullament tal-atti kkontestati mill-appellant (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2018, Bank Tejarat vs Il-Kunsill, C-248/17 P, EU:C:2018:967, punt 61, kif ukoll tal-1 ta' Awwissu 2025, Timchenko vs Il-Kunsill, C-702/23 P, EU:C:2025:605, punt 48).

441 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, l-ewwel aggravju fil-Kawża C-111/24 P għandu jiġi miċħud.

V. Konklużjoni

442 Fid-dawl tal-motivi preċedenti kollha, l-appelli fil-Kawżi magħquda C-696/23 P, C-704/23 P, C-711/23 P, C-35/24 P u C-111/24 P għandhom jiġu miċħuda.

VI. Fuq l-ispejjeż

443 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

444 Peress li l-ħames appellanti tilfu, hemm lok li, kif mitlub mill-Kunsill, huma jiġu ordnati jbatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill f'kull waħda minn dawn il-kawżi.

445 Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli wkoll għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-Regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Repubblika Ċeka u l-Kummissjoni, intervenjenti fl-appell fil-Kawża C-35/24 P, kif ukoll ir-Repubblika tal-Latvja, intervenjenti fl-ewwel istanza u li pparteċipat fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom fl-imsemmija kawża.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-Kawżi C-696/23 P, C-704/23 P, C-711/23 P, C-35/24 P u C-111/24 P huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.**

2) **L-appelli huma miċħuda.**

3) **Dmitry Alexandrovich Pumpyanskiy, Tigran Khudaverdyan, Viktor Filippovich Rashnikov, Dmitry Arkadievich Mazepin u German Khan għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'kull waħda mill-kawżi magħquda.**

4) **Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-Kawża C-35/24 P.**

Firem